Il-Kummissjoni Ewropea



# Il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fl-Unjoni Ewropea

## Gwida għall-ġuristi

Ġustizzja

# WERREJ

1. Introduzzjoni . . . . . 4
1.1. *"Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili" – nibnu pontijiet bejn is-sistemi ġudizzjarji fl-UE* . . . . . 5
1.2. *Lejn spazju Ewropew ġenwin tal-ġustizzja ċivili* . . . . . 5
1.3. *Pożizzjoni speċjali tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit* . . . . . 6
1.4. *Il-Kooperazzjoni msaħħa* . . . . . 7
1.5. *L-"acquis" fil-ġustizzja ċivili* . . . . . 7
1.6. *Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u l-abolizzjoni ta' "exequatur"* . . . . . 7

2. Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar f'materji ċivili u kummerċjali – ir-Regolament Brussell I . . . . . 10
2.1. *Introduzzjoni Ġenerali* . . . . . 11
2.2. *Ir-Regolament Brussell I u r-riformulazzjoni ta' Brussell I* . . . . . 12

3. Il-proċeduri Ewropej f'materji ċivili u kummerċjali . . . . . 24
3.1. *Ħarsa ġenerali* . . . . . 25
3.2. *L-Ordni Ewropea ta' Infurzar għal talbiet mhux ikkontestati – "EEO"* . . . . . 25
3.3. *L-Ordni Ewropew għal Proċedura ta' Ħlas – "EOP"* . . . . . 27
3.4. *Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar –"ESCP"* . . . . . 27
3.5. *L-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet – "EAPO"* . . . . . 29

4. L-insolvenza . . . . . 30
4.1. *Sfond* . . . . . 31
4.2. *Ir-Regolament Ewropew dwar l-Insolvenza* . . . . . 31

5. Il-Liġi Applikabbli . . . . . 36
5.1. *Liġi applikabbli – il-problematika* . . . . . 37
5.2. *Il-Liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali – Ir-Regolament "Ruma I"* . . . . . 37
5.3. *Il-liġi applikabbli f'Delitt – ir-Regolament "Ruma II"* . . . . . 43

6. Responsabbiltà tal-Ġenituri u Divorzju . . . . . 50
6.1. *Ir-Regolament "Brussell IIa"* . . . . . 51
6.2. *Liġi Applikabbli fid-Divorzju – Ir-Regolament "Ruma III"* . . . . . 58

7. Obbligi ta' Manteniment . . . . . 62
7.1. *Sfond għar-Regolament dwar il-Manteniment - ir-Regolament Brussell I u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar il-Manteniment* . . . 63
7.2. *Għan tar-Regolament dwar il-Manteniment* . . . . . 63
7.3. *Kamp ta' applikazzjoni* . . . . . 64
7.4. *Ġurisdizzjoni* . . . . . 64
7.5. *Liġi Applikabbli – l-Artikolu 15* . . . . . 66
7.6. *Rikonoxximent u Infurzar* . . . . . 67
7.7. *L-għajnuna legali u l-eżenzjoni mill-ispejjeż – l-Artikoli 44 sa 47* . . . 68
7.8. *Awtoritajiet ċentrali– l-Artikoli 49 sa 63* . . . . . 69

8. Is-Suċċessjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 70

8.1. *Sfond u għanijiet tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni . . . . . . . . . . . 71*
8.2. *Il-Ġurisdizzjoni dwar is-Suċċessjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 72*
8.3. *Il-Liġi Applikabbli . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 74*
8.4. *Rikonoxximent u Infurzar . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 78*
8.5. *Iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – l-Artikoli 62 sa 73 . . . . . . 79*
8.6. *Informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tal-Istati Membri – l-Artikoli 77 sa 79 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 82*

9. Notifika tad-dokumenti . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 84

9.1. *L-isfond tar-Regolament għan-Notifika tad-dokumenti . . . . . . . . . . 85*
9.2. *Ir-Regolament dwar in-Notifika tad-Dokumenti . . . . . . . . . . . . . . . . . 85*

10. Il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 90

10.1. *L-isfond tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda . . . . . . 91*
10.2. *Ir-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda . . . . . . . . . . . . . . . . 91*

11. L-għajnuna legali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 94

11.1. *Sfond . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 95*
11.2. *Id-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 95*

12. Il-Medjazzjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 98

12.1. *Soluzzjoni barra mill-qorti – metodi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea . . . . . . . . . . . . . . . . 99*
12.2. *Il-Kodiċi tal-Kondotta Ewropew għall-Medjaturi . . . . . . . . . . . . . . . . . 99*
12.3. *Id-Direttiva Ewropea dwar il-Medjazzjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 99*

13. Eżekuzzjoni tas-Sentenzi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 102

13.1. *Sfond . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 103*
13.2. *Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ("EAPO") . . . . . . . . . 103*
13.3. *Ġurisdizzjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 105*
13.4. *Il-kisba ta' EAPO . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 105*
13.5. *X'jiġri ladarba tingħata l-EAPO . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 107*
13.6. *Rimedji u dispożizzjonijiet oħrajn għall-ħarsien tal-interessi tad-debitur . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 108*

14. Faċilitar tal-Kooperazzjoni Ġudizzjarja u Aċċess għall-Informazzjoni fil-prattika . . . . . . . . . . . . . . . . . . 110

14.1. *In-netwerk ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali . . . 111*
14.2. *Id-Disponibbiltà tal-Informazzjoni fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 113*

Lista tal-Istrumenti msemmija f'din il-Gwida . . . . . . 116



# 1 Introduzzjoni

## *1.1.* "Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili"– nibnu pontijiet bejn is-sistemi ġudizzjarji fl-UE

Matul l-aħħar 15-il sena, sar żvilupp importanti fil-qasam tal-liġi Ewropea li, madankollu, għadu mhux apprezzat mill-ġuristi fil-parti l-kbira tiegħu. Id-dritt internazzjonali privat jew – kif huwa msejjaħ fit-Trattat – "il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili" żviluppa f'qasam tal-liġi Ewropea indipendenti u separat. Peress li t-Trattat ta' Amsterdam ta kompetenza lill-Unjoni Ewropea biex tilleġisla fil-qasam tad-dritt internazzjonali privat, ġew adottati numru importanti ta' atti leġislattivi Ewropej f'dan il-qasam. Bħal f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni Ewropea l-istrumenti adottati f'dan il-qasam jieħdu prijorità fuq il-liġijiet domestiċi tal-Istati Membri u jorbtu mad-dritt nazzjonali meta jiġu stabbiliti fil-livell ta' Unjoni standards proċedurali minimi komuni f'oqsma speċifiċi tal-liġi.

Id-dritt internazzjonali privat Ewropew għandu rilevanza prattika għall-ġuristi – imħallfin, avukati, nutara u professjonisti legali oħrajn – li qed jieħdu deċiżjonijiet dwar materji tal-liġi ċivili u kummerċjali jew qed jagħtu pariri u jaġixxu f'isem klijenti bħal dawn. Il-prinċipji tal-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi, kapital u persuni jħeġġu l-mobbiltà taċ-ċittadini Ewropej u l-iżvilupp ta' attivitajiet kummerċjali fl-Unjoni Ewropea. Bħala riżultat ta' dan, il-ġuristi jaffaċċjaw dejjem iktar sitwazzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet transfruntiera u problemi u materji legali rregolati mil-liġi tal-UE. Tali sitwazzjonijiet jistgħu jinvolvu, pereżempju, l-eżekuzzjoni ta' kuntratti li jinvolvu l-konsenja ta' oġġetti u l-forniment ta' servizzi b'mod transfruntier, materji legali relatati mal-moviment tat-turisti u inċidenti tat-traffiku barra l-pajjiż, materji relatati mal-akkwist u t-trasferiment ta' proprjetà, mobbli u immobbli, minn individwi u negozji fi Stat Membru wieħed jew aktar tal-Unjoni Ewropea minbarra dak fejn huma bbażati u suċċessjoni għall-patrimonji ta' individwi li jkollhom proprjetà u konnessjonijiet ma' diversi Stati Membri. Fil-qasam tal-liġi tal-familja wkoll, ir-relazzjonijiet personali multinazzjonali huma dejjem aktar spissi u materji legali jinqalgħu b'mod regolari f'każijiet dwar relazzjonijiet ta' responsabbiltà tal-familja u tal-ġenituri transfruntiera. Bl-istess mod, illum, l-intrapriżi żgħar u medji – SMEs – li huma komponent kbir tas-suq domestiku Ewropew jagħmlu tranżazzjonijiet transfruntiera kważi b'mod awtomatiku u spiss onlajn. Bħala riżultat ta' dan, il-ġuristi fl-Istati Membri ma jistgħux ma jżommux ruħhom aġġornati dwar l-aħħar żviluppi f'dan il-qasam dejjem aktar kumpless u sinifikanti ta' attività fl-Unjoni Ewropea.

## *1.2.* Lejn spazju Ewropew ġenwin tal-ġustizzja ċivili

Ir-regoli tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili huma msejsin fuq il-preżunzjoni tal-valur, kompetenza u locus standi ugwali tas-sistemi legali u ġudizzjarji tal-Istati Membri individwali u tas-sentenzi tal-qrati tagħhom u, għalhekk, fuq il-**prinċipju ta' fiduċja reċiproka** fil-qrati u s-sistemi legali ta' xulxin. Ir-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet tal-qrati tal-Istati Membri jinsab fil-qalba ta' dan il-prinċipju li jħaddan ukoll l-idea tal-prattika ta' **kollaborazzjoni transfruntiera bejn il-qrati individwali u l-awtoritajiet tal-qorti**. L-importanza ta' regoli uniformi f'dan il-qasam hija li trawwem iċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà f'sitwazzjonijiet ġuridiċi b'implikazzjonijiet transfruntiera: li kieku kull Stat Membru kellu jistabbilixxi

b'mod individwali liema liġi għandha tapplika u liema qorti għandha tkun kompetenti f'kull relazzjoni ġuridika transfruntiera u liema sentenzi ta' liema Stati Membri oħrajn kellhom jiġu rikonoxxuti, ir-riżultat ikun nuqqas ta' ċertezza legali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi kemm fir-rigward tal-ġuriżdizzjoni kif ukoll rigward il-liġi applikabbli.

Fil-**Kunsill Ewropew ta' Tampere** fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, il-Kunsill kien sawwar l-għan li tinħoloq "żona Ewropea ġenwina tal-Ġustizzja", ibbażat fuq il-prinċipju li l-individwi u l-kumpaniji ma għandhomx jiġu ostakolati jew skoraġġuti milli jeżerċitaw drittijiethom minħabba inkompatibilitajiet jew kumplessitajiet tas-sistemi ġudizzjarji u amministrattivi fl-Istati Membri. B'mod partikolari, bħala prijoritajiet għal azzjoni f'dan il-qasam, il-Kunsill stabbilixxa l-**aċċess aħjar għall-Ġustizzja** fl-Ewropa, ir-**rikonoxximent reċiproku** ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji u **konverġenza** ikbar fil-qasam tal-liġi ċivili.

It-terminu **kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili** oriġina l-ewwel mit-**Trattat ta' Maastricht**, it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li ddefinixxa l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili bħala suġġett ta' interess komuni għall-Istati Membri. Permezz tat- **Trattat ta' Amsterdam**, din il-politika ta' kooperazzjoni, li sa dak iż-żmien kienet tindirizza biss l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri, saret kwistjoni għal azzjoni leġiżlattiva mill-istituzzjonijiet tal-Komunità Ewropea. It-**Trattat ta' Lisbona** jirreferi b'mod espliċitu għall-**prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku** ta' sentenzi f'materji ċivili iżda, essenzjalment, ħalla l-kompetenza leġiżlattiva mingħajr mittiefsa. L-**Artikolu 81** tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula lista komprensiva ta' attivitajiet li jistgħu jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni. Ħafna minn dawn huma familjari mill-kontenut tat-Trattati preċedenti iżda l-lista issa ssemmi li għandu jiġi offrut espressament aċċess effettiv għall-ġustizzja u taħriġ ġudizzjarju għall-membri tal-ġudikatura u l-persunal tal-qrati. L-Artikolu 81 jiċċara wkoll li l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili tista' tinkludi l-adozzjoni ta' miżuri għall-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri. Bl-eċċezzjoni ta' miżuri fil-liġi tal-familja, il-leġiżlazzjoni f'dawn l-oqsma issa tiġi adottata permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja, fejn il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tiġi adottata b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill bħala ko-leġislaturi. Miżuri tal-liġi tal-familja huma adottati skont il-proċedura speċjali li fiha l-Kunsill jaġixxi b'mod unanimu wara li jikkonsulta lill-Parlament.

## *1.3.* Pożizzjoni speċjali tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit

Meta japplikaw l-istrumenti tad-dritt internazzjonali privat Ewropew, il-ġuristi għandhom jiftakru li mhux l-istrumenti kollha japplikaw għall-Istati Membri kollha. Id-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit għandhom arranġament speċjali skont it-Trattat rigward il-leġislazzjoni adottata fil-qasam tal-ġustizzja ċivili. Id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni tal-istrumenti f'dan il-qasam u mhjiex marbuta minn ebda wieħed minnhom. Minkejja dan, għadd ta' strumenti ġew estiżi għad-Danimarka permezz ta' ftehim bilaterali mal-UE. Ir-Renju Unit u l-Irlanda għandhom id-dritt li jagħżlu jekk jieħdux sehem fl-adozzjoni ta' strumenti leġislattivi f'dan il-qasam u jintrabtu bi strument biss fuq bażi ta' inklużjoni fakultattiva. S'issa r-Renju Unit u l-Irlanda adottow fuq bażi fakultattiva ħafna iżda mhux l-atti leġislattivi kollha fil-qasam tal-materji ċivili u kummerċjali. Għalhekk, pereżempju,

ir-Renju Unit u l-Irlanda ma adottawx fuq il-bażi ta' inklużjoni fakultattiva ir-Regolament dwar is-Suċċessjoni. Fl-applikazzjoni ta' strument leġislattiv f'dan il-qasam ta' min jiġi vverifikat jekk l-istrument japplikax ukoll kemm għat-tnejn jew għal liema minn dawn l-Istati Membri u sa fejn aċċettat li tipparteċipa d-Danimarka.

## 1.4. Il-Kooperazzjoni msaħħa

Fl-aħħarnett, skont id-dispożizzjonijiet dwar il-**kooperazzjoni msaħħa** fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, mill-inqas disa' Stati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex isaħħu l-kooperazzjoni bejniethom billi jieħdu miżuri li jsaħħu l-objettivi tal-UE, iżda biss bħala l-aħħar għażla meta jintwera li l-miżuri inkwistjoni ma jistgħux jittieħdu mill-Istati Membri kollha. Fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili, l-unika miżura adottata s'issa b'dan il-mod tikkonċerna l-liġi applikabbli għad-divorzju (ir-Regolament "Rome III").

## 1.5. L-"acquis" fil-ġustizzja ċivili

L-hekk imsejjaħ "acquis communautaire" – il-korp ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali – kiber b'mod sinifikanti matul l-aħħar ħmistax-il sena. Hemm strumenti ġuridiċi fis-seħħ li jirregolaw il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku u l-infurzar tas-sentenzi u l-liġi applikabbli f'firxa wiesgħa ta' materji, li jestendu minn obbligi ta' kuntratt għal dawk ta' suċċessjonijiet u ta' manteniment. Il-leġislazzjoni Ewropea tipprovdi wkoll kooperazzjoni diretta bejn il-qrati u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, pereżempju meta ssir il-kumpilazzjoni tax-xhieda barra l-pajjiż jew f'materji ta' sekwestru ta' minuri. L-aċċess għall-ġustizzja f'każijiet transfruntiera tjieb permezz ta' dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna legali, il-medjazzjoni u l-proċeduri simplifikati u ta' spiża baxxa għal talbiet żgħar mhux ikkontestati. Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-"acquis" fil-prattika, inħoloq in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali.

Issa l-**"acquis"** huwa matur biżżejjed tant li qed jiġu adottati strumenti tat-"tieni" u anke tat-"tielet" ġenerazzjoni. Il-**ħtieġa li jiġu aġġornati** l-miżuri eżistenti tirrifletti l-esperjenza tal-funzjonament tagħhom fil-prattika **kif ukoll** ħsieb ġdid dwar x'għandhom jagħmlu l-istrument biex jaqdu ċ-ċirkustanzi soċjali u ekonomiċi kontemporanji.

## 1.6. Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u l-abolizzjoni ta' "exequatur"

Il-qofol tal-politika fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja tal-UE f'materji ċivili u kummerċjali huwa l-prinċipju tar-**rikonoxximent reċiproku.** Ir-rikonoxximent reċiproku msaħħaħ ta' deċiżjonijiet u sentenzi ġudizzjarji u l-approssimazzjoni meħtieġa tal-leġislazzjoni huwa maħsub biex jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet individwali. L-għan aħħari tal-politika tar-rikonoxximent reċiproku huwa li deċiżjonijiet ġudizzjarji ta' kull tip fil-qasam tal-materji ċivili u kummerċjali jiċċirkolaw b'mod ħieles bejn l-Istati Membri kollha u għalhekk jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stati Membri oħrajn mingħajr ebda passi intermedji.

Element ewlieni fl-iżvilupp tal-liġi tal-UE f'dan ir-rigward huwa t-tneħħija progressiva tal-ostakoli għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi bejn is-sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri. F'Ottubru 1999, il-Kunsill ta' Tampere talab għal aktar tnaqqis fil-miżuri intermedji li kienu għadhom meħtieġa sabiex ikun hemm rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni jew sentenza fl-Istat mitlub u l-abolizzjoni sħiħa tal-proċedura meħtieġa biex sentenza barranija tiġi ddikjarata infurzabbli ("exequatur").

Bħala l-ewwel pass, il-proċeduri intermedji ġew aboliti għal talbiet żgħar tal-konsumatur jew kummerċjali kif ukoll għal talbiet mhux kontestati. L-emenda reċenti tar-Regolament "Brussell I" tmur lil hinn minn dan u tħassar il-proċedura "exequatur" għal deċiżjonijiet ġudizzjarji f'materji ċivili u kummerċjali b'mod ġenerali. Il-proċedura exequatur ġiet abolita wkoll għal ċerti deċiżjonijiet marbutin mal-liġi tal-familja u l-manteniment.

L-istrumenti adottati s'issa huma deskritti fil-paġni li ġejjin ta' din il-Gwida. Id-deskrizzjoni ta' kull strument hija maħsuba biex tagħti ħarsa fil-qosor lejn il-kontenut tal-istrument iżda mhix maħsuba bħala sostitut għal referenza għal u studju tat-test tal-istrument innifsu. Hemm gwidi separati għal xi wħud mill-istrumenti individwalment li ssir referenza għalihom ukoll.




# Ġurisdizzjoni, rikonoxximent u infurzar f'materji ċivili u kummerċjali – ir-Regolament Brussell I

## 2.1. Introduzzjoni Ġenerali

Il-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istati Membri u r-regoli tal-liġi applikabbli f'**materji ċivili u kummerċjali** huma fil-qalba tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili fl-Unjoni Ewropea. Ir-regoli nazzjonali tad-dritt internazzjonali privat u l-proċeduri ċivili internazzjonali jvarjaw minn Stat għall-ieħor. Dan jista' jfixkel l-operat mingħajr xkiel tas-suq intern fl-Unjoni Ewropea. Biex dan jiġi evitat, huwa essenzjali li jkun hemm dispożizzjonijiet uniformi fl-UE li jiddeterminaw il-qorti kompetenti kif ukoll formalitajiet proċedurali simplifikati biex jinkiseb rikonoxximent u infurzar rapidu u sempliċi ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija fi Stat Membru ieħor. B'dan il-mod, jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji jistgħu jiċċirkolaw liberament minn Stat Membru għal ieħor.

**Eżempju 1**

**Il-Kumpanija A bbażata fl-Istat Membru 1 tidħol f'kuntratt ma' organizzatur tal-fieri, il-Kumpanija B, li l-amministrazzjoni ċentrali tagħha tinsab fl-Istat Membru 2, fejn skont il-kuntratt il-Kumpanija A tibbukkja 500 metru kwadru ta' spazju għall-wirja u servizzi korrispondenti għal prezz maqbul f'fiera ta' tlett ijiem fl-Istat Membru 2, fejn tippjana li tipparteċipa bħala esibitur. Ħamest ijiem qabel tibda l-fiera, il-Kumpanija A tiġi mgħarrfa mill-klijent ewlieni tagħha li ma jistax jieħu sehem f'din il-fiera. Għalhekk il-Kumpanija A tikkanċella l-prenotazzjoni tagħha mal-Kumpanija B. Minħabba li l-avviż sar tard, il-Kumpanija B ma tistax tikri l-500 metru kwadru ta' spazju għall-wirja lil esibitur ieħor u titlob ħlas mill-Kumpanija A tal-prezz miftiehem fil-kuntratt. Il-Kumpanija A tirrifjuta li tħallas. Il-Kumpanija B tixtieq tieħu azzjoni kontra l-Kumpanija A u tistaqsi kif u meta għandha tagħmel dan fl-aħjar interessi tagħha.**

F'sitwazzjonijiet bħal din, ir-regoli Ewropej tal-proċedura ċivili f'materji ċivili u kummerċjali, li, fir-rigward tal-ġurisdizzjoni tal-qrati huma essenzjalment ibbażati fuq ir-Regolament 44/2001 (1), magħruf b'lingwaġġ popolari u minn issa 'il quddiem imsejjaħ ir-**Regolament "Brussell I"**, ġabu ċertezza akbar għal sitwazzjonijiet bħal din. Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fi Brussell I huma l-istess fl-Istati Membri kollha. (2) Kull sentenza mogħtija skont dan ir-Regolament fi Stat Membru tingħata rikonoxximent u infurzar ugwali fl-Istati Membri l-oħra kollha kkonċernati. Separatament, id-dispożizzjonijiet fl-Unjoni Ewropea li jistabbilixxu regoli unifikati dwar il-liġi applikabbli jiżguraw li l-qrati u t-tribunali jiddeċiedu liema liġi tirregola r-relazzjonijiet legali fir-rigward tad-diversi suġġetti billi japplikaw l-istess regoli.

Permezz tal-applikazzjoni tar-regoli tal-ġurisdizzjoni fi "Brussell I", il-Kumpanija B tista' tagħżel bejn żewġ modi alternattivi ta' kif tipproċedi. L-ewwel nett – tista' tieħu azzjoni legali quddiem il-qorti li għandha ġurisdizzjoni fil-post tan-negozju tal-Kumpanija A fl-Istat Membru 1: Skont ir-regola ġenerali, bħalissa l-Artikolu 2, tista' tinfetaħ

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali.

(2) Id-Danimarka, li mhix marbuta direttament bi Brussell I, xorta waħda tieħu sehem fl-applikazzjoni tal-istrumenti peress li daħlet fi ftehim separat mal-UE u l-Istati Membri tagħha għal dan il-għan: ara ĠU L 299/62 tas-16.11.2005.

kawża quddiem il-qorti tal-post tan-negozju tal-konvenut. Inkella, il-Kumpanija B tista' tagħżel li tieħu passi quddiem il-qorti fl-Istat Membru 2 tagħha stess, li għandha ġurisdizzjoni skont l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament Brussell I fis-seħħ fejn kellhom jitwettqu s-servizzi kuntrattwali. Sentenza favorevoli mogħtija minn qorti fl-Istat Membru 2 tiġi rikonoxxuta u tista', permezz ta' proċedimenti relattivament sempliċi, tiġi infurzata f'kull Stat Membru fejn għandha l-assi l-Kumpanija A. Il-Kumpanija B m'għandiex għalfejn tinkwieta li dawn il-qrati jistgħu jiddeċiedi l-kawża billi japplikaw regoli differenti tal-liġi applikabbli, peress illi skont ir-Regolament Ruma 1, li japplika f'ħafna mill-Istati Membri tal-UE [3], l-istess regoli jirregolaw liema għandha tkun il-liġi applikabbli. (ara aktar 'il quddiem fil-kapitlu 5 dwar il-liġi applikabbli).

(3) Kollha ħlief id-Danimarka.

## 2.2. Ir-Regolament Brussell I u r-riformulazzjoni ta' Brussell I

### 2.2.1. Ħarsa ġenerali

Ir-**Regolament "Brussell I"**, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2002. Ħa post il-Konvenzjoni preċedenti ta' Brussell tal-1968 li kellha l-istess suġġett u li għadha tapplika fir-rigward ta' xi territorji barranin ta' ċerti Stati Membri. Imbagħad ir-Regolament "Brussell I" ġie rivedut u f'Diċembru 2012 [4] ġiet adottata verżjoni ġdida –"riformulazzjoni" – tar-Regolament li fiha għadd ta' bidliet sinifikanti fit-test oriġinali ta' "Brussell I" li jissemmew aktar 'il quddiem f'dan il-kapitlu. [5] Wara l-adozzjoni tar-"riformulazzjoni" ġiet adottata emenda ulterjuri biex jitqies il-bidu tal-applikazzjoni tal-Ftehim Ewropew tal-Privattivi u biex tippermetti l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi. [6]

Fl-1980, ir-regoli tal-Konvenzjoni ta' Brussell ġew estiżi għall-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) permezz ta' konvenzjoni internazzjonali. Din il-Konvenzjoni, magħrufa bħala "Il-Konvenzjoni ta' Lugano", ġiet innegozjata mill-ġdid ladarba r-Regolament Brussell I kien fis-seħħ għal numru ta' snin u dan wassal għal Konvenzjoni riveduta. Illum, il-Konvenzjoni l-ġdida ta' Lugano tapplika fi proċedimenti bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Islanda, in-Norveġja, u l-Isvizzera [7].

(4) Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012; ara ĠU L 351/1 tal-20.12.2012; dan ir-regolament li se ssir referenza għalih f'din il-Gwida bħala "Brussell I riformulazzjoni", se japplika mill- 10 ta' Jannar 2015; id-Danimarka nnotifikat li għandha l-intenzjoni skont il-ftehim tagħha mal-UE, li għandha tapplika "Brussell I riformulazzjoni" rigward l-Istati Membri tal-UE; ara ĠU L 79/4 tal-21/03/2013.

(5) F'din il-Gwida, l-Artikoli differenti ssir referenza għalihom skont in-numerazzjoni fil-verżjoni "riformulazzjoni" tar-Regolament; minbarra l-bidliet fis-sustanza magħmula mir-"riformulazzjoni", in-numerazzjoni tal-Artikoli tinbidel fil-verżjoni l-ġdida tar-Regolament u dik in-numerazzjoni hija użata f'din il-Gwida; ir-"riformulazzjoni" tinkludi tabella ta' korrelazzjoni utli fl-Anness III li turi l-Artikoli ekwivalenti fiż-żewġ verżjonijiet tar-Regolament. It-teknika tal-abbozzar użata għar-"riformulazzjoni" kienet li jerġa' jiġi mfassal l-istrument kollu pjuttost milli jiġi emendat minn sensiela ta' emendi testwali.

(6) Ara l-paragrafu 2.2.8 hawn taħt għal deskrizzjoni iktar kompluta tad-dispożizzjonijiet tal-istrument tal-"Qorti tal-Privattivi".

(7) Il-Konvenzjoni oriġinali ta' Lugano, imsejħa hekk minħabba li ġiet innegozjata u ffirmata f'Lugano fl-Isvizzera, ġiet iffirmata fis-16 ta' Settembru 1988. Il-Konvenzjoni l-ġdida ġiet iffirmata fit-30 ta' Ottubru 2007 u ġiet ratifikata mill-UE u daħlet fis-seħħ bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha. Inklużi d-Danimarka, u r-Renju tan-Norveġja fl-1 ta' Jannar 2010. Sussegwentement ġiet ratifikata mill-Isvizzera b'effett mill-1 ta' Jannar 2011 u l-Islanda b'effett mill-1 ta' Mejju 2011

### 2.2.2. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell I

Ir-Regolament japplika f'materji ċivili u kummerċjali, għajr kwistjonijiet ta' dħul, dwana jew amministrattivi. Dan ma japplikax għal ċerti oqsma tal-liġi ċivili, bħall-istatus jew il-kapaċità ġuridika tal-persuni fiżiċi, materji matrimonjali, testmenti u suċċessjoni jew falliment. Lanqas ma japplika fir-rigward ta' materji ta' manteniment (għajr għal każijiet fi tranżizzjoni), għall-kuntrarju tal-verżjoni oriġinali ta' Brussell I, peress li l-manteniment issa huwa ttrattat fir-Regolament dwar dak is-suġġett speċifiku. [8]

### 2.2.3. Is-sistema ġurisdizzjonali tar-Regolament Brussell I

"Brussell I" jistipula sistema ġurisdizzjonali magħluqa, li tassenja kompetenza ġurisdizzjonali bejn il-qrati tal-Istati Membri biex jiddeċiedu fuq tilwim ċivili u kummerċjali transfruntier. Imbagħad, il-qorti kompetenti fis-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru li jkollha ġurisdizzjoni skont ir-Regolament tintgħażel mir-regoli domestiċi tal-proċedura ċivili tal-Istat Membru kkonċernat. Ir-regoli tal-ġurisdizzjoni fi "Brussell I" biss jistgħu japplikaw bejn l-Istati Membri tal-UE u ċerti regoli tal-ġurisdizzjoni tal-liġi nazzjonali tal-Istati Membri m'għandhomx jiġu applikati kontra persuni ddomiċiljati fi Stat Membru [9] għalkemm għadhom disponibbli kontra domiċiljarji li mhumiex tal-UE [10]. Dawn l-hekk imsejħa regoli ġurisdizzjonali "esorbitanti" għandhom jiġu elenkati fil-Ġurnal Uffiċjali wara notifika lill-Kummissjoni. [11]

(8) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008; trattat separatament fil-Kapitlu 7 hawn taħt.

(9) Ara l-Artikolu 5.

(10) Ara l-Artikolu 6.

(11) Ara l-Artikolu 76. Dawn ir-regoli qabel kienu mniżżla fl-Anness I tar-Regolament Brussell I.

**Eżempju 2**

**Il-Kumpanija Ċ mill-Istat Membru 3 biegħet magna lill-Kumpanija D mill-Istat Membru 4. Il-Kumpanija D kienet ippreżentat offerta għax-xiri li, inter alia, iddikjarat li x-xiri kellu jkun soġġett għall-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ tal-Kumpanija D stampati fuq in-naħa inversa tal-offerta.**

**Dawn il-kundizzjonijiet kien fihom klawżola dwar l-għażla tal-forum li tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti E fl-Istat Membru 4 għat-tilwimiet kollha li jirriżultaw mill-kuntratt. Il-Kumpanija Ċ aċċettat l-offerta f'ittra ta' konferma. Wara l-konsenja, il-Kumpanija D ssostni li hemm ħsarat kruċjali fil-magna u fetħet kawża biex tfittex għad-danni għal ksur ta' kuntratt kontra l-Kumpanija Ċ quddiem il-Qorti E. Fil-proċedimenti, il-Kumpanija Ċ issostni li l-Qorti E ma għandhiex ġurisdizzjoni. Tindika li skont il-liġijiet tal-Istat Membru 3, klawżola dwar l-għażla tal-forum li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ ta' parti waħda hija valida biss jekk tkun iffirmata espressament biex tiġi aċċettata mill-parti l-oħra.**

Skont l-Artikolu 25(1) ta' "Brussell I" il-partijiet, irrispettivament mid-domiċilju tagħhom, jistgħu jaqblu li qorti jew il-qrati ta' Stat Membru għandu jkollhom ġurisdizzjoni biex isolvu xi tilwimiet li jkunu qamu jew li jistgħu jqumu b'rabta ma' relazzjoni legali partikolari.

Tali ġurisdizzjoni hija esklussiva, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor. Fi "Brussell I" il-validità formali ta' klawsola dwar l-għażla tal-forum għandha tkun derivata esklussivament mir-Regolament, li

jipprovdi sett awtonomu ta' regoli. Dawn ir-regoli jingħataw preferenza fuq ir-regoli korrispondenti fil-liġijiet ċivili nazzjonali ta' proċedura tal-Istati Membri. (ara aktar 'il quddiem) Għalhekk il-Kumpanija D se jkollha turi li l-formola bil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(1), sabiex jirbaħ l-argument dwar il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-qorti E.

### *2.2.3.1. Ir-regola bażika: ġurisdizzjoni tal-qorti tad-domiċilju tal-konvenut*

Ir-**regola bażika tal-ġurisdizzjoni,** skont l-Artikolu 4 ta' "Brussell I", hija li, għal persuni domiċiljati fit-territorju ta' Stat Membru, il-ġurisdizzjoni hija eżerċitata mill-qrati tal-Istat Membru fejn il-**konvenut ikun domiċiljat**, irrispettivament min-nazzjonalità tiegħu. Id-domiċilju huwa determinat skont il-liġi domestika tal-Istat Membru fejn il-qorti tkun ġiet invokata. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi jew kumpaniji, id-domiċilju tagħhom huwa ddeterminat mill-pajjiż fejn dawn ikollhom is-sede statutorja, l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post prinċipali tan-negozju tagħhom. Jekk il-konvenut ma jkunx domiċiljat fi Stat Membru, l-Artikolu 6 tar-Regolament jiddikjara li l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kull Stat Membru għandha tiġi ddeterminata skont il-liġi nazzjonali, soġġetta għar-regoli tal-ġurisdizzjoni "kawtelatorji" għall-konsumaturi fl-Artikolu 18 u l-impjegati fl-Artikolu 21 u r-regoli għall-ġurisdizzjoni esklussiva u proroga ta' ġurisdizzjoni fl-Artikoli 24 u 25 rispettivament.

### *2.2.3.2. Regoli alternattivi u speċjali ta' ġurisdizzjoni*

L-Artikoli 7 sa 9 tar-Regolament fihom regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali alternattivi għar-regola ġenerali fl-Artikolu 4. Uħud minn dawn ir-regoli jippermettu lir-rikorrent jagħżel jekk jibdiex proċedimenti fil-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-konvenut jew fil-qrati ta' Stat Membru ieħor li jkollu bażi ġurisdizzjonali speċjali. Fil-prattika, l-iktar ġurisdizzjoni speċjali importanti tinsab fl-Artikolu 7(1), li jinvolvi kwistjonijiet relatati ma' kuntratt, apparti kuntratti ta' impjieg jew assigurazzjoni jew ma' konsumaturi. Il-ġurisdizzjoni internazzjonali fuq is-suġġett tal-kawża hija f'idejn il-qrati tal-post tat-**twettiq tal-obbligu** inkwistjoni skont il-kuntratt. Fil-każ taż-żewġ tipi ta' kuntratti l-aktar komuni fil-prattika transfruntiera Ewropea, il-post tat-twettiq ikopri l-obbligi kollha li jirriżultaw mill-istess kuntratt. Sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, fil-każ tal-bejgħ ta' oġġetti l-post tat-twettiq tal-obbligu huwa l-post fi Stat Membru fejn, skont il-kuntratt, l-oġġetti ġew ikkonsenjati jew kellhom jiġu kkonsenjati, u fil-każ tal-għoti ta' servizzi, il-post fejn, skont il-kuntratt, ġew ipprovduti jew kellhom jiġu pprovduti s-servizzi.

L-Artikolu 7 jipprovdi regoli speċjali ulterjuri ta' ġurisdizzjoni fuq bosta kwistjonijiet speċjali, fosthom kwistjonijiet relatati ma' talbiet ċivili għal danni jew restituzzjoni jew fir-rigward ta' tilwim li jinqala' mill-operat ta' fergħa, aġenzija jew stabbiliment ieħor. [12] L-importanza tal-Artikolu 7(2) li jkopri l-ġurisdizzjoni fuq materji relatati mad-delitt dejjem tikber. Talbiet fi kwistjonijiet relatati mad-delitt jew kważi-delitt jistgħu jsiru fil-qrati tal-post fejn seħħ jew jista' jseħħ l-avveniment dannuż. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbilixxiet li dan huwa l-post fejn iseħħ id-dannu jew, inkella, il-post fejn twettqet jew saret l-azzjoni dannuża.

### *2.2.3.3. Proroga tal-ġurisdizzjoni u dehra tal-konvenut*

Il-proroga jew Għażla tal-Qorti tirreferi għas-sitwazzjoni li fiha l-partijiet f'kuntratt ftiehmu li jirreferu kull tilwima li tirriżulta mill-kuntratt

(12) L-Artikolu 5(2) tar-Regolament 44/2001 preċedentement kien fih regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materji relatati mal-manteniment; peress li r-Regolament dwar il-Manteniment daħal fis-seħħ fit-18 ta' Ġunju 2011, japplikaw ir-regoli tal-ġurisdizzjoni f'dak l-istrument.

għad-deċiżjoni ta' qorti speċifika jew il-qrati ta' sistema legali speċifika. Tali ftehim jista' jiġi inkluż f'kuntratt usa' fuq is-sustanza tar-relazzjoni legali bejn il-partijiet jew jista' jkun separat. Tali ftehim jista' wkoll jittratta tilwim ieħor li ma jkunx ġie kkawżat minn kuntratt. M'hemm xejn fit-termini tar-Regolament li jillimita l-użu ta' għażla tal-qorti għal sitwazzjonijiet meta t-tilwima inkwistjoni tirriżulta minn sitwazzjoni kuntrattwali. Madankollu, meta t-tilwima tkun relatata ma' sitwazzjoni fejn il-partijiet ma jkollhomx relazzjoni legali preeżistenti, bħal fi kwistjonijiet li jinqalgħu minn delitt. Fil-fatt, f'dawk il-każijiet ħafna drabi l-ftehim jista' jsir biss wara li tkun inqalgħet it-tilwima. [13]

Ir-regola dwar ftehimiet dwar l-għażla tal-qorti stipulati fl-Artikolu 25 hija waħda mill-aktar regoli importanti u użati ta' spiss ta' "Brussell I". Proroga tal-ġurisdizzjoni ġeneralment titħalla ssir. Madankollu, jeżistu limitazzjonijiet favur partijiet assigurati permezz tar-regoli ta' ġurisdizzjoni "kawtelatorji" rigward kwistjonijiet li jikkonċernaw l-assigurazzjoni, il-konsumaturi, u l-impjegati. [14] Ta' min jinnota li proroga tal-ġurisdizzjoni ma tistax tkun prevalenti fuq il-bażijiet ta' ġurisdizzjoni esklussiva stipulati fl-Artikolu 24. [15]

Skont il-verżjoni preċedenti ta' "Brussell I" [16], ftehim biex tingħażel qorti fi Stat Membru bejn partijiet fejn waħda jew aktar minn waħda li kellha domiċilju fi Stat Membru kellu l-effett li kwalunkwe qorti ħlief il-qorti magħżula tista' tisma' l-kawża anke jekk il-ftehim ġurisdizzjonali ta ġurisdizzjoni esklussiva, diment li dik il-qorti l-oħra kienet invokata l-ewwel. "Brussell I riformulazzjoni" [17] bidel dik id-dispożizzjoni fis-sens li ftehim li jipproroga l-ġurisdizzjoni ta' qorti ta' Stat Membru, jekk ikun validu, jipprevali irrispettivament mid-domiċilju tal-partijiet. [18] "Brussell I riformulazzjoni" żied ukoll dispożizzjonijiet fis-sens li l-validità sostanzjali tal-ftehim ta' proroga għandha tiġi determinata skont il-liġi tal-Istat Membru li jintgħażlu l-qrati tiegħu [19] u li, jekk ikun parti minn kuntratt, il-ftehim ta' proroga għandu jitqies bħala ftehim indipendenti mit-termini l-oħra tal-kuntratt u l-validità tal-proroga ma tistax tiġi kkontestata fuq l-unika bażi li l-kuntratt huwa invalidu. [20] Huwa maħsub ukoll li kull kwistjoni dwar il-validità tal-ftehim tal-għażla tal-qorti għandha tiġi determinata skont il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti magħżula. [21]

"Brussell I" riformulat fih bidla importanti oħra li ssaħħaħ l-"awtonomija tal-partijiet" rigward il-ftehimiet tal-għażla tal-qorti billi teħtieġ li qorti

(13) Pereżempju, normalment mhux possibbli li jsir ftehim ta' għażla tal-qorti biex tiġi ttrattata talba kkontestata li tirriżulta minn delitt qabel ikun seħħ l-avveniment li wassal għat-talba.

(14) Ara d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15, 19 u 23.

(15) Ara l-Artikolu 27.

(16) Regolament 44/2001 l-Artikolu 23(1); din il-pożizzjoni tista' tiġi kkuntrastata mas-sitwazzjoni fejn ebda wieħed mill-partijiet għall-ftehim dwar l-għażla tal-qorti ma jkunx ġie domiċiljat fi Stat Membru; f'dik is-sitwazzjoni kwalunkwe qorti oħra fi Stat Membru differenti minn dak tal-qorti ma kellha l-ebda ġurisdizzjoni fuq tilwim bejn il-partijiet għall-ftehim sakemm il-qorti magħżula ma tkunx hi stess ċaħdet il-ġurisdizzjoni; ara l-Artikolu 23(3) tar-Regolament 44/2001.

(17) Regolament 1215/2012.

(18) Ara l-Artikolu 25(1).

(19) Ibid.

(20) Ara l-Artikolu 25(5).

(21) Ara l-Premessa (20).

invokata għal kawża, li mhijiex il-qorti magħżula mill-partijiet permezz ta' ftehim esklussiv tal-għażla tal-qorti, ma għandha tieħu l-ebda proċedura fil-każ sakemm il-qorti magħżula, jekk tkunx invokata l-ewwel jew le, tkun iddeterminat jekk għandhiex ġurisdizzjoni skont il-ftehim tal-għażla tal-qorti. Ladarba l-qorti magħżula tkun stabbilixxiet il-ġurisdizzjoni tagħha, kwalunkwe qorti oħra invokata għandha tiċħad. [22]

**Eżempju 2 ikompli**

**Fil-każ tal-eżempju 2 ta' hawn fuq, iż-żewġ Kumpaniji minn Stati Membri differenti jargumentaw dwar il-validità ta' klawsola ta' għażla ta' qorti li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ ta' waħda minnhom, il-Kumpanija D. Is-soluzzjoni tista' tinstab fl-Artikolu 25 ta' "Brussell I".**

Rigward ir-rekwiżiti formali għal klawsola ta' għażla tal-qorti, l-Artikolu 25 fih sett ta' regoli differenzjati. Ir-regola bażika hija li klawsola ta' għażla tal-qorti għandha tiġi miftiehma bejn il-partijiet bil-miktub, għalkemm ma hemmx bżonn dokument bil-miktub iffirmat miż-żewġ partijiet. Skambju ta' dikjarazzjonijiet bil-kitba jew ftehimiet orali kkonfermati bil-miktub jissodisfaw ir-rekwiżiti wkoll. L-istess ħaġa fil-każ ta' formola li taqbel mal-prattiki li l-partijiet ikunu stabbilixxew bejniethom u fil-kummerċ internazzjonali, u formola li taqbel mal-użanza li tkun ġeneralment magħrufa sewwa u regolarment osservata fil-kummerċ partikolari kkonċernat, u li l-partijiet jafu biha jew kellhom ikunu jafu biha.

Bħala tfakkira tal-fatti tal-eżempju 2, il-Kumpanija D issottomettiet offerta ta' xiri bil-miktub li l-Kumpanija Ċ kkonfermat bil-miktub. F'din l-offerta ta' xiri, il-Kumpanija D għamlet referenza espliċita għall-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ tagħha, li qegħdithom għad-dispożizzjoni tal-Kumpanija Ċ, u bil-lingwa użata mill-partijiet. Għalhekk, il-klawsola ta' ġurisdizzjoni stabbilita fil-kundizzjonijiet tal-bejgħ tal-Kumpanija D tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 25(1) ta' "Brussell I". Konsegwentement, din tagħti lill-Qorti E ġurisdizzjoni esklussiva biex tisma' l-każ u għalhekk jirbaħ l-argument tal-Kumpanija D.

Minbarra l-ġurisdizzjoni derivata minn dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament Brussell I, qorti ta' Stat Membru fejn il-konvenut ikun deher titqies li għandha ġuriżdizzjoni, skont l-Artikolu 26. Dan ma japplikax meta d-dehra tkun saret għall-kontestazzjoni tal-ġurisdizzjoni, jew meta qorti oħra jkollha ġurisdizzjoni esklussiva skont l-Artikolu 24. Din ir-regola hija importanti fil-prattika peress li ġġiegħel lill-konvenut ikun żgur mill-ġurisdizzjoni tal-qorti qabel ma jidher. Ladarba tiġi aċċettata, il-ġurisdizzjoni ma tistax titħassar u l-ġurisdizzjoni tal-qrati tiġi stabbilita b'mod konklużiv.

"Brussell I riformulazzjoni" iżid salvagwardja importanti rigward din ir-regola fis-sens li fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, ta' impjieg u tal-konsumatur meta, skont il-każ, il-konvenut ikun l-assigurat, id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni jew il-benefiċjarju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara, impjegat jew konsumatur, id-dehra mhux se tikkostitwixxi aċċettazzjoni minn tali konvenut tal-kompetenza ġurisdizzjonali tal-qorti sakemm il-qorti invokata ma tiżgurax li l-konvenut ikun ġie mgħarraf

(22) Ara l-Artikolu 31(2) ta' "Brussell I riformulazzjoni".

dwar id-dritt tiegħu li jikkontesta l-ġurisdizzjoni tal-qorti u l-konsegwenzi li jsegwu jekk jidher jew ma jidhirx għall-proċeduri. [23]

### *2.2.3.4. Regoli speċjali dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' assigurazzjoni, kuntratti tal-konsumatur u kuntratti individwali ta' impjieg*

Ġew stabbiliti regoli speċjali rigward kwistjonijiet relatati mal-assigurazzjoni, il-kuntratti tal-konsumatur u l-kuntratti individwali tal-impjieg. Il-politika li dawn il-kuntratti huma bbażati fuqha hija kkaratterizzata mill-ħtieġa perċepita li jipproteġu l-parti dgħajfa, meqjusa għal dan il-għan li tkun l-assigurat, il-konsumatur jew l-impjegat. Brussell I jipprovdi regoli speċjali f'dawn il-każijiet bil-għan li jipprovdi forum aktar konvenjenti għall-parti dgħajfa meqjusa denja ta' protezzjoni. F'ħafna sitwazzjonijiet tali parti tista' tħarrek fil-qorti tad-domiċilju tagħha u tista' tiġi mħarrka biss hemmhekk.

**Eżempju 3**

**Is-Sinjura A, residenti fl-Istat Membru 1, tordna ktieb minn bejjiegħ tal-kotba fuq l-internet u tħallas il-prezz ta' EUR 26.80 bil-quddiem. Il-ktieb ma jasalx. Is-Sinjura A saret taf li bejjiegħ tal-kotba fuq l-internet huwa kumpanija domiċiljata fl-Istat Membru 2. Tiddeċiedi li tieħu azzjoni legali u tistaqsi fejn tista' tagħmel hekk. Il-bejjiegħ tal-kotba jistqarr li l-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ tiegħu jistabbilixxu l-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru 2.**

Skont l-Artikolu 18(1) ta' "Brussell I", konsumatur jista' jiftaħ proċedimenti kontra l-parti l-oħra f'kuntratt jew fil-qrati tal-Istat Membru li fih dik tkun domiċiljata dik il-parti jew inkella fil-qrati tal-post fejn ikun domiċiljat il-konsumatur. L-Artikolu 17(1)(c) jipprovdi li din l-għażla hija miftuħa għall-konsumatur jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż ma' persuna li tinvolvi ruħha f'attivitajiet kummerċjali jew professjonali fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-konsumatur jew, bi kwalunkwe mezzi, tidderieġi tali attivitajiet lejn dak l-Istat Membru jew lejn diversi Stati inkluż dak l-Istat Membru, u l-kuntratt jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' attivitajiet bħal dawk. Peress li ma tistax issir deroga minn din ir-regola permezz ta' ftehim magħmul qabel ma nqalgħet it-tilwima skont l-Artikolu 17 u peress li l-bejjiegħ tal-kotba kellu websajt imwaqqfa b'mod partikolari biex tiġbed klijenti fl-Istat Membru 1, huwa kien qed jidderieġi l-attivitajiet kummerċjali tiegħu lejn l-Istat Membru tad-domiċilju tas-Sinjura A u, għalhekk, din tista' tħarrek lill-bejjiegħ tal-kotba quddiem il-qorti kompetenti fil-post tad-domiċilju tagħha stess. [24]

(24) Din il-kwistjoni kienet is-suġġett tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja li ssuġġeriet xi wħud mill-elementi li għandhom ikunu fis-seħħ biex jiġi stabbilit li l-attivitajiet ikunu diretti fi Stat Membru permezz ta' sit elettroniku. Dawn jinkludu l-użu ta' lingwa tal-Istat Membru inkwistjoni li hija differenti minn dik tan-negozju, il-kwotazzjoni tal-prezzijiet f'munita speċifika għal dak l-Istat, l-indikazzjoni ta' direzzjonijiet minn Stat Membru wieħed jew aktar għall-bini tan-negozju kkonċernat fejn għandhom jiġu pprovduti s-servizzi involuti, l-użu ta' isem ta' domain tal-ogħla livell minbarra dak tal-Istat fejn ikun stabbilit il-kummerċjant u l-aċċenn ta' klijentela internazzjonali magħmula minn persuni domiċiljati f'diversi Stati Membri huma wħud mill-indikaturi fattwali li jistgħu jistabbilixxu l-intenzjoni sabiex in-negozju jiġi dirett lejn l-Istat Membru tal-konsumatur. Ara l-kawżi magħquda Pammer vs Reederei Karl Schlüter GmbH & Co KG (C- 585/08) u Hotel Alpenhof GesmbH vs Oliver Heller (C -144/09).

(23) Ara l-Artikolu 26(2) ta' "Brussell I riformulazzjoni".

#### *2.2.3.5. Ġurisdizzjoni esklussiva*

L-Artikolu 24 tar-Regolament "Brussell I" jelenka ċirkostanzi li jeħtieġu ġurisdizzjoni esklussiva, fejn ikun hemm preżunzjoni ta' rabta partikolarment mill-qrib mal-qrati ta' Stat Membru partikolari jew fejn ikun hemm ħtieġa speċjali għal ċertezza legali. Dawn jinkludu, ***inter alia***, proċedimenti li l-objettiv tagħhom ikunu drittijiet ***in rem*** fi proprjetà immobbli jew kirjiet ta' proprjetà immobbli jew proċedimenti li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni jew il-validità ta' privattivi jew drittijiet ta' proprjetà industrijali oħrajn. Fil-każijiet kollha elenkati fl-Artikolu 24, l-azzjonijiet huma preskritti milli jitressqu quddiem qrati oħra, bħall-qorti tad-domiċilju tal-konvenut jew xi qorti oħra, li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqha fi klawsola tal-għażla ta' forum.[25]

### 2.2.4. Miżuri għal għajnuna interim u protezzjoni provviżorja

Fir-rigward tal-miżuri provviżorji, l-Artikolu 35 ta' "Brussell I" jipprovdi wkoll applikazzjoni li trid issir mal-qrati ta' Stat Membru, meta tali miżuri jkunu disponibbli skont il-liġi ta' dak l-Istat. Dan japplika anki jekk il-qrati ta' Stat Membru ieħor ikollhom ġurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Ta' min jinnota li fir-"Riformulazzjoni" ta' Brussell I hemm definizzjoni ġdida ta' "sentenza" fejn it-terminu huwa estiż sabiex jinkludi sentenza li tagħti miżura provviżorja jew protettiva minn qorti li jkollha ġurisdizzjoni skont ir-regolament dwar is-sustanza; dan ma jinkludix tali miżura mogħtija minn din il-qorti mingħajr ma l-konvenut – preżumibbilment il-persuna li kontriha tkun inħarġet il-miżura – jiġi mħarrek biex jidher qabel ma tinħareġ il-miżura sakemm is-sentenza li jkun fiha l-miżura ma tkunx ġiet innotifikata lill-konvenut qabel iseħħ l-infurzar. Madankollu sentenza li tagħti miżura provviżorja u protettiva maħruġa minn qorti li ma għandhiex ġurisdizzjoni fuq is-sustanza skont Brussell I mhijiex rikonoxxuta u eżegwita skont ir-Regolament.

### 2.2.5. Prevenzjoni ta' proċedimenti paralleli – Lis pendens Ewropea

Anke taħt ir-regoli tal-ġurisdizzjoni fi "Brussell I" għadu possibbli li aktar minn qorti waħda fl-Unjoni Ewropea jista' jkollha ġurisdizzjoni fl-istess kawża ċivili. Ir-regola Ewropea ta' ***lis pendens*** tipprevjeni lil qrati ta' żewġ Stati Membri jew aktar milli jisimgħu fl-istess ħin kawża li tinvolvi l-istess motivi tal-kawża u bejn l-istess partijiet bir-riskju konsegwenti li jintlaħqu deċiżjonijiet f'kunflitt u jkun hemm ħela ta' riżorsi ġudizzjarji u riżorsi oħrajn. Meta dawn il-proċedimenti jinfetħu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti, kwalunkwe qorti apparti l-ewwel qorti invokata, għandha fuq mozzjoni tagħha stess tissospendi l-proċedimenti quddiemha sakemm l-ewwel qorti invokata tkun stabbiliet jekk għandhiex ġurisdizzjoni jew le. Meta tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-ewwel qorti invokata, kull qorti minbarra din trid tiċħad il-ġuriżdizzjoni tagħha favur l-ewwel qorti.[26] Din ir-regola hija ta' importanza kbira fil-prattika legali transfruntiera. Fi Brussell I "Riformulazzjoni" saru bidliet importanti fir-regoli dwar il-Lis Pendens; l-ewwel nett, qorti invokata tista' titlob lil kwalunkwe qorti invokata oħra sabiex tgħarrafha dwar id-data li fiha ġiet invokata u l-qorti mitluba għandha tagħti dik l-informazzjoni mingħajr dewmien. Imbagħad, meta jkun hemm diversi qrati invokati kull waħda b'ġurisdizzjoni esklużiva skont l-Artikolu 26 kull qorti minbarra dik invokata l-ewwel għandha tastjeni mill-ġurisdizzjoni favur dik il-qorti. Imbagħad, ta' importanza kbira fil-każ tal-Għażla tal-Qorti,

(25) Ara l-Artikolu 27.

(26) Ara l-Artikolu 29; l-Artikolu 30 fih regola simili għal azzjonijiet relatati li hemm definizzjoni tagħhom fl-Artikolu 30(3).

taħt "Brussell I riformulazzjoni" din ir-regola tvarja fil-każ ta' ftehimiet esklussivi tal-għażla tal-qorti [27] kif ġej: fejn il-qorti magħżula mill-partijiet tiġi invokata u għandha ġuriżdizzjoni esklussiva skont il-ftehim tal-għażla tal-qorti, kull qorti li quddiemha titressaq l-istess kawża trid tipposponi l-proċedura u jekk tiġi stabbilita l-ġuriżdizzjoni tal-qorti magħżula, tiċħad il-ġuriżdizzjoni tagħha favur il-qorti magħżula. [28] Fl-aħħarnett ir-regoli tal-lis pendens huma applikati wkoll, għalkemm f'għamla modifikata, għal azzjonijiet fi Stati mhux tal-UE fejn qorti fi Stat Membru tiġi invokata fuq il-bażi tar-regoli fl-Artikoli 4 jew 7 sa 9 inklużivi u azzjoni tkun pendenti bejn l-istess partijiet u tinvolvi l-istess motivi tal-kawża. [29]

## 2.2.6. Rikonoxximent u infurzar ta' deċiżjonijiet maħruġa mill-qrati ta' Stati Membri oħrajn skont "Brussell I riformulazzjoni"

Ir-Regolament Brussell I ssimplifika l-formalitajiet għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' kwalunkwe sentenza mogħtija minn qorti fi Stat Membru wieħed ("l-Istat Membru tal-Oriġini") [30] fi Stat Membru ieħor ("l-Istat Membru indirizzat"). Ir-Regolament introduċa proċedura ċara u uniformi biex sentenza tiġi ddikjarata eżegwibbli fi Stat Membru ieħor, magħrufa wkoll bħala proċedura "exequatur". Sar progress fuq dan fi Brussell I riformulazzjoni li neħħiet il-proċedura exequatur għal kollox. Mill-10 ta' Jannar 2015 mhux se jibqa' jkun meħtieġ li l-kreditur ta' sentenza japplika għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà; jista' japplika direttament biex is-sentenza tiġi eżegwita. [31]

### *2.2.6.1. Rikonoxximent*

Skont l-Artikolu 36, sentenza mogħtija fi Stat Membru għandha tiġi rikonoxxuta awtomatikament fl-Istati Membri l-oħrajn mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali. Rikonoxximent jista' jiġi rrifjutat biss fi ftit każijiet eċċezzjonali li l-każ l-aktar importanti minnhom, f'termini ta' prattika legali, huwa dak irregolat mill-Artikolu 45(1)(b), rigward sentenzi mogħtija b'kontumaċja.

### *2.2.6.2. Infurzar*

Kif intqal iktar 'il fuq, Brussell I Riformulazzjoni għamlet bidla sinifikanti fil-proċedura ta' kif sentenza mogħtija fi Stat Membru wieħed issir eżegwibbli fi Stat Membru ieħor. Minflok ma l-parti li tixtieq tinforza s-sentenza – "il-kreditur tas-sentenza" – jkollha tapplika għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, tali sentenza għandha tkun eżegwita direttament fl-Istat Membru l-ieħor jekk ċerti dokumenti jiġu prodotti. Kreditur tas-sentenza li jixtieq jinforza sentenza, jitlob lill-qorti tal-oriġini toħroġ ċertifikat li jikkonferma l-infurzabbiltà u jagħti dettalji tas-sentenza [32]. Imbagħad iċ-ċertifikat u kopja tas-sentenza jkunu awtorità suffiċjenti għall-infurzar fl-Istat Membru indirizzat. [33]

Minbarra li l-tagħti setgħa lill-kreditur tas-sentenza sabiex jinforza s-sentenza fl-Istat Membru indirizzat skont il-liġi ta' dak l-Istat, u taħt l-istess

(27) Ara l-paragrafu 2.2.3.3 u n-nota f'qiegħ il-paġna 15.

(28) Ara l-Artikolu 31 u l-Premessa (22).

(29) Ara l-Artikolu 33; hemm regola simili rigward azzjonijiet relatati; dawn id-dispożizzjonijiet iddaħħlu parzjalment biex l-UE tkun tista' tirratifika l-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Għażla tal-Qorti; ara wkoll il-Premessi (23) u (4).

(30) Ara d-definizzjoni fl-Artikolu 2(d).

(31) Ara l-Artikolu 39.

(32) Ara l-Artikolu 53 u l-Anness 1.

(33) Ara l-Artikolu 37.

kundizzjonijiet bħal sentenza mogħtija fih [34], sentenza eżegwibbli ġġorr magħha s-setgħa li tintuża kwalunkwe miżura provviżorja, inklużi dawk kawtelatorji, skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat. [35] Jekk sentenza jkun fiha ordni mhux magħruf fil-liġi tal-Istat Membru indirizzat, l-ordni għandha tiġi adattata għal waħda b'effett ekwivalenti f'dak l-Istat. [36]

#### *2.2.6.3. Rifjut ta' rikonoxximent u infurzar*

Ir-rikonoxximent jista' jiġi rifjutat jekk hemm raġuni għar-rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-Artikolu 45. Sentenza ma tiġix rikonoxxuta (a) jekk ir-rikonoxximent huwa manifestament kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru indirizzat, (b) jekk f'każ ta' sentenza mogħtija minħabba l-kontumaċja jiġi ppruvat illi l-konvenut jew ma ġiex innotifikat bid-dokument li bih inbdew il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti b'ħin biżżejjed u b'omd illi seta' jiddefendu lilu nnifsu jew (c) is-sentenza toħloq kunflitt mar-regoli ta' ġuriżdizzjoni esklussiva jew mar-regoli speċjali fuq materji marbuta mal-assigurazzjoni jew il-kuntratti tal-konsumatur. [37] Fil-każijiet l-oħra il-qorti fl-Istat Membru indirizzat trid taċċetta s-sejbiet ta' fatti rigward il-ġuriżdizzjoni magħmula mill-qorti tal-oriġini u assolutament ma tistax terġa' tirrevedi l-ġuriżdizzjoni ta' dik il-qorti. [38]. L-Artikolu 36 jiddikjara li sentenza barranija fl-ebda ċirkostanza m'għandha tiġi riveduta fuq is-sustanza tagħha. [39] Kwalunkwe persuna interessata tista' tapplika għal deċiżjoni li tgħid illi ebda waħda mir-raġunijiet għal rifjut ta' rikonoxximent ma tapplika għal sentenza partikolari. [40] Tista' ssir applikazzjoni minn kull parti interessata kontra r-rikonoxximent u mid-debitur tas-sentenza kontra l-infurzar quddiem waħda mill-qrati mniżżla mill-Kummissjoni għal dan il-għan. [41] Din tirrigwarda biss l-infurzar tas-sentenza u mhux il-mertu tal-każ. [42] Barra minn hekk, id-debitur tas-sentenza jista' jitlob lill-qorti għal rifjut tar-rikonoxximent jew infurzar ta' sentenza fuq il-bażi ta' waħda mir-raġunijiet għal rifjut tar-rikonoxximent. [43] Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal rifjut ta' infurzar tista' tiġi appellata mill-partijiet fi proċedura speċjali. [44]

### 2.2.7. Infurzar ta' strumenti awtentiċi u soluzzjonijiet bil-qorti

F'ħafna mis-sistemi legali tal-Istati Membri huwa possibbli li jiġu espressi obbligi għall-ħlas ta' flus, jew li jitwettqu tipi oħra ta' obbligi kuntrattwali, fi ftehim jew dokument ieħor imħejji minn nutar jew li b'xi mod ieħor jingħataw awtorità pubblika u awtentikazzjoni pereżempju permezz ta' reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku jew fil-qorti. Tali ftehim jew strument huwa magħruf bħala strument awtentiku. Skont id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' "Brussell I" [45], jekk tali strument kien eżegwibbli fl-Istat Membru ta' oriġini, fejn ġie abbozzat jew irreġistrat, kien eżegwibbli direttament fl-Istati Membri l-oħra kollha bl-istess kundizzjonijiet bħal sentenza. Dan għandu l-vantaġġ ovvju li jkun mezz relattivament rapidu u ċar ta' kif jiġi żgurat il-ħlas tal-flus jew

(34) Ara l-Artikolu 41.
(35) Ara l-Artikolu 40.
(36) Ara l-Artikolu 54.
(37) See Article 45(e).
(38) Ara l-Artikolu 45(2) u (3).
(39) Ara l-Artikolu 52.
(40) Ara l-Artikolu 36(2); il-proċedura għal applikazzjoni bħal din hija bħal dik għal rifjut ta' infurzar rigward liema ara l-Artikoli 46 sa 51.
(41) Ara l-Artikoli 47 u 75; l-informazzjoni għandha titqassam mill-Kummissjoni permezz tan-NĠE.
(42) Ara l-Artikolu 52.
(43) Ara l-Artikoli 46 sa 48 u l-premessa (29).
(44) Ara l-Artikoli 49 sa 51.
(45) Ara l-Artikolu 57.

it-twettiq ta' obbligi oħrajn peress li tali strument awtentiku jista' jiġi eżegwit direttament ladarba l-kreditur ikun kiseb dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà. L-unika raġuni li fuq il-bażi tagħha jista' jkun hemm oppożizzjoni għall-infurzar hija jekk dan mingħajr dubju jmur kontra l-Ordni Pubbliku fl-Istat Membru indirizzat.

Skont "Brussell I riformulazzjoni", bħala riżultat tat-tneħħija tal-ħtieġa għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà, kull ma għandu bżonn il-kreditur huwa li jkollu l-istrument innifsu u ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti jew, jekk applikabbli, mill-qorti fl-Istat Membru ta' oriġini. [46] Fi "Brussell I riformulazzjoni" hemm inkluża wkoll definizzjoni ta' strument awtentiku. [47] Dispożizzjonijiet simili bħal dawk għall-infurzar ta' strumenti awtentiċi japplikaw rigward soluzzjonijiet bil-qorti. [48]

### 2.2.8. Arranġamenti speċjali għall-Qorti Unifikata tal-Privattivi u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Benelux

Mill-15 ta' Jannar 2015 ser jibda japplika Regolament ġdid b'mod simultanju mal-applikazzjoni tal-Brussell I "Riformulazzjoni" biex jistabbilixxi regoli speċjali rigward ir-relazzjoni bejn il-proċedimenti quddiem il-Qorti Unifikata tal-Privattivi u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Benelux (kollettivament imsejħa l-"qrati komuni") minn naħa waħda u l-qrati tal-Istati Membri skont ir-Regolament Brussell I min-naħa l-oħra. [49] Dan għandu wkoll regoli rigward relazzjonijiet ma' qrati fi Stati terzi, jiġifieri Stati mhux fl-UE. Il-proposta li fuqha huwa bbażat dan ir-Regolament ġiet adottata mill-Parlament u mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju tal-2014. L-istrument fih disposizzjonijiet dwar il-kompetenza ġurisdizzjonali relattiva tal-qrati tal-Istati Membri taħt id-disposizzjonijiet ġurisdizzjonali ta' Brussell I u r-relazzjoni tagħhom mal-ġurisdizzjoni tal-qrati komuni, u fih ukoll regoli dwar il-"lis pendens" u jittratta r-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet fiż-żewġ reġimi.

Din l-emenda għal Brussell I riformulazzjoni saret neċessarja biex tippermetti l-implimentazzjoni tal-"pakkett tal-privattivi" li jikkonsisti f'żewġ Regolamenti [50] (ir-"Regolamenti Unifikati tal-Privattivi") u l-Ftehim internazzjonali (il-"Ftehim dwar il-Qorti Unifikata tal-Privattivi" jew "Ftehim QUP") li joħolqu protezzjoni unitarja tal-privattivi fl-Unjoni Ewropea. Skont il-Ftehim QUP u r-Regolamenti se jkun possibbli li tinkiseb privattiva Ewropea b'effett unitarju – titolu legali li jiżgura protezzjoni uniformi għal invenzjoni fil-25 Stat Membru [51] – fuq bażi ta' one-stop shop, li tipprovdi vantaġġi fl-infiq u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Benelux hija qorti komuni għall-Belġju, il-Lussemburgu, u l-Pajjiżi l-Baxxi li ġiet stabbilita fl-1965 u għandha l-kompitu li tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' regoli komuni għall-pajjiżi tal-Benelux rigward diversi kwistjonijiet bħall-proprjetà intellettwali (b'mod partikolari ċerti tipi ta' drittijiet relatati ma' trademarks, mudelli u disinji).

(46) Ara l-Artikoli 58 u 60 tat-test "riformulazzjoni".

(47) Ara l-Artikolu 2(c).

(48) Ara l-Artikolu 57 u l-Artikoli 59 u 60 u d-definizzjoni fl-Artikolu 2(b) tat-test "riformulazzjoni".

(49) Ara r-Regolament (UE) Nru 542/2014 tal-Kunsill Ewropew u tal-Parlament.

(50) Regolament (UE) Nru 1257/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja; Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1260/2012 li jimplimenta l-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-ħolqien ta' protezzjoni tal-privattiva unitarja fir-rigward tal-arranġamenti applikabbli għat-traduzzjoni.

(51) Ir-Regolamenti dwar il-Privattivi Unifikati ġew adottati b'kooperazzjoni msaħħa mill-Istati Membri kollha minbarra l-Italja u Spanja.

Sa llum, il-kompitu tal-Qorti tal-Benelux jikkonsisti prinċipalment fl-għoti ta' sentenzi preliminari dwar l-interpretazzjoni ta' dawn ir-regoli. Fl-2012, it-tliet Stati Membri ħolqu l-possibbiltà li jestendu l-kompetenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Benelux biex jinkludi kompetenzi ġurisdizzjonali f'materji speċifiċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Brussell I.

Dawn l-emendi għal Brussell I riformulazzjoni għandhom l-għan li jiżguraw konformità bejn il-ftehim relatat ma' dawn il-qrati komuni u r-Regolament Brussell I (riformulazzjoni), u l-indirizzar tal-kwistjoni partikolari tar-regoli tal-ġurisdizzjoni *vis-à-vis* konvenuti fi Stati li mhumiex fl-Unjoni Ewropea.

Ir-regola ewlenija tal-ġurisdizzjoni hija li qorti komuni għandu jkollha ġurisdizzjoni skont ir-regoli ta' Brussell I meta tali ġurisdizzjoni, skont dawk ir-regoli, tiġi kkonferita fuq il-qrati ta' Stat Membru li jkun parti għall-ftehim li jistabbilixxi dik il-qorti rigward kwistjoni legali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim. Rigward partijiet domiċiljati barra l-UE, ir-regoli Brussell I huma estiżi biex japplikaw għal konvenuti domiċiljati fi Stati terzi għal kwistjonijiet li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-qrati komuni. Barra minn hekk, il-qrati komuni jistgħu jisimgħu konvenuti domiċiljati barra l-UE abbażi ta' regola sussidjarja dwar il-ġurisdizzjoni: Jekk qorti komuni għandha ġurisdizzjoni fuq tilwima relatata ma' ksur ta' privattiva Ewropea li minnha rriżulta ħsara fl-UE tista' wkoll tittratta talba għal danni li jirriżultaw minn dak il-ksur barra l-UE kontra konvenut li ma jkunx domiċiljat fl-UE, jekk il-proprjetà li tappartjeni lil dak il-konvenut tinsab fi Stat Membru li huwa parti mill-ftehim ta' qorti komuni. [52] Ir-regoli dwar il-lis pendens fil-Brussell I riformulazzjoni huma applikati għal kawżi ppreżentati fl-istess ħin f'qorti komuni u qorti ta' Stat Membru li mhuwiex parti mill-ftehim rilevanti [53]. Rigward ir-rikonoxximent u l-infurzar b'mod ġenerali, ir-regoli ta' Brussell I japplikaw ħlief meta sentenza mogħtija minn qorti komuni għandha tiġi eżegwita fi Stat Membru li huwa parti mill-ftehim rilevanti u dak il-ftehim għandu regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar, f'liema każ japplikaw dawk ir-regoli. [54]

(52) Ara l-Artikolu 71b.
(53) Ara l-Artikolu 71c.
(54) Ara l-Artikolu 71d.



# Il-proċeduri Ewropej f'materji ċivili u kummerċjali

## 3.1. Ħarsa ġenerali

L-Unjoni Ewropea adottat erba' Regolamenti separati li jiffaċilitaw l-irkupru rapidu u effiċjenti tad-dejn pendenti (kollettivament imsejħa "proċeduri Ewropej"). Tliet Regolamenti joħolqu proċeduri uniformi Ewropej li huma disponibbli għal-litiganti bħala alternattiva għall-proċeduri eżistenti skont il-liġi nazzjonali. Ir-raba' Regolament jipprevedi li l-qorti li tkun ħarġet sentenza tiċċertifika li jkunu ntlaħqu ċerti standards proċedurali minimi. Id-deċiżjonijiet maħruġa f'dawn il-proċeduri huma rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn li tinkiseb dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà (exequatur). Il-proċeduri għalhekk maħluqa huma, fl-ordni tal-adozzjoni, l-Ordni Ewropea ta' Infurzar għal talbiet mhux ikkontestati ("EEO") [55], l-Ordni ta' Ħlas Ewropea ("EOP") [56], il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar ("ESCP") [57] u l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ("EAPO") [58]. Il-proċeduri huma disponibbli biss fir-rigward ta' każijiet transfruntiera.

## 3.2. L-Ordni Ewropea ta' Infurzar għal talbiet mhux ikkontestati – "EEO"

L-għan tar-**Regolament** li joħloq **ordni Ewropea ta' infurzar għal talbiet mhux ikkontestati** [59] kien li jneħħi kwalunkwe miżura intermedja li tittieħed qabel tiġi eżegwita sentenza fi Stat Membru ieħor apparti dak li tkun ingħatat fih billi jistabbilixxi standards proċedurali minimi. Dan ir-Regolament japplika, b'numru ta' eċċezzjonijiet, f'materji ċivili u kummerċjali, irrispettivament min-natura tal-qorti jew it-tribunal.

Il-kunċett ta' "**talba mhux ikkontestata**" ikopri s-sitwazzjonijiet kollha li fihom kreditur, minħabba n-nuqqas verifikabbli ta' kwalunkwe indikazzjoni li d-debitur qed jikkontesta n-natura jew l-ammont tat-talba għal flus, ikun kiseb jew deċiżjoni tal-qorti kontra d-debitur jew ikollu dokument eżekuttiv li jagħti xhieda jew jirrikonoxxi d-dejn li jeħtieġ il-kunsens espress tad-debitur, kemm jekk ikun strument awtentiku jew ftehim approvat minn qorti.

Jekk ingħatat sentenza dwar talba mhux kontestata fi Stat Membru u din trid tiġi rikonoxxuta u eżegwita fi Stat Membru ieħor, il-kreditur għandhu żewġ għażliet: jista' japplika għaċ-ċertifikazzjoni tas-sentenza tiegħu bħala Ordni Ewropea ta' Infurzar jew jista' japplika għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà skont ir-Regolament "Brussell I". Sentenza dwar talba mhux ikkontestata li ġiet ċertifikata bħala Ordni Ewropea ta' Infurzar fl-Istat Membru ta' oriġini hija rikonoxxuta u eżegwita fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-ħtieġa għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà. Għal sentenzi mogħtija fi proċedimenti legali mibdija wara l-10 ta' Jannar 2015, il-proċedura tal-exequatur ġiet abolita minn "Brussell I Riformulazzjoni". Għal dawn is-sentenzi, l-Ordni Ewropea ta' Infurzar se tkun rilevanti fir-rigward tal-infurzar ta' talbiet ta' manteniment fir-Renju Unit peress li r-Regolament ta' Manteniment iżomm il-ħtieġa għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà rigward dak l-Istat Membru.

(55) Regolament (KE) Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004.
(56) Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006.
(57) Regolament (KE) Nru 861/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007.
(58) Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
(59) Ir-Regolament japplika għall-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka.

**Eżempju 4**

**Is-Sur A issottometta talba pekunarja kontra s-Sur B permezz ta' azzjoni legali fl-Istat Membru 1, fejn it-tnejn huma domiċiljati. Il-qorti ordnat lis-Sur B, li ma kkontestax it-talba matul il-proċedimenti legali, sabiex iħallas EUR 10 000 lis-Sur A. Billi s-Sur B dan l-aħħar ittrasferixxa l-assi monetarji kollha tiegħu f'bank fl-Istat Membru 2, is-Sur A jistaqsi kif jista' jeżegwixxi s-sentenza fl-Istat Membru 2.**

Attwalment, is-Sur A għandu żewġ għażliet: jista' japplika mal-qorti ta' oriġini fl-Istat Membru 1 għal ċertifikazzjoni tas-sentenza bħala Ordni Ewropea ta' Infurzar għal talbiet mhux ikkontestati; b'hekk is-sentenza, maċ-ċertifikat, tkun rikonoxxuta u eżegwibbli fl-Istat Membru 2 mingħajr ma tkun meħtieġa xi proċedura speċjali ulterjuri. It-tieni għażla hija li s-Sur A japplika skont ir-Regolament "Brussell I" fl-Istat Membru 2, fejn jintalab l-infurzar, għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà tas-sentenza. Il-proċedura ta' "exequatur" stipulata f'dak ir-Regolament tinvolvi proċedimenti fl-Istat Membru 2 separati minn dawk fl-Istat Membru 1 li bihom ġiet mogħtija s-sentenza. Dan għandu l-potenzjal li jikkawża ċertu dewmien u jagħti lok għal aktar infiq.

Fil-ġejjieni, skont "Brussell I riformulazzjoni" is-Sur A, rigward it-tieni alternattiva, ma jkollux għalfejn japplika għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà fl-Istat Membru 2 peress li, mill-10 ta' Jannar 2015, is-sentenza se tiġi rikonoxxuta u eżegwibbli fl-Istat Membru 2 mingħajr ma jkun meħtieġ li jintużaw il-proċeduri intermedji li bħalissa jinsabu fir-Regolament "Brussell I".

Il-proċedura tal-EEO tipprovdi benefiċċju tanġibbli għal kredituri li b'hekk jiksbu aċċess għal infurzar rapidu u effiċjenti ta' sentenzi f'talbiet mhux ikkontestati fi Stati Membri oħra mingħajr l-involviment tal-ġudikatura tal-Istat Membru fejn jintalab l-infurzar u mingħajr id-dewmien u l-infiq konkomitanti. Barra minn hekk, b'mod ġenerali tneħħi wkoll il-bżonn ta' traduzzjoni peress li jintużaw formoli standard multilingwi għaċ-ċertifikazzjoni. Il-qorti tal-oriġini toħroġ iċ-ċertifikat tal-Ordni Ewropea ta' Infurzar permezz tal-formola standard fl-Anness I, fil-lingwa tas-sentenza. Ir-Regolament EEO jistabbilixxi l-istandards minimi għall-proċeduri li jwasslu għas-sentenza sabiex jiġi żgurat li d-debitur ikun mgħarraf dwar il-kawża l-qorti kontrih, il-ħtieġa ta' parteċipazzjoni attiva fil-proċedimenti biex jikkontesta t-talba inkwistjoni u l-konsegwenzi jekk ma jiħux sehem fi żmien suffiċjenti u b'tali mod li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu. Il-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini huma fdati bil-kompitu li janalizzaw il-konformità sħiħa mal-istandards proċedurali minimi qabel ma jikkonsenjaw ċertifikat standardizzat ta' Ordni Ewropew ta' Infurzar li jrendi dan l-eżami u r-riżultat tiegħu trasparenti. L-interessi tad-debitur tas-sentenza huma ppreservati fl-istadju tal-infurzar minħabba li hemm dritt limitat ta' rifjut tal-ordni fl-Istat Membru ta' infurzar iżda mhux reviżjoni dwar is-sustanza.

L-EEO bdiet tapplika mill-21 ta' Ottubru 2005. Aktar informazzjoni dwar il-proċedura tal-EEO tista' tinstab fil-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-EEO li ġiet ippubblikata taħt l-awspiċi tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam Ċivili u Kummerċjali [60].

(60) Din il-Gwida tista' tiġi aċċessata online fuq http://ec.europa.eu/civiljustice/publications/docs/guide_european_enforcement_order_mt.pdf

## 3.3. L-Ordni Ewropew għal Proċedura ta' Ħlas – "EOP"

Din il-proċedura għandha xi similaritajiet mal-EEO peress li tkopri pretensjonijiet transfruntiera ta' talbiet għal flus li mhumiex ikkontestati u twassal għall-għoti ta' ordni li hija eżegwibbli fi Stati Membri oħrajn mingħajr il-proċeduri intermedji stabbiliti fir-Regolament "Brussell I". Madankollu, għall-kuntrarju tal-EEO, ma hemmx bżonn li l-ewwel ikun hemm ordni tal-qorti jew dokument ta' dejn bħal strument awtentiku jew soluzzjoni bil-qorti. L-EOP tista' tintuża biss għal talbiet għal flus għal ammonti speċifiċi li jkunu dovuti meta l-applikazzjoni għall-ordni tiġi sottomessa. L-EOP hija proċedura purament bil-miktub u fiha nnifisha ma tinvolvix smigħ fil-qorti sakemm jew sa meta l-EOP tiġi kkontestata jew opposta. Ladarba tiġi opposta l-EOP, il-każ ma jibqax jipproċedi skont l-EOP; jekk l-attur jixtieq li jkompli l-każ, dan għandu jseħħ skont proċedura xierqa oħra.

Il-proċedura tal-EOP hija fakultattiva peress li huwa f'idejn l-attur li jagħżel li jużaha minflok kwalunkwe mod ieħor disponibbli fejn l-istess talba tista' ssir inkluż skont il-liġi proċedurali nazzjonali. Din tinbeda sempliċiment billi timtela formola ta' applikazzjoni, il-Formola A, li tinstab fl-anness għar-Regolament. Il-Formola A u l-formoli EOP oħra huma disponibbli wkoll f'verżjonijiet elettroniċi onlajn fil-Portal tal-Ġustizzja Elettronika [61].

L-EOP hija ta' interess partikolari għall-atturi li għandhom ħafna talbiet ta' valur relattivament baxx li x'aktarx ma jiġux opposti, b'mod partikolari f'każijiet bejn in-negozji u l-konsumaturi. Madankollu, ta' min jiftakar li r-regoli tal-ġurisdizzjoni applikabbli fit-talbiet kontra l-konsumaturi skont l-EOP huma differenti minn dawk fir-Regolament "Brussell I", li altriment kien japplika. Meta talba skont il-proċedura tal-EOP tirriżulta minn kuntratt konkluż minn konsumatur u l-konsumatur huwa l-konvenut, il-qorti kompetenti bil-ġurisdizzjoni għandha tkun dik tal-Istat Membru fejn il-konvenut ikun domiċiljat kif stabbilit fl-Artikolu 59 tar-Regolament Brussell I.

Jekk it-talba skont l-EOP tiġi aċċettata u mhux opposta mill-konvenut, il-qorti toħroġ l-ordni u ċertifikat u mbagħad l-Ordni jista' jiġi eżegwit fi Stati Membri oħra mingħajr ma jkunu meħtieġa ebda proċeduri addizzjonali u mingħajr il-bżonn tal-exequatur Ewropew skont ir-Regolament "Brussell I". Sa dan il-punt ir-Regolament EOP jabolixxi l-exequatur. [62] L-infurzar iseħħ f'kundizzjonijiet simili għal dawk fir-rigward ta' infurzar ta' EEO.

L-EOP daħlet fis-seħħ mit-12 ta' Diċembru 2008. Aktar informazzjoni dwar il-proċedura tal-EOP tinstab fil-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-EOP li ġiet ippubblikata taħt l-awspiċi tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-Qasam Ċivili u Kummerċjali. [63]

## 3.4. Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar –"ESCP"

Il-proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar "ESCP" hija t-tielet proċedura li fiha l-miżuri intermedji meħtieġa għar-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi tnaqqsu u b'hekk ġiet issodisfata t-talba tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere. [64]

(61) https://e-justice.europa.eu/content_dynamic_forms-155-en.do

(62) Ara l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar l-EOP.

(63) Din il-Gwida tista' tiġi aċċessata online fil-fajl: http://ec.europa.eu/justice/civil/document/index_en.htm

(64) Ara l-paragrafu 1.5.

F'dak ir-rigward hija simili għall-proċeduri tal-EEO u l-EOP, madankollu, f'aspetti oħra hija differenti ħafna minn dawk iż-żewġ proċeduri.

L-ewwel nett l-ESCP tittratta kemm kawżi kontestati kif ukoll kawżi mhux kontestati u għalhekk fiha dispożizzjonijiet ta' natura proċedurali inkluż biex isiru seduta orali u l-kumpilazzjoni tax-xhieda. Fiha wkoll għadd ta' limiti ta' żmien li jekk jiġu osservati għandhom jippermettu li l-proċedura anke f'kawżi difiżi tiġi konkluża pjuttost aktar malajr milli fi proċeduri oħrajn. L-ESCP hija bażikament proċedura bil-miktub u hija maħsuba biex tkun tista' tintuża mill-atturi u l-konvenuti b'diffikultà minima u mingħajr il-ħtieġa ta' rappreżentazzjoni legali, għalkemm din mhijiex eskluża.

L-ESCP, bħall-EOP, hija disponibbli biss għal każijiet transfruntiera u hija alternattiva għall-proċeduri nazzjonali ta' natura simili. Il-parti rebbieħa f'ESCP tista' tistenna li tirċievi l-ispejjeż mill-parti l-oħra imma biss jekk dawn ikunu proporzjonali għall-valur tat-talba. L-għan li l-ispiża tal-proċedura tkun limitata huwa ċentrali għall-għan tal-ESCP li għandha tassisti l-aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari għall-konsumaturi individwali u għall-proprjetarji ta' negozji żgħar li kieku ma jkunux lesti jew kapaċi jsegwu t-talbiet tagħhom fi Stati Membri separati minn tagħhom.

L-aktar fattur importanti dwar l-ESCP huwa d-deskrizzjoni tat-talbiet li jistgħu jitressqu skont il-proċedura. L-ewwel nett, dawn ma għandhomx ikollhom valur ta' aktar minn EUR 2 000. Din is-somma għandha tiġi kkalkolata fil-bidu tat-talba u teskludi kwalunkwe interess fit-talba jew l-ispejjeż. Jekk ikun hemm kontrotalba f'każ kontestat il-kontrotalba lanqas ma għandha taqbeż il-limitu ta' EUR 2 000, iżda t-talba u l-kontro-talba mhumiex aggregati biex jiġi kkalkulat il-limitu. Rigward is-suġġett, talbiet ta' natura ċivili u kummerċjali jistgħu jitressqu taħt l-ESCP b'eċċezzjonijiet simili għal dawk fir-Regolament "Brussell I". Hemm xi materji addizzjonali esklużi inklużi talbiet għall-impjieg, talbiet rigward kirjiet ta' propjetà immobbli u talbiet delittwali relatati mal-ksur tad-dritt għal privatezza u l-malafama.

L-infurzar ta' ordni skont l-ESCP huwa simili għal dak fir-rigward tal-EEO u l-EOP; jinħareġ ċertifikat skont ir-Regolament mill-qorti li tat l-ordni u s-sentenza tiġi notifikata lill-partijiet. Ladarba ċ-ċertifikat u s-sentenza jkunu disponibbli, ma tkun meħtieġa ebda proċedura ulterjuri qabel ma jkun jista' jseħħ l-infurzar fi Stat Membru ieħor. Bħal fl-EOP, il-formoli għall-ESCP huma disponibbli onlajn f'diversi lingwi tal-UE u tista' timtela verżjoni elettronika onlajn, u jekk permessa mill-qorti b'ġurisdizzjoni, tista' tiġi trażmessa onlajn lil dik il-qorti.[65]

L-ESCP beda japplika mill-1 ta' Jannar 2009. Aktar informazzjoni dwar il-proċedura tal-ESCP tinstab fil-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-ESCP ippublikata taħt l-awspiċi tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-Qasam Ċivili u Kummerċjali[66].

Ir-Regolament dwar l-ESCP, meta nkitbet din il-Gwida, huwa s-suġġett ta' proposta mill-Kummissjoni għal xi emendi fil-proċedura.[67]

---

(65) Ara https://e-justice.europa.eu/dynform_intro_form_action.do?idTaxonomy=177&plang=mt&init=true&refresh=1 għall-formoli onlajn għall-ESCP

(66) Din il-Gwida tista' tiġi aċċessata onlajn minn http://ec.europa.eu/justice/civil/files/small_claims_practice_guide_mt.pdf.

(67) Ara t-test tal-proposta tad-19 ta' Novembru 2013; COM(2013) 794 finali, 2013/0403(COD).

## 3.5. L-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet – "EAPO"

Bi Brussell I riformulat, l-EEO, l-EOP u l-ESCP, l-acquis tal-Ġustizzja Ċivili tal-UE żviluppa sal-punt li, għal talbiet għal ħlas, kreditur li jiggarantixxi ordni eżegwibbli fi Stat Membru wieħed jista' b'mod relattivament sempliċi u rħis jieħdu l-ordni fi Stat Membru ieħor għal infurzar bi ftit jew ebda passi addizzjonali tal-proċedura meħtieġa. Madankollu, s'issa l-eżekuzzjoni attwali tal-ordni kienet kwistjoni tal-liġi u l-proċeduri nazzjonali li jvarjaw konsiderevolment minn Stat Membru għall-ieħor. Fir-rigward tal-metodi tal-infurzar, proċedura komuni ħafna hija l-"iffriżar" tal-kontijiet bankarji biex debitur tas-sentenza li għadu ma kkonformax mas-sentenza jitwaqqaf milli jittrasferixxi il-fondi minn jew bejn il-kontijiet għad-detriment tal-interessi tal-kredituri. Din hija kwistjoni partikolari għal kreditur li jfittex li jiggarantixxi b'mod simultanju kontijiet bankarji tad-debitur li jinsabu f'bosta Stati Membri. Skont il-proċeduri nazzjonali differenti, dan jista' jkun diffiċli u jiswa l-flus. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni Ewropea bdiet taħdem fuq proposta għal Ordni Ewropew dwar il-Preservazzjoni tal-Kontijiet. Ir-Regolament ibbażat fuq il-proposta ġiet adottat fil-ħmistax ta' Mejju 2014 u se jibda japplika mit-18 ta' Jannar 2017. [68] Karatteristika importanti tal-proċedura tal-EAPO hija li l-proċedura tippermetti li jsir ordni wieħed fil-qrati ta' Stat Membru wieħed li jkun kapaċi "jiffriża" kwalunkwe kont bankarju ta' debitur fi kwalunkwe Stat Membru. L-ordni għandha tinħareġ mingħajr ma jinstema' d-debitur biex jitwaqqaf milli jittrasferixxi l-fondi li għandhom jiġu ppreservati sakemm tiġi implimentata l-ordni. Biex dan jiġi kkontrobilanċjat, il-proċedura tipprovdi salvagwardji adegwati għad-debituri biex ikun żgurat li l-ammont "iffriżat" jirrifletti l-ammont tat-talba leġittima tal-kredituri u li d-debitur jingħata opportunità bikrija biex imur il-qorti u jikkontesta l-ordni. Tingħata spjegazzjoni iktar fid-dettall tal-proċedura fil-Kapitolu 13 dwar l-Eżekuzzjoni tas-sentenzi.

(68) Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transfruntiera tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali.




# 4 L-insolvenza

## 4.1. Sfond

L-insolvenza kienet wieħed mis-suġġetti esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament "Brussell I". Madankollu, ġie rikonoxxut li kien hemm ħtieġa kbira għal strument Ewropew li jipprovdi għall-possibbiltà li ordni fi kwistjonijiet tal-liġi tal-insolvenza jiġi rikonoxxut u eżegwit fl-Istati Membri kollha u li ma kinitx ristretta fl-applikazzjoni mill-fruntieri tal-Istati Membri u lanqas mill-proċeduri nazzjonali tagħhom, varjati kif inhuma. L-attivitajiet tal-impriżi tan-negozju għandhom aktar u aktar effetti internazzjonali kif ukoll transfruntiera bħala riżultat tal-iżvilupp tas-suq intern. Barra minn hekk kien hemm bżonn li jitneħħa kwalunkwe inċentiv għall-impriżi tan-negozju biex jiġu ttrasferiti assi minn Stat Membru għall-ieħor f'tentattiv li jingħelbu l-interessi tal-kredituri u tinkiseb pożizzjoni legali aktar favorevoli. Barra minn hekk, il-funzjonament xieraq tas-suq intern jeħtieġ li l-proċedimenti transfruntiera ta' insolvenza fl-Unjoni Ewropea għandhom joperaw b'mod effiċjenti u effettiv. L-għanijiet ta' din in-natura ovvjament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti fil-livell tal-Istati Membri u għalhekk hemm bżonn li d-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-liġi applikabbli fl-insolvenza jiġu espressi f'miżura fil-Liġi Ewropea. Negozjati għal dan il-għan inbdew bejn l-Istati Membri fil-bidu tad-disgħinijiet wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Maastricht u ġew konklużi bl-adozzjoni fit-23 ta' Novembru 1995 tat-test ta' Konvenzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri ta' dak iż-żmien. Din il-Konvenzjoni qatt ma daħlet fis-seħħ iżda effettivament kienet il-bażi għar-Regolament sussegwenti adottat fid-29 ta' Mejju 2000.

## 4.2. Ir-Regolament Ewropew dwar l-Insolvenza (69)

**Ir-Regolament Ewropew dwar l-Insolvenza** jinkludi dispożizzjonijiet għar-regolament tal-interazzjoni tal-proċedimenti ta' insolvenza bejn l-Istati Membri tal-UE. Ir-**Regolament** daħal fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2002 u japplika għall-proċedimenti kollha li nfetħu wara din id-data.

### 4.2.1. Kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-UE dwar l-Insolvenza

Ir-Regolament dwar l-Insolvenza japplika għal proċedimenti kollettivi ta' insolvenza, kemm jekk id-debitur ikun persuna fiżika kif ukoll jekk ikun persuna ġuridika, negozjant jew individwu fejn id-debitur tteħditlu l-proprjetà kollha jew parti minnha u ġie maħtur stralċjarju jew amministratur b'rabta mad-debitur. Il-proċedimenti kkonċernati huma definiti mill-Artikolu 1(1) tar-Regolament u elenkati speċifikament fl-Annessi A u B tiegħu. Sabiex japplika r-Regolament dwar l-Insolvenza, il-proċedimenti jridu jiġu introdotti uffiċjalment u jkunu legalment effettivi fl-Istat Membru fejn jinfetħu.

### 4.2.2. Regoli tal-ġurisdizzjoni fir-Regolament – l-Artikolu 3

Ir-Regolament fih regoli ta' ġurisdizzjoni li jistabbilixxu liema qorti f'liema Stat Membru hija kompetenti biex tiftaħ u tmexxi proċedimenti ta' insolvenza. Huwa bbażat fuq il-prinċipju li fl-UE għandu jkun hemm biss proċedura waħda relatata mal-insolvenza ta' debitur partikolari. Dan għandu jikkonsisti f'kawża prinċipali bi skop universali u proċedimenti sekondarji

(69) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment

ulterjuri eventwali. Il-kompetenza għall-ftuħ tal-kawża prinċipali għandha tkun tal-qrati fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinsab iċ-ċentru tal-interessi prinċipali tad-debitur [70]. Proċedimenti nazzjonali li jkopru biss assi li jinstabu fl-Istat ta' fejn jinfetħu – li jissejħu "proċedimenti sekondarji" – huma permessi flimkien mal-kawża prinċipali. [71] F'sitwazzjoni li fiha l-proċedimenti nazzjonali jinfetħu qabel il-kawża prinċipali, dawn jissejħu "proċedimenti territorjali" u jkomplu sakemm tinfetaħ il-kawża prinċipali.

### 4.2.3. Proċeduri ta' insolvenza ewlenin, sekondarji u territorjali

Il-proċedimenti prinċipali u sekondarji tal-insolvenza jitwettqu b'mod separat u normalment minn stralċjarji differenti. Madankollu, jistgħu jikkontribwixxu u jirriżultaw fit-twettiq effettiv tal-assi totali biss jekk il-proċedimenti pendenti kurrenti kollha jkunu kkoordinati. Sabiex jiġri dan, l-istralċjarji differenti għandhom jikkooperaw mill-qrib, b'mod partikolari billi jiskambjaw ammont suffiċjenti ta' informazzjoni dwar il-progress tal-proċedimenti rispettivi. Listralċjarji għandhom jikkomunikaw fost informazzjoni oħra, il-preżentazzjoni u l-verifika tat-talbiet kif ukoll miżuri mmirati biex itemmu l-proċedimenti. [72] Sabiex jiġi żgurat ir-rwol dominanti tal-proċediment prinċipali ta' insolvenza, l-istralċjarju f'tali proċedimenti jingħata diversi possibbilitajiet għal intervent fi proċedimenti sekondarji li jkunu pendenti fl-istess ħin.

### 4.2.4. Kredituri

Kull kreditur li jkollu r-residenza abitwali, id-domiċilju jew l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fi Stat Membru, għandu d-dritt li jippreżenta t-talbiet tiegħu f'kull wieħed mill-proċedimenti ta' insolvenza pendenti fl-Istat Membru b'rabta mal-assi tad-debitur. [73] Madankollu, sabiex ikun żgurat trattament ugwali tal-kredituri, it-tqassim tar-rikavat għandu jkun ikkoordinat. Kull kreditur jista' jżomm dak li jkun irċieva matul il-proċedimenti ta' insolvenza iżda huwa intitolat biss li jipparteċipa fid-distribuzzjoni tal-assi totali fi proċedimenti oħra jekk kredituri bl-istess pożizzjoni jkunu kisbu l-istess proporzjon tat-talbiet tagħhom (l-Artikolu 20(2)) Jekk il-kreditur għandux permess jitlob il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji u taħt liema kundizzjonijiet jista' jagħmel dan huwa stabbilit mil-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu nfetħu dawn il-proċedimenti. [74] Bl-istess mod, l-effetti ta' dan il-proċediment huma ristretti għall-assi tad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju tal-Istat Membru fejn isiru l-proċedimenti sekondarji. [75]

(70) Ara l-Artikolu 3.1.
(71) Ara l-Artikolu 3.2 u 3.3.
(72) Ara l-Artikolu 31.
(73) Ara l-Artikolu 40.
(74) Ara l-Artikolu 29.
(75) Ara l-Artikolu 27.

**Eżempju 5**

**Il-Kumpanija A hija stabbilita skont il-liġijiet tal-Istat Membru 1 fejn għandha l-post tan-negozju tagħha u fejn jinsabu l-interessi prinċipali tagħha. Applikat għall-insolvenza quddiem il-Qorti kompetenti fl-Istat Membru 1 li fetħet il-proċedimenti ta' insolvenza u ħatret stralċjarju. Il-Kumpanija B, domiċiljata fl-Istat Membru 2, għandha talbiet sostantivi kontra l-Kumpanija A. Il-Kumpanija B hija konxja li l-Kumpanija A għandha stabbiliment tan-negozju fl-Istat Membru 2, inkluż maħżen kbir u proprjetà immobbli. Il-Kumpanija B tistaqsi kif tista' tissalvagwardja l-interessi tagħha bl-aħjar mod matul il-proċedimenti ta' insolvenza.**

Qabel daħal fis-seħħ ir-Regolament dwar l-Insolvenza, il-Kumpanija B setgħet tipprova tikseb ordni tal-Qorti għal infurzar kontra l-assi tal-Kumpanija A fl-Istat Membru 2. Madankollu, l-effett tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji relatati mal-proċedimenti ta' insolvenza kien ristrett għall-Istat Membru fejn saru dawn id-deċiżjonijiet u spiss ma waqqafx atti ta' infurzar individwali fi Stati Membri oħra. Minħabba d-dispożizzjonijiet tar-Regolament, dan inbidel b'mod sostanzjali. Issa, skont ir-regoli fir-Regolament, mid-data tal-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza fi Stat Membru wieħed, l-infurzar individwali huwa eskluż fl-Istati Membri l-oħra kollha. Illum, bħala konsegwenza, fl-eżempju tal-Kumpaniji A u B fuq il-bażi tar-regoli tar-Regolament dwar l-Insolvenza, il-Kumpanija B għandha tippreżenta t-talba tagħha fil-proċedimenti għall-insolvenza tal-Kumpanija A li nfetħu fl-Istat Membru 1.

F'sitwazzjoni bħal dik tal-Kumpanija A, meta l-kumpanija falluta jkollha assi sostanzjali fi Stat Membru differenti minn dak fejn qed isiru l-proċeduri prinċipali ta' insolvenza, ir-Regolament dwar l-Insolvenza jipprovdi l-possibbiltà li jinfetħu dawk li jissejħu "proċedimenti sekondarji". Dawn il-proċeduri jistgħu jitnedew taħt ċerti kundizzjonijiet. L-effetti tal-proċedimenti huma ristretti għall-assi tad-debitur li jinsabu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Għalhekk, il-Kumpanija B tista' tingħata parir sabiex tinvestiga jekk ikunux ġew istitwiti proċedimenti sekondarji ta' insolvenza fl-Istat Membru 2, jew jekk intlaħqux il-kundizzjonijiet speċjali, skont liema kreditur jista' japplika għall-istituzzjoni tagħhom.

### 4.2.5. Liġi Applikabbli għal proċedimenti ta' insolvenza – L-Artikolu 4

Skont il-prinċipju li jinsab fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament dwar l-Insolvenza, il-liġi applikabbli għal proċedimenti ta' insolvenza u l-effetti tagħhom hija dik tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinfetħu tali proċedimenti. Il-*lex concursus* tiddetermina l-effetti kollha tal-proċedimenti ta' insolvenza, kemm proċedurali kif ukoll sostantivi, fuq il-persuni u r-relazzjonijiet legali kkonċernati. Ir-Regolament jistabbilixxi wkoll, għall-kwistjonijiet koperti minnu, **regoli uniformi dwar kunflitt ta' liġijiet**, li, fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom, jieħdu post regoli nazzjonali tad-dritt internazzjonali privat. Hemm stabbiliti regoli speċjali dwar il-liġi applikabbli fil-każ ta' drittijiet partikolarment sinifikanti u relazzjonijiet legali, bħad-drittijiet in rem, tpaċija, riżervazzjoni ta' titolu u kuntratti ta' impjieg.[76] Dawn l-eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali qiegħdin hemm biex jipproteġu l-aspettattivi leġittimi

(76) Ara l-Artikoli 5 sa 10.

tal-kredituri u ċ-ċertezza tat-tranżazzjonijiet fi Stati Membri differenti minn dak li jinfetħu l-proċedimenti fih.

### 4.2.6. Rikonoxximent tal-proċedimenti ta' insolvenza – l-Artikoli 16 sa 18 u 26

Ir-Regolament jipprovdi għar- **rikonoxximent immedjat ta' sentenzi** li jkopru l-ftuħ, it-twettiq u l-għeluq ta' proċedimenti ta' insolvenza li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u tas-sentenzi mogħtija b'rabta diretta ma' proċedimenti ta' insolvenza bħal dawk. Bħala regola, is-sentenza li tiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri kollha minn meta ssir effettiva fl-Istat tal-ftuħ [(77)]. Din tipproduċi, mingħajr aktar formalitajiet, l-istess effetti fi Stati Membri oħra bħal skont il-liġi tal-Istat tal-ftuħ [(78)]sakemm ma jkunx jidher ċar li r-rikonoxximent imur kontra l-ordni pubbliku ta' Stat. [(79)] Barra minn hekk, il-ħatra tal-istralċjarju u s-setgħat tiegħu kif mogħtija mil-liġi tal-Istat tal-ftuħ se jiġu rikonoxxuti bis-sħiħ fi Stati Membri oħrajn. [(80)]

### 4.2.7. Ir-riforma proposta tar-Regolament dwar l-Insolvenza

Il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat proposta għar-riforma tar-Regolament dwar l-Insolvenza fl-istess ġurnata tar-Rapport tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza. [(81)] In-negozjati dwar din il-proposta bħalissa huma fl-istadji finali tagħhom. Essenzjalment, ir-riforma se tkun tikkonsisti fl-elementi li ġejjin::

- **Kamp ta' applikazzjoni**: Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament permezz tar-reviżjoni tad-definizzjoni tal-proċedimenti ta' insolvenza biex tinkludi proċedimenti ibridi u ta' qabel l-insolvenza kif ukoll proċeduri ta' kwittanza tad-dejn u proċeduri oħrajn ta' insolvenza għal persuni fiżiċi li bħalissa ma jaqgħux taħt id-definizzjoni; dawn l-emendi, jekk jiġu adottati, se jġibu wkoll ir-Regolament aktar konformi mal-approċċ meħud mil-Liġi Mudell UNCITRAL dwar l-insolvenza transfruntiera [(82)]
- **Ġurisdizzjoni**: Kjarifika tar-regoli tal-ġurisdizzjoni, b'mod partikolari billi tiġi kkumplimentata d-definizzjoni tal-kunċett taċ-ċentru tal-interess ewlieni (COMI) kif ukoll biex jittejjeb il-qafas proċedurali għad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni billi l-qrati u l-istralċjarji jkunu meħtieġa jeżaminaw ir-raġunijiet ġurisdizzjonali għal proċediment ta' insolvenza;
- **Proċedimenti sekondarji**: Dispożizzjonijiet li jippermettu amministrazzjoni aktar effiċjenti tal-proċedimenti ta' insolvenza billi jippermettu lill-qorti tirrifjuta l-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji jekk jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari jekk dan ma jkunx meħtieġ għall-protezzjoni tal-interessi tal-kredituri lokali, billi titneħħa l-ħtieġa li l-proċedimenti sekondarji jkunu proċedimenti ta' stralċ u billi titjieb il-kooperazzjoni bejn il-proċedimenti prinċipali u dawk sekondarji, b'mod partikolari billi r-rekwiżiti ta' kooperazzjoni jiġu estiżi għall-qrati involuti;
- **Pubbliċità tal-proċedimenti u preżentazzjoni tat-talbiet**: Rekwiżit għall-Istati Membri biex jippubblikaw deċiżjonijiet

(77) Ara l-Artikolu 16.
(78) Ara l-Artikolu 17.
(79) Ara l-Artikolu 26.
(80) Ara l-Artikolu 18.
(81) COM(2012) 743 finali u COM(2012) 744 finali : 2012/0360 (COD).

(82) Ara http://www.uncitral.org/uncitral/en/uncitral_texts/insolvency/1997Model.html

tal-qorti rilevanti f'każijiet transfruntiera ta' insolvenza f'reġistru elettroniku aċċessibbli pubblikament u għall-interkonnessjoni ta' reġistri nazzjonali ta' insolvenza.

- **Gruppi ta' kumpaniji**: Il-ħolqien ta' qafas legali għat-trattament tal-insolvenza li jikkonċerna membri differenti tal-istess grupp ta' kumpaniji, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' koordinazzjoni tal-grupp u permezz tal-obbligu tal-istralċjarji u l-qrati involuti fil-proċedimenti prinċipali differenti biex jikkooperaw u jikkomunikaw ma' xulxin.



# 5 Il-Liġi Applikabbli

## 5.1. Liġi applikabbli – il-problematika[83]

Fis-suq intern il-ħtieġa li jiġi żgurat li ċ-ċittadini u n-negozji jkuun jistgħu jiddeterminaw b'ċertezza liema liġi se tapplika fir-rigward tad-diversi relazzjonijiet ġuridiċi li jinqalgħu jew li jinħolqu hija importanti daqs il-ħtieġa li jiġu stabbiliti r-regoli tal-ġurisdizzjoni fir-rigward tal-proċeduri tal-qorti, jekk mhux aktar. Kuljum isiru miljuni ta' tranżazzjonijiet jew jinħolqu sitwazzjonijiet legali li attwalment jew potenzjalment jikkonċernaw il-kwistjoni tal-liġi applikabbli. Kull darba li individwu jixtri xi ħaġa bejn il-fruntieri ta' żewġ Stati Membri tqum il-kwistjoni dwar liema liġi tapplika għal dik it-tranżazzjoni. Meta n-negozji jidħlu f'kuntratti għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi, il-kwistjoni tal-liġi applikabbli hija, jew għandha tkun, waħda ta' kunsiderazzjoni biex tiġi identifikata l-liġi li tiddetermina l-effetti ġuridiċi tal-kuntratt, u dan sabiex jiġi żgurat li l-partijiet jafu x'inhuma dawk l-effetti. Jekk familja tmur fi Stat Membru ieħor għal btala u tivjaġġa bil-karozza minn diversi Stati Membri u b'xorti ħażina matul il-vjaġġ tispiċċa nvoluta f'inċident tat-traffiku kkawżat minħabba persuna oħra u, bħala riżultat ta' dan l-inċident, ikorru u jġarrbu danni fil-karozza tagħhom u l-kontenut tagħha, għalihom ikun importanti ħafna li jkunu jafu taħt liema sistema ġudizzjarja taqa' t-talba riżultanti tagħhom li trid tiġi evalwata. Għalhekk, biex din il-kwistjoni ssir aktar prevedibbli, kien hemm bżonn ta' regoli armonizzati tal-liġi applikabbli li jieħdu post ir-regoli fil-liġijiet tal-Istati Membri.

(83) Hemm strumenti oħra li fihom regoli dwar il-liġi applikabbli; dawn jinkludu r-Regolamenti dwar l-Insolvenza, l-Obbligi ta' Manteniment, id-Divorzju u s-Suċċessjoni. Is-suġġett tal-liġi applikabbli fir-rigward ta' dawn huwa trattat fil-kapitoli li jiddeskrivu l-istrumenti in kwistjoni.

## 5.2. Il-Liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali – Ir-Regolament "Ruma I"

### 5.2.1. Il-Konvenzjoni ta' Ruma tal-1980 u r-Regolament Ruma I

L-ewwel passi biex jiġu armonizzati r-regoli dwar il-liġi applikabbli ttieħdu man-negozjati u l-adozzjoni tal-Konvenzjoni ta' Ruma dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali li ġiet konkluża fid-19 ta' Ġunju 1980. Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 1991 b'ratifika ta' tmien Stati Membri. Il-Konvenzjoni nbidlet aktar 'il quddiem, ħlief fir-rigward tad-Danimarka, mir-Regolament "Ruma I" li jkopri l-istess suġġett. Għalhekk, il-Konvenzjoni għadha fis-seħħ rigward ir-relazzjoni bejn id-Danimarka u l-bqija tal-Istati Membri tal-UE.

Il-Konvenzjoni tipprovdi regoli armonizzati dwar is-suġġett, iżda dawn kienu soġġetti għal differenzi sostantivi dwar ċerti punti, partikolarment minħabba l-fatt li l-Istati Membri kienu kapaċi jdaħħlu riżervi għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. Sabiex jiġu żgurati uniformità u ċertezza legali akbar f'dan il-qasam, ġie adottat Regolament fis-17 ta' Ġunju 2008 li beda japplika mis-17 ta' Diċembru 2009.

### 5.2.2. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' Ruma I

Ir-Regolament japplika għall-obbligi kuntrattwali f'materji ċivili u kummerċjali. Ċerti materji huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni u, b'mod ġenerali, dawn jinkludu l-materji kollha relatati mal-liġi tal-Familja u l-istatus tal-individwi, l-arbitraġġ, il-liġi tal-kumpaniji, trusts u suċċessjonijiet u l-aġenzija. Ir-regoli tar-Regolament Ruma I japplikaw esklussivament biex

tiġi determinata l-liġi applikabbli fil-materji koperti mir-Regolament anke jekk il-liġi magħżula mhijiex il-liġi ta' Stat Membru.

### 5.2.3. Il-prinċipju ta' awtonomija tal-partijiet – u l-limitazzjonijiet tiegħu – l-Artikolu 3

Bħal fil-Konvenzjoni, il-prinċipju ewlieni fir-Regolament huwa dak ta' "awtonomija tal-partijiet", jiġifieri li l-partijiet għal kuntratt jistgħu jagħżlu l-liġi li tirregola l-kuntratt tagħhom. L-għażla tista' tkun tal-liġi applikabbli għall-kuntratt kollu jew parti minnu bisss. L-għażla tal-partijiet tista' ssir b'mod espress u tidher b'mod ċar mit-termini tak-kuntratt jew miċ-ċirkustanzi tal-każ. Ladarba ssir għażla, tista' tiġi varjata mill-partijiet. Jekk l-elementi kollha tal-kuntratt apparti l-għażla tal-liġi jkunu jinsabu f'pajjiż differenti minn dak li tintgħażel il-liġi tiegħu, tista' tiġi applikata kwalunkwe disposizzjoni tal-liġi ta' dak il-pajjiż li ma tistax issir deroga minnhom permezz ta' ftehim. Hemm ċerti tipi ta' kuntratti li fir-rigward tagħhom il-prinċipju tal-awtonomija tal-partijiet huwa limitat u fejn hemm regoli speċjali li f'ħafna każijiet jillimitaw l-għażla tal-liġi għal-liġi ta' ċerti pajjiżi speċifiċi. Dawn jinkludu kuntratti ta' trasport, assigurazzjoni u impjiegi u kuntratti fejn parti minnhom tkun il-konsumatur. Aktar 'il quddiem f'dan il-kapitolu, jingħataw dettalji għar-regoli għal dawn il-kuntratti.

### 5.2.4. Il-liġi applikabbli meta ma tkun saret ebda għażla – l-Artikolu 4

Jekk il-partijiet ma jkunux għamlu għażla espliċita tal-liġi applikabbli, ir-Regolament jipprovdi regoli dwar liema liġi tapplika fil-każ ta'ċerti tipi speċifiċi ta' kuntratt. Il-prinċipju bażiku wara dawn ir-regoli huwa li l-kuntratt għandu jiġi rregolat mil-liġi tal-pajjiż li l-kuntratt ikun marbut mill-qrib miegħu. Għal ċerti tipi speċifiċi ta' kuntratt dawn ir-regoli huma kif stabbiliti fit-tabella li ġejja:

<table>
<tr><th>Tip ta' Kuntratt</th><th colspan="2">Liġi applikabbli</th></tr>
<tr><td>Bejgħ ta' oġġetti</td><td rowspan="4">il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal:</td><td>tal-bejjiegħ</td></tr>
<tr><td>Forniment ta' servizzi</td><td>tal-fornitur tas-servizzi</td></tr>
<tr><td>Kuntratt ta' konċessjoni</td><td>tal-konċessjonarju</td></tr>
<tr><td>Kuntratt ta' distribuzzjoni</td><td>tad-distributur</td></tr>
<tr><td>Dritt in rem fuq proprjetà immobbli jew kiri ta' proprjetà immobbli</td><td colspan="2">• il-liġi tal-pajjiż fejn tinsab il-proprjetà;<br>• madankollu meta l-kuntratt ikun kirja għal żmien qasir, il-liġi tar-residenza abitwali tal-proprjetarju, jekk tkun l-istess bħal tal-kerrej meta l-kerrej ikun persuna fiżika</td></tr>
<tr><td>Kuntratt ta' bejgħ ta' oġġetti b'irkant</td><td colspan="2">il-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ l-irkant jekk ikun jista' jiġi stabbilit</td></tr>
<tr><td>Ċerti tipi ta' kuntratti konklużi fi ħdan sistema multilaterali għax-xiri u l-bejgħ ta' interessi fi strumenti finanzjarji</td><td colspan="2">il-liġi li tirregola s-sistema multilaterali li fi ħdanha l-kuntratt ikun ġie konkluż jekk is-sistema tkun irregolata minn liġi waħda</td></tr>
</table>

Għal kuntratti li ma jaqgħux f'dawn il-kategoriji, jew li jkunu koperti minn aktar minn kategorija waħda, il-kuntratt huwa rregolat mil-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-parti li l-prestazzjoni tagħha tkun karatteristika tal-kuntratt. Jekk kuntratt ikun konness aktar mill-qrib ma' pajjiż differenti minn dak li jkun indikat minn dawn ir-regoli, tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor. Fl-aħħar nett jekk il-liġi applikabbli ma tistax tiġi determinata bl-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, għandha tapplika l-liġi tal-pajjiż li jkun l-iktar marbut mill-qrib.

**Fil-każ fl-Eżempju 1 dwar kuntratt għal spazju għal wirja ma' organizzatur ta' fiera kummerċjali, il-Kumpanija B, li kellha kanċellazzjoni mill-Kumpanija A ħamest ijiem qabel il-fiera kummerċjali ikkonċernata kellha suppost tiftaħ (ara l-eżempju 1 fil-paragrafu 2.1) Il-Kumpanija B tixtieq tkun żgura li l-kuntratt ma' A ikun irregolat mir-regoli fil-liġi tal-pajjiż tagħha stess ta' Residenza Abitwali, jiġifieri tal-Istat 2.**

L-organizzaturi tal-fieri normalment jistipulaw fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-fieri kummerċjali tagħhom li l-kuntratti mal-esebituri għandhom ikunu rregolati mil-liġijiet tal-Istat fejn l-organizzatur kkonċernat ikollu l-post tan-negozju tiegħu. Ir-Regolament Ruma I, bħall-Konvenzjoni ta' qablu, jistabbilixxi l-prinċipju tal-awtonomija tal-partijiet li jagħti lill-partijiet il-libertà li jagħżlu l-liġi li għandha tiġi applikata għal kuntratt: ara l-Artikolu 3(1) Jekk fil-kuntratt bejn A u B il-partijiet għażlu l-liġi tal-Istat 2, ir-residenza abitwali ta' B, dik il-liġi se tirregola l-kuntratt.

Jekk ma saritx għażla, hemm bżonn li jiġu applikati regoli "ta' inadempjenza" fir-Regolament biex ikun jista' jiġi stabbilit x'inhi r-regola li, fil-każ ta' nuqqas ta' għażla, tista' tiddetermina liema liġi tapplika. Biex isir dan hemm bżonn li l-kuntratt jiġi kkaratterizzat, peress illi li kieku kellu jaqa' f'waħda mill-kategoriji ddikjarati fl-Artikolu 4, il-liġi applikabbli tkun dik indikata f'dak l-artikolu. Mill-kuntratti differenti msemmija fl-artikolu probabbli li dak li huwa l-eqreb lejn il-kera ta' spazju għal wirja f'fiera huwa l-Artikolu 4(1)(b), il-forniment ta' servizzi. Jekk dan huwa l-każ, li jiddependi fuq it-termini tal-kuntratt, il-liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla se tkun dik tar-residenza abitwali tal-fornitur tas-servizzi, jiġifieri l-pajjiż tal-Kumpanija B, għal darb'oħra l-Istat 2.

Jekk il-kuntratt ma jistax jiġi kkaratterizzat b'dan il-mod, allura tintuża l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-parti li t-twettiq tal-obbligi tagħha fil-kuntratt huwa l-aktar karatteristiku. Aktarx li din se tkun il-liġi tal-Istat 2 ukoll peress li l-kera tal-ispazju għal wirja u s-servizzi relatati tal-fieri li kellhom jiġu pprovduti mill-Kumpanija B kienu l-aktar karatteristiċi tal-kuntratt. Ovvjament dan huwa differenti mill-obbligu tal-Kumpanija A li tħallas, li huwa obbligu ta' tip ġenerali ħafna. Għalhekk, fuq din il-bażi, il-liġi applikabbli għall-kuntratt terġa' tkun il-liġi tal-Istat Membru 2, li huwa l-pajjiż fejn il-Kumpanija B jkollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha u għalhekk fejn għandha r-residenza abitwali skont ir-regola fl-Artikolu 19(1) tar-Regolament.

## 5.2.5. Regoli speċjali u regoli protettivi għall-parti l-aktar dgħajfa – l-Artikoli 5 sa 88

Hemm regoli speċjali li jkopru kuntratti ta' trasport tal-oġġetti u l-passiġġieri u kuntratti bħal dawk li jinvolvu l-konsumaturi, detenturi ta' poloz tal-assigurazzjoni u impjegati taħt kuntratti individwali ta' impjieg.

### *5.2.5.1. Kuntratti ta' trasport – l-Artikolu 5*

Għall-kuntratti ta' trasport, li spiss ikollhom termini u kundizzjonijiet standard, hemm regola ġenerali li tippermetti li tintgħażel il-liġi applikabbli iżda dan huwa differenti fit-trasport ta' merkanzija u t-trasport ta' passiġġieri minħabba l-ħtieġa li jiġu rispettati ċerti konvenzjonijiet internazzjonali. Għat-trasport ta' merkanzija hemm possibbiltà mingħajr limiti li tingħażel il-liġi applikabbli taħt ir-regoli ġenerali dwar l-awtonomija tal-partijiet. Jekk ma ssir ebda għażla, il-liġi applikabbli għandha tkun jew il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tat-trasportatur, meta jikkoinċidi ma' dak tal-ispeditur; u jekk le, se jkun il-pajjiż fejn jinsab il-post tal-kunsinna tal-merkanzija. Għal kuntratti ta' trasport tal-passiġġieri l-liġi li tista' tiġi magħżula hija limitata għal-liġi tal-pajjiż fejn:

- Il-passiġġier ikun abitwalment residenti,
- It-trasportatur ikun abitwalment residenti,
- It-trasportatur ikollu l-post tal-amministrazzjoni ċentrali,
- Ikun hemm il-post tat-tluq, jew,
- Ikun hemm il-post tad-destinazzjoni.

Jekk ma tingħażel ebda liġi, għandha tapplika l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-passiġġier jekk dan ikun jew il-post tat-tluq jew il-post tal-wasla tal-vjaġġ. Jekk ma japplika ebda wieħed minn dawn, għandha tkun il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tat-trasportatur.

### *5.2.5.2. Protezzjoni tal-iktar parti dgħajfa*

#### 5.2.5.2.1. Konsumaturi – l-Artikolu 6

Kuntratt bejn konsumatur u professjonist, kif iddefinit fl-Artikolu 6(1), huwa rregolat bil-liġi tal-pajjiż li fih il-konsumatur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, jekk jew il-professjonist iwettaq l-attivitajiet ta' negozju hemmhekk jew bi kwalunkwe mezz imexxi tali attivitajiet lejn dak il-pajjiż. Kwalunkwe għażla ta' liġi f'kuntratt bejn dawn il-partijiet ma jistax ikollha effett jekk iċċaħħad lill-konsumatur mill-protezzjonijiet li jkunu disponibbli kieku l-liġi applikabbli tkun dik tar-residenza abitwali tal-konsumatur. Dawn ir-regoli ma japplikawx fil-każ ta' ċerti kuntratti għal servizzi pprovduti lill-konsumatur mhux fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-konsumatur, kuntratti ta' trasport barra minn vjaġġi b'kollox inkluż, kuntratti relatati ma' proprjetà immobbli apparti timeshares u ċerti strumenti finanzjarji.

**Fil-każ tas-Sunjura A, li rajna fl-Eżempju 3 tal-paragrafu 2.2.3.4, li hija residenti fl-Istat Membru 1, u li ordnat ktieb mingħand bejjiegħ tal-kotba fuq l-internet u ħallset il-prezz ta' EUR 26.80 bil-quddiem; madankollu, il-ktieb ma jasalx. Is-Sinjura A saret taf li bejjiegħ tal-kotba fuq l-internet huwa kumpanija domiċiljata fl-Istat Membru 2. Is-Sinjura A ddeċidiet li tieħu azzjoni legali biex tirkupra l-flus tagħha peress li issa laħqet xtrat il-ktieb mingħand bejjiegħ onlajn ieħor. Apparti mill-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni indirizzata fl-Eżempju 1 tqum kwistjoni tal-liġi applikabbli għax is-Sinjura A tixtieq tieħu vantaġġ mill-protezzjonijiet speċjali mogħtija lix-xerrejja onlajn fl-Istat Membru 1 fejn l-oneru li turi li l-merkanzija ordnata ġiet ikkonsenjata jaqa' fuq il-kummerċjant u mhux fuq il-konsumatur.**

**Madankollu s-Sinjura A qrat it-tipa żgħira fuq il-kuntratt onlajn li tgħid illi kellha taqbel mat-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu qabel tqiegħed l-ordni u rat li tapplika l-liġi tal-Istat Membru 2 li ma joffrix tali protezzjoni għall-konsumaturi. Il-kummerċjant li jbiegħ il-kotba jsostni li l-kundizzjonijiet ġenerali tal-bejgħ ikopru l-bejgħ kollu mill-bejjiegħ inkluż dak onlajn u għalhekk hija s-Sinjura A li għandha turi li l-ktieb ma wasalx u mhux hu. Is-Sinjura A tixtieq tkun taf jekk ir-regolament jistax jgħinha f'dan ir-rigward.**

**Meta jiġu applikati t-termini tal-Artikolu 6 għal dan il-każ, l-ewwel punt huwa li huwa kuntratt konkluż minn konsumatur peress li s-Sinjura A mhix qed taġixxi fi ħdan negozju jew professjoni meta tixtri l-ktieb filwaqt li l-bejjiegħ tal-kotba qed jagħmel dan meta jbiegħ. Sussegwentement, jista' jingħad li b'xi mod jew ieħor il-bejjiegħ tal-kotba qed isegwi attivitajiet kummerċjali fil-pajjiż tar-residenza abitwali tas-Sinjura A jew li għall-inqas qed jidderieġi dawk l-attivitajiet lejn dak l-Istat. Dan ifisser li billi hija qablet mal-għażla tal-liġi tal-Istat 2, is-Sinjura A taqa' taħt it-termini tal-Artikolu 6(2) skont liema l-għażla ma tistax twassal biex titlef il-protezzjonijiet mogħtija lilha mil-liġi fl-Istat 1. Peress li l-bejjiegħ tal-kotba ma jistax jagħti prova li l-ktieb ġie kkonsenjat, is-Sinjura A għandha probabbiltà tajba li tkun tista' tikseb ordni għall-ħlas tal-prezz lilha.**

5.2.5.2.2. Assigurazzjoni – l-Artikolu 7

Ir-regoli speċjali għal-liġi applikabbli marbuta mal-kuntratti tal-assigurazzjoni huma maqsuma f'żewġ kategoriji: dawk marbuta ma' riskji kbar peress illi dak it-terminu huwa mfisser fid-dritt rilevanti tal-UE [84] u tipi oħra ta' kuntratti tal-assigurazzjoni. Fir-rigward ta' kuntratti ta' assigurazzjoni li jkopru riskju kbir japplika l-prinċipju tal-awtonomija tal-partijiet u l-partijiet huma liberi li jagħżlu l-liġi applikabbli. Jekk ma ssir għażla japplikaw żewġ regoli fin-nuqqas: jew il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-assiguratur jew inkella l-liġi ta' pajjiż ieħor fejn iċ-ċirkostanza tagħmilha ċara li l-kuntratt huwa mingħajr dubju marbut aktar mill-qrib ma' dak il-pajjiż. Fil-każ ta' kuntratti ta' assigurazzjoni, minbarra li jkopru riskji kbar, il-libertà tal-għażla tal-liġi hija limitata għal dan li ġej:

- Il-liġi ta' Stat Membru fejn ikun jinsab ir-riskju fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt;

(84) L-ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE tal-24 ta' Lulju 1973.

- Il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tad-detentur tal-polza;
- Għal polza ta' assigurazzjoni tal-ħajja, il-liġi tal-Istat Membru taċ-ċittadinanza tad-detentur tal-polza;
- Għal kuntratt li jkopri riskju fuq avvenimenti fi Stat Membri wieħed li mhuwiex dak fejn ir-riskju huwa allokat, il-liġi ta' dak l-Istat Membru;
- Għal kuntratt li jkopri riskji relatati ma' attivitajiet kummerċjali, industrijali jew professjonali li jinsabu fi Stati Membri differenti, il-liġi ta' kwalunkwe wieħed minn dawk l-Istati Membri jew il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tad-detentur tal-polza.

Fl-ewwel, it-tieni u l-ħames sitwazzjonijiet jista' jkun hemm aktar libertà biex tingħażel il-liġi applikabbli jekk il-pajjiż ikkonċernat jippermetti hekk. Jekk ma ssir ebda għażla f'dawn il-każijiet, il-liġi applikabbli għandha terġa' tkun dik tal-Istat Membru fejn jinsabu r-riskji fi żmien il-konklużjoni tal-kuntratt. Hemm ċerti regoli żejda fejn huwa obbligatorju skont il-liġi ta' Stat Membru li jsiru kuntratti ta' assigurazzjoni u sabiex jiġi ddeterminat il-pajjiż fejn jinsab ir-riskju, f'liema każ għandha ssir referenza fil-każ ta' kuntratti, li mhumiex tal-assigurazzjoni tal-ħajja, għat-Tieni Direttiva tal-Kunsill dwar l-assigurazzjoni [85] u fil-każ ta' kuntratti tal-assigurazzjoni tal-ħajja għad-Direttiva tal-KE dwar l-assigurazzjoni tal-ħajja. [86]

#### 5.2.5.2.3. Kuntratti ta' Impjieg – l-Artikolu 8

Il-kuntratti ta' impjieg għandhom ikunu rregolati mil-liġi magħżula mill-partijiet u, fin-nuqqas ta' għażla, mil-liġi tal-pajjiż li fih jew minnu l-impjegat abitwalment iwettaq xogħlu għat-twettiq tal-kuntratt. Meta l-liġi ma tistax tiġi determinata b'dan il-mod, pereżempju jekk l-impjegat ma jwettaqx ix-xogħol tiegħu abitwalment f'pajjiż wieħed, il-kuntratt huwa rregolat mil-liġi tal-pajjiż fejn jinsab il-post tan-negozju li minnu ġie impjegat. Madankollu, jekk miċ-ċirkostanzi kollha jkun jidher li l-kuntratt ikollu rabta aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor, il-liġi ta' dak il-pajjiż tirregola l-kuntratt. Fil-każ ta' għażla tal-liġi applikabbli, impjegat ma jistgħux jitneħħewlu l-protezzjonijiet li jirriżultaw mir-regoli obbligatorji tal-liġi tax-xogħol skont il-liġi li, fin-nuqqas ta' għażla, kienet tkun applikabbli għall-kuntratt skont ir-Regolament.

(85) Ara l-Artikolu 2(d) tat-Tieni Direttiva tal-Kunsill 88/357/KEE tat-22 ta' Ġunju 1988 kif emendata bid-Direttiva 2005/14/KE.

(86) Ara l-Artikolu 1(1)(g) tad-Direttiva 2002/83/KE tal-5 ta' Novembru 2002 li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja; ĠU L 345/1 tad-19/12/2002.

### 5.2.6. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli – l-Artikolu 12

Il-liġi applikabbli se tirregola:

- L-interpretazzjoni u t-twettiq tal-kuntratt,
- Il-konsegwenzi tal-ksur, parzjali jew sħiħ, u l-istima tad-danni,
- It-terminazzjoni tal-obbligi minħabba l-preskrizzjoni u l-limitazzjoni tal-azzjonijiet, u
- Il-konsegwenzi tan-nullità.

Fir-rigward tal-mod tat-twettiq u t-twettiq difettuż, għandha tiġi kkunsidrata l-liġi tal-pajjiż fejn sar it-twettiq.

### 5.2.7. Dispożizzjonijiet oħrajn rigward il-liġi applikabbli f'kuntratt

Hemm dispożizzjonijiet sinifikanti oħrajn fir-Regolament li jindirizzaw ċerti materji speċifiċi fir-rigward tal-liġi applikabbli inklużi regoli obbligatorji

tal-pajjiż fejn għandu jitwettaq il-kuntratt li għandhom jiddaħħlu fis-seħħ soġġetti għal kunsiderazzjoni tan-natura u l-effett tagħhom kif ukoll il-konsegwenzi tal-applikazzjoni tagħhom b'mod partikolari safejn dawn irendu l-kuntratt illegali. Dawn ir-regoli huma tali biex jissalvagwardjaw l-interessi tal-pajjiż ikkonċernat u huma meqjusin bħala kruċjali għal dan il-għan. Materji oħra koperti minn regoli speċjali huma dawk dwar il-validità materjali u formali ta' kuntratt, materji ta' inkapaċità, assenjazzjoni u surroga, responsabbiltà multipla, it-tpaċija u l-oneru tal-prova. Hemm regoli biex jiġi indikat il-post ta' residenza abitwali tal-persuni ġuridiċi u l-individwi li jaġixxu fin-negozju, biex tiġi eskluża l-applikazzjoni ta' renvoi rigward ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat ta' kwalunkwe pajjiż li l-liġi tiegħu hija applikabbli skont ir-Regolament, biex tiġi indirizzata l-applikazzjoni tar-Regolament rigward Stati b'aktar minn sistema legali waħda u r-relazzjonijiet ma' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-UE u mal-Konvenzjoni ta' Ruma.

## 5.3. Il-liġi applikabbli f'Delitt – ir-Regolament "Ruma II"

### 5.3.1. L-isfond

Għalkemm kemm il-Konvenzjoni ta' Brussell u r-Regolament "Brussell I" għandhom regoli dwar il-ġurisdizzjoni għal obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali, ir-regoli dwar il-liġi applikabbli għal obbligi kuntrattwali biss ġew armonizzati skont il-Konvenzjoni ta' Ruma. Kif tlestiet il-Konvenzjoni ta' Ruma kien sar xi progress sabiex tiġi negozjata Konvenzjoni dwar is-suġġett tal-Liġi Applikabbli fid-Delitt. Madankollu ix-xogħol ma kienx tlesta meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Amsterdam fl-1999 u l-proġett ġie pospost għal numru ta' snin. Ftit aktar tard, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal strument dwar il-liġi applikabbli għal obbligi mhux kuntrattwali u r-Regolament li rriżulta, magħruf b'mod popolari bħala "Ruma II" ġie adottat fil-11 ta' Lulju 2007, u applikat mill-11 ta' Jannar 2009.

### 5.3.2. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' "Ruma II"' – Artikoli 1 u 2

Ir-Regolament jindirizza l-liġi applikabbli għal obbligi mhux kuntrattwali rigward materji ċivili u kummerċjali. Bħal fi strumenti oħra f'dan il-qasam, il-kamp ta' applikazzjoni ma jinkludix kwistjonijiet relatati ma' dħul, dwana jew kwistjonijiet amministrattivi. L-intenzjoni hija li, bejniethom, ir-regolamenti Ruma I u II għandhom ikopru l-obbligi ċivili kollha, għall-inqas suġġett għal dawn u l-esklużjonijiet l-oħra mill-kamp ta' applikazzjoni. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazjoni territorjali tar-Regolament, dan japplika fl-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka. Ta' min jinnota li r-regoli japplikaw ukoll għal sitwazzjonijiet li fihom hemm responsabbiltà prospettiva bħal fi ksur antiċipat tal-liġi li x'aktarx iwassal għal responsabbiltà ta' kważi-delitt jew delitt.

#### 5.3.2.1. *Tifsira ta' "obbligu mhux kuntrattwali" – l-Artikolu 2*

L-Artikolu 2 jistabbilixxi t-tifsira ta' obbligi mhux kuntrattwali għall-finijiet tar-Regolament. Dawn jinkludu l-kategoriji tradizzjonali ta' żball legali fir-rigward tad-Delitt. Madankollu, jinkludu wkoll obbligi li fl-imgħoddi ma kellhomx jiġu kkaratterizzati bħala delittwali jew kuntrattwali bħal arrikkiment mhux iġġustifikat, ***negotiorum gestio,*** jew id-dritt ta' rimborż għall-ispejjeż mġarrba fit-twettiq volontarju ta' servizz għal xi ħadd, u l-obbligi li jirriżultaw mill-kanċellazzjoni ta' negozjati kuntrattwali li twassal għal telf imġarrab minn parti li minħabba n-negozjati kienet daħlet fi spejjeż b'antiċipazzjoni tal-kuntratt billi jitwettqu azzjonijiet meħtieġa taħt il-kuntratt, magħrufa

bħala *culpa in contrahendo*. Dawn l-aħħar tliet kategoriji ta' obbligu tant huma speċifiċi li hemm regoli speċjali għalihom fir-Regolament.

#### *5.3.2.2. Esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni – l-Artikolu 1*

Xi oqsma ta' obbligi mhux kuntrattwali huma esklużi mill-kamp ta' applikajoni tar-Regolament, bħal obbligi mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn relazzjonijiet familjari jew relazzjonijiet simili, sistemi ta' proprjetà matrimonjali u trusts u suċċessjoni. Huma esklużi wkoll obbligi li jirriżultaw minn diversi relazzjonijiet kummerċjali bħal dawk fir-rigward ta' kambjali u strumenti negozjabbli oħrajn u kwistjonijiet tal-liġi tal-kumpaniji. Is-suġġett tal-obbligi li jirriżultaw minn dannu nukleari huwa eskluż ukoll peress li huwa trattat skont Konvenzjonijiet internazzjonali usa' u minnu nnifsu huwa kontroversjali ħafna għal ċerti Stati Membri. In-nuqqas ta' applikazzjoni tar-regolament għandu sinifikat partikolari għar-responsabbiltà tal-Istat għal atti u ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità Statali. Fl-aħħarnett, inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni meta ġie propost l-istrument, il-malafama u l-ksur tad-drittijiet tal-privatezza u l-personalità ġew esklużi fl-istrument adottat. [87]

### 5.3.3. Ir-regoli dwar il-liġi applikabbli

Ir-Regolament jipprovdi regoli differenti biex tiġi determinata l-liġi applikabbli fir-rigward taż-żewġ kategoriji ta' obbligi mhux kuntrattwali koperti minnha, jiġifieri dawk li jinqalgħu minn delitt u dawk li jinqalgħu minn relazzjonijiet legali oħrajn. Minbarra li jipprovdi regoli ġenerali għal dawn iż-żewġ kategoriji, fiż-żona tal-obbligi li jinqalgħu minn delitt, hemm regoli speċjali għal ħames tipi ta' sitwazzjonijiet, jiġifieri responsabbiltà għal dannu minn prodotti, kompetizzjoni, ħsara ambjentali, proprjetà intellettwali u azzjoni industrijali.

#### *5.3.3.1. Awtonomija tal-partijiet –l-Artikolu 14*

Għall-kuntrarju tal-pożizzjoni f'"Ruma I" l-għażla tal-liġi applikabbli għandha rwol aktar ristrett għal każijiet ta' delitt. Ġeneralment, il-partijiet mhumiex f'pożizzjoni li jagħmlu għażla qabel ikun seħħ l-avveniment li jwassal għal talba għal telf, korriment u dannu peress li f'ċirkostanzi normali ma jkunux antiċipaw avveniment bħal dan u għalhekk mhemm ħadd ma min il-parti li ġġarrab dan it-telf setgħet daħlet fi ftehim minn qabel. Dan ifisser illi mhux possibbli taħt ir-Regolament li jsir ftehim fuq għażla ġenerali tal-liġi li tkun saret qabel dan l-avveniment. Għalhekk il-ħin tal-għażla huwa limitat għall-perjodu wara li jkun seħħ l-avveniment. Hemm sitwazzjoni waħda li hija koperta mir-regolament li fiha l-partijiet jistgħu jidħlu fi ftehim biex jagħżlu l-liġi applikabbli qabel l-avveniment u din hi meta l-partijiet kollha involuti għandom attività kummerċjali. Kwalunkwe għażla ta' liġi għandha tkun soġġetta għall-eċċezzjoni li l-liġi magħżula ma tiġix applikata meta jkun hemm rabta mill-qrib mal-liġi tad-dispożizzjonijiet ta' pajjiż ieħor li se tiġi applikata l-liġi tiegħu li ma tistax tkun soġġetta għal kuntrattar. L-għażla għandha tkun jew espliċita jew toħroġ biċ-ċar miċ-ċirkostanzi tal-każ.

#### *5.3.3.2. Liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla – l-Artikolu 4*

Ir-regola ġenerali fir-rigward ta' obbligu li jirriżulta minn sitwazzjoni delittwali hija li tapplika l-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ id-dannu jew fejn x'aktarx iseħħ, irrispettivament mill-pajjiż fejn sar l-avveniment li wassal għad-dannu jew

(87) Din l-esklużjoni kienet soġġetta għal dikjarazzjoni mill-Kummissjoni fil-mument tal-adozzjoni tar-Regolament li fit-termini tiegħu l-Kummissjoni impenjat ruħha li tippreżenta studju dwar is-suġġett, mhux aktar tard minn Diċembru 2008, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-istudju fil-fatt ġie ppubblikat fi Frar 2009.

lejn kwalunkwe pajjiż fejn iseħħu l-konsegwenzi indiretti ta' dak l-avveniment. L-għan ta' dik ir-regola, li tikkonferma l-*lex loci delicti commissi* bħala l-liġi applikabbli, huwa li tiggarantixxi ċertezza fil-liġi filwaqt li fl-istess ħin tipprova tilħaq bilanċ raġonevoli bejn il-persuna li allegatament hija responsabbli u l-persuna li ġarrbet id-dannu. Madankollu, meta l-persuna allegatament responsabbli u l-persuna li allegatament ġarrbet id-danni jkunu abitwalment residenti fl-istess pajjiż meta jseħħ id-dannu, għandha tkun applikabbli l-liġi ta' dak il-pajjiż. Ir-Regolament jipprovdi wkoll klawżola ta' eċċezzjoni ġenerali bil-għan li jintroduċi ftit flessibbiltà, u b'hekk jippermetti lill-qorti tadatta skont każ individwali sabiex tapplika l-liġi li tirrifletti ċ-ċentru tal-gravità tas-sitwazzjoni, b'tali mod li, kull meta d-delitt ikun jidher ċar li huwa aktar marbut mill-qrib ma' pajjiż ieħor, il-liġi ta' dak il-pajjiż l-ieħor għandha tkun applikabbli. Ir-Regolament jipprovdi wkoll regoli speċjali li japplikaw għal xi oqsma tal-liġi bħal responsabbiltà għal dannu minn prodotti, kompetizzjoni inġusta jew il-liġi tal-proprjetà intellettwali.

**Eżempju:**

Fl-2010, raġel ta' nazzjonalità Franċiża residenti f'Olomuc fir-Repubblika Ċeka kien involut f'inċident tat-traffiku fejn intlaqat minn karozza u weġġa' waqt li kien qed jaqsam it-triq fi Bratislava. Il-karozza involuta fl-inċident kienet irreġistrata fl-Ungerija u kienet misjuqa fil-ħin tal-inċident minn persuna ta' nazzjonalità Ungeriża u b'residenza abitwali Ungeriża. Il-karozza kienet assigurata b'polza ma' assiguratur Awstrijak ibbażat fi Vjenna.

Fl-2012, il-vittma tal-inċident bil-karozza fetħet kawża għal korriment personali u danni kontra l-assiguratur quddiem il-qorti fir-Repubblika Ċeka. Liema liġi se tapplika biex tiddetermina d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet, inkluż id-determinazzjoni tar-responsabbiltà u l-ammont tad-danni? Apparti dan, liema liġi se tapplika rigward il-kwistjoni dwar jekk l-assiguratur jistax jitħarrek mingħajr rikors kontra l-persuna responsabbli għall-inċident kif ukoll dwar it-talba tal-assiguratur għal rimborż kontra dik il-persuna?

Meta jiġi applikat l-Artikolu 14(1)(a) tar-Regolament il-partijiet jistgħu jilħqu ftehim wara li tinqala' t-tilwima dwar liema liġi għandha tiġi applikata. Jekk wieħed jassumi li ma jagħmlux dan, japplikaw id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Artikolu 4. Peress li l-persuna mweġġa' u l-persuna responsabbli huma abitwalment residenti f'pajjiżi differenti, l-Artikolu 4(2) ma japplikax. Għalhekk, il-liġi applikabbli għandha tiġi stabbilita mill-Artikolu 4(1) li jindika l-liġi tal-pajjiż fejn iseħħ id-dannu. Fil-każ ta' inċident tat-traffiku bħal dan, dan ikun il-pajjiż fejn seħħ l-inċident. Peress li l-inċident f'dan il-każ seħħ fis-Slovakkja, għandha tapplika l-liġi tas-Slovakkja.

Il-kwistjoni dwar jekk il-kawża tistax issir direttament kontra l-assiguratur Awstrijak tiddependi fuq jekk il-liġi applikabbli għall-att delittwali, jiġifieri l-liġi tas-Slovakkja, tippermettix hekk jew jekk hix il-liġi applikabbli skont il-kuntratt ta' assigurazzjoni li tippermettiha.

Fl-aħħar nett il-liġi li għandha tirregola d-dritt ta' surroga tal-assiguratur kontra l-persuna responsabbli għat-telf u l-ħsara kkawżata fl-inċident, skont l-Artikolu 19, se tkun l-istess liġi kif applikata għall-obbligu tal-assiguratur biex iħallas lill-persuna mweġġa', għal darb'oħra f'dan il-każ il-liġi tas-Slovakkja.

*5.3.3.3. Regoli għal sitwazzjonijiet speċjali f'delitt – l-Artikoli 5 sa 9*

Hemm diversi regoli speċjali li jkopru ħames sitwazzjonijiet differenti, kif ġej:

- Responsabbiltà għal dannu minn prodotti –l-Artikolu 5; il-liġi applikabbli trid tiġi eżaminata skont lista ta' fatturi ta' konnessjoni: fl-ewwel post il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali tal-persuna li ġarrbet il-ħsara, meta seħħet il-ħsara, jekk il-prodott konċernat kien mibjugħ f'dak il-pajjiż. Fin-nuqqas , il-liġi tal-pajjiż fejn inxtara l-prodott jekk kien mibjugħ hemm, jew fi-nuqqas, il-liġi tal-pajjiż fejn seħħet il-ħsara jekk il-prodott kien mibjugħ hemmhekk. Jekk il-persuna allegatament responsabbli ma setgħetx raġonevolment tipprevedi l-bejgħ tal-prodott fi kwalunkwe wieħed minn dawk il-pajjiżi għandha tkun il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali ta' dik il-persuna. Jekk il-każ ikollu rabta li biċ-ċar tkun aktar qrib ma' pajjiż differenti, għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż.
- Kompetizzjoni inġusta – l-Artikolu 6; japplikaw diversi regoli skont is-sitwazzjoni. Ġeneralment dawn ir-regoli huma maħsuba biex jipproteġu l-interessi kemm tal-konsumaturi kif ukoll tan-negozji kontra attività antikompetittiva. Għalhekk, meta jseħħ att ta' kompetizzjoni inġusta, il-liġi applikabbli hija dik tal-pajjiż fejn l-interess kompetittiv jew l-interessi kollettivi tal-konsumaturi huma affettwati jew x'aktarx li jiġu affettwati. Ir-regola ġenerali fl-Artikolu 4 tapplika meta jiġu affetwati l-interessi ta' kompetitur speċifiku. Ir-regoli speċifiċi fl-Artikolu 6(3) jitrattaw prattiki antikompetittivi li jiffokaw fuq l-applikazzjoni tal-liġi tal-pajjiżi fejn ikunu jinsabu s-swieq rilevanti affettwati. Mhuwiex possibbli li jitneħħew dawn ir-regoli mill-kuntratt permezz ta' għażla tal-liġi skont l-Artikolu 14.
- Ħsara ambjentali – l-Artikolu 7; obbligu delittwali li jirriżulta minn dannu ambjentali jew dannu mġarrab minn persuni jew proprjetà bħala riżultat ta' tali dannu huwa primarjament regolat mil-liġi magħżula mill-partijiet. Madankollu, il-persuna li qed tagħmel it-talba għandha l-għażla li tibbażaha fuq il-liġi tal-pajjiż fejn sar l-avveniment li wassal għad-dannu. Il-possibbiltà ta' għażla unilaterali enfasizzat l-impenn ġenerali tal-UE għall-promozzjoni tal-protezzjoni ambjentali.
- Drittijiet tal-proprjetà intellettwali – l-Artikolu 8; hawnhekk issir distinzjoni bejn id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tal-UE u d-drittijiet nazzjonali. Rigward dawn tal-aħħar il-liġi applikabbli hija dik tal-pajjiż li qed tintalab protezzjoni għalih. Għal drittijiet tal-UE f'każijiet li fihom il-kwistjoni ma tkunx irregolata fl-istrument rilevanti tal-UE, il-liġi applikabbli hija dik tal-pajjiż fejn seħħ l-att ta' ksur tad-dritt. Għal darb'oħra mhix permessa għażla tal-liġi għal dawn il-każijiet.
- Azzjoni Industrijali – l-Artikolu 9; Din, l-aħħar waħda mis-sitwazzjonijiet speċjali, tikkonċerna obbligi mhux kuntrattwali fir-rigward tar-responsabbiltà ta' persuna fil-kapaċità ta' ħaddiem jew ta' prinċipal jew l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-interessi professjonali tagħhom, bħal trejdjunjins jew assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, għal danni kkaġunati minn azzjoni industrijali, kemm jekk diġà mwettqa jew pendenti. Filwaqt li f'każijiet bħal dawn tapplika r-regola ġenerali fl-Artikolu 4(2) li tapplika l-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali komuni, l-Artikolu 9 jipprovdi li għandha tapplika l-liġi tal-pajjiż fejn għandha tinfetaħ il-kawża, jew fejn tkun infetħet.

### *5.3.3.4. Liġi applikabbli f'każijiet ta' arrikkiment indebitu – l-Artikoli 10 u 11*

Fir-rigward ta' obbligi mhux kuntrattwali f'arrikkiment indebitu li jirriżulta minn att li mhuwiex delitt – bħal arrikkiment indebitu u aġenzija mingħajr awtorità – ir-Regolament jipprovdi regoli biex jiżgura li l-obbligu jkun irregolat mil-liġi tal-Istat l-aktar marbut mill-qrib mas-suġġett tiegħu, filwaqt li jagħti lill-qrati biżżejjed flessibbiltà biex jadattaw ir-regola għas-sistemi nazzjonali tagħhom. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet hemm ġerarkija ta' regoli stabbiliti.

- Arrikkiment indebitu – l-Artikolu 10; ir-regoli primarji huma li meta l-obbligu jkun inqala' minn relazzjoni eżistenti bejn il-partijiet b'konnessjoni mill-qrib mal-arrikkiment indebitu, huwa jkun irregolat mil-liġi li rregolat dik ir-relazzjoni, bħal pereżempju kuntratt. Jekk dan ma japplikax u l-partijiet kienu abitwalment residenti fl-istess pajjiż meta nqala' l-obbligu, tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż. Jekk dan ma jistax jiddetermina l-liġi li għandha tiġi applikata, għandha tkun dik tal-pajjiż fejn seħħ l-arrikkiment indebitu. Jekk is-sitwazzjoni jkollha rabta aktar mill-qrib ma' pajjiż ieħor differenti minn dawk speċifikati fid-dispożizzjonijiet l-oħra, f'dak il-każ għandha tapplika l-liġi ta' dak il-pajjiż.
- Negotiorum gestor – l-Artikolu 11; hawnhekk l-ewwel regola hija simili għal dik li tirrigwarda l-arrikkiment indebitu; meta jkun hemm relazzjoni bejn il-partijiet b'rabta mill-qrib mal-obbligu għandha tapplika l-liġi applikabbli għal dik ir-relazzjoni. It-tieni regola hija għal darb'oħra biex tapplika r-residenza abitwali konġunta tal-partijiet u t-tielet hija li tapplika l-liġi tal-pajjiż fejn sar l-att li jagħti lok għall-obbligu. Fl-aħħarnett hemm regola marbuta mill-qrib ħafna simili għal dik fl-Artikolu 10(4).

**Eżempju**

Impjegat tal-Kumpanija A bbażata fi Franza, meta rranġa għal trasferiment bankarju elettroniku ta' fondi biex iħallas miżata għal fiera kummerċjali fl-Italja lill-kumpanija B li kienet organizzat il-fiera, għamel żball waqt li kien qed ilesti t-trasferiment onlajn fejn il-miżata mħallsa dehret li kienet EUR 50 000 minflok EUR 5 000. Barra minn hekk il-ħlas sar fil-kont ta' parti terza li ma kellha xejn x'taqsam mal-kumpanija Taljana jew mat-tranżazzjoni. Dik il-parti, domiċiljata fl-Awstrija, inzertat kellha kont fl-istess bank bħall-kumpanija B b'numru wieħed biss differenti minn dak tal-kont tal-Kumpanija B. Il-parti terza tirrifjuta li tagħti l-ħlas lura u għalhekk il-Kumpanija A għandha tiftaħ kawża kontra dik il-parti fil-qrati tad-domiċilju ta' din tal-aħħar, jiġifieri fl-Awstrija, peress li ma hemm ebda raġuni ta' ġurisdizzjoni għal każijiet ta' arrikkiment indebitu bħal dan fir-Regolament Brussell I. Il-mistoqsija hija liema liġi għandha tiġi applikata mill-qorti Awstrijaka?

Peress li s-sitwazzjoni tikkonċerna l-arrikkiment indebitu tal-parti terza, għandu jiġi applikat l-Artikolu 10 ta' Ruma II. L-ewwel alternattiva, jiġifieri l-eżistenza ta' relazzjoni kuntrattwali jew delittwali marbuta mas-sitwazzjoni fattwali li minnha jirriżulta l-arrikkiment indebitu, mhijiex rilevanti hawnhekk minħabba n-nuqqas ta' relazzjoni eżistenti bejn il-Kumpanija A u l-parti terza Awstrijaka. Lanqas ma hija applikabbli r-residenza abitwali komuni tal-partijiet peress li l-Kumpanija A u l-parti terza huma abitwalment residenti f'pajjiżi differenti.

Dan iħalli l-aħħar wieħed mill-fatturi ta' konnessjoni fl-Artikolu 10(3) li jindika l-liġi tal-pajjiż li fih seħħ l-arrikkament indebitu. F'dan il-każ, dan iwassal għall-applikazzjoni tal-liġi Taljana, peress li l-kont bankarju tal-parti Awstrijaka jinsab fl-Italja. Id-dispożizzjonijiet speċjali fl-Artikolu 10(4) aktarx li ma jaffettwawx l-applikabbiltà tal-liġi Taljana, peress li ċ-ċirkustanzi tal-każ ma jurux rabta ċara ma' pajjiż ieħor.

#### *5.3.3.5. Liġi applikabbli f'obbligi li jinqalgħu minn culpa in contrahendo – l-Artikolu 12*

Culpa in contrahendo tirreferi għas-sitwazzjoni li fiha jinqala' obbligu mhux kuntrattwali minn relazzjonijiet qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, irrispettivament minn jekk il-kuntratt fil-fatt ġiex konkluż jew le. Dan jinkludi ksur ta' dmir ta' nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni, il-ksur u l-falliment ta' negozjati kuntrattwali. Għal darb'oħra r-regoli tal-Artikolu 12 jipprovdu ġerarkija ċkejkna. Għalhekk l-ewwel pass huwa li tiġi applikata l-liġi li tirregola l-kuntratt jew li kieku kienet tapplika għalih li kieku ġie konkluż. Fin-nuqqas ta' din, il-liġi applikabbli hija dik jew tal-pajjiż fejn sar l-avveniment li wassal għad-dannu irrispettivament mill-pajjiż jew pajjiżi li fihom ikun hemm konsegwenzi indiretti jew dik tal-pajjiż tar-residenza abitwali komuni tal-partijiet jew, meta r-relazzjoni tkun marbuta biċ-ċar aktar mill-qrib ma' pajjiż differenti minn dak indikat mir-regoli l-oħra mil-liġi ta' dak il-pajjiż.

### 5.3.4. Kamp ta' applikazzjoni tal-liġi applikabbli – l-Artikolu 15

Il-liġi li hija applikabbli skont ir-regoli tar-Regolament tirregola –

- Il-bażi u l-medda tar-responsabbiltà
- Ir-raġunijiet għal eżenzjoni mir-responsabbiltà u kwalunkwe limitazzjoni jew diviżjoni tar-responsabbiltà
- L-eżistenza, in-natura u l-istima tad-danni jew ir-rimedju mitlub
- Il-miżuri li qorti tista' tieħu għall-prevenzjoni jew għat-terminazzjoni ta' leżjoni jew dannu
- It-trasferiment ta' dritt għal kumpens għad-danni inkluż permezz ta' wirt
- Il-persuni intitolati għal kumpens għal dannu mġarrab personalment
- Ir-responsabbiltà ċivili għall-atti ta' persuna oħra, u
- It-terminazzjoni ta' obbligu permezz ta' preskrizzjoni u l-limitazzjoni ta' azzjonijiet u l-interruzzjoni ta' perjodi ta' preskrizzjoni u limitazzjoni

### 5.3.5. Dispożizzjonijiet oħra rigward il-liġi applikabbli f'obbligi mhux kuntrattwali

Bħal fir-Regolament Ruma I hemm dispożizzjonijiet sinifikanti oħrajn fir-Regolament li jittrattaw ċerti kwistjonijiet speċifiċi rigward il-liġi applikabbli. Dawn jinkludu wkoll artikolu dwar ir-regoli obbligatorji tal-liġi tal-forum li tittratta l-każ li għandhom jingħataw effett irrispettivament mil-liġi li kieku tkun applikabbli. Kwistjonijiet oħrajn koperti minn regoli speċjali jinkludu regola li r-regoli dwar is-sigurtà u l-kondotta fis-seħħ meta u fejn iseħħ avveniment li jagħti lok għar-responsabbiltà għandhom jiġu kkunsidrati u regola li permezz tagħha persuna tista' tiftaħ kawża direttament kontra l-assiguratur tal-persuna responsabbli diment li dan ikun permess mill-liġi applikabbli għall-obbligu mhux kuntrattwali jew

għall-kuntratt ta' assigurazzjoni. Hemm regoli applikabbli għas-surroga, responsabbiltà multipla u rigward il-validità formali ta' att relatat ma' obbligu mhux kuntrattwali. Fl-aħħar nett, hemm regoli dwar l-oneru tal-prova, il-post tar-residenza abitwali ta' persuni ġuridiċi u individwi li jaġixxu f'negozju, l-esklużjoni tal-applikazzjoni tar-renvoi rigward ir-regoli tad-dritt internazzjonali privat ta' kwalunkwe pajjiż li l-liġi tiegħu hija applikabbli skont ir-Regolament, l-applikazzjoni tar-Regolament rigward Stati b'aktar minn sistema legali waħda u r-relazzjonijiet ma' dispożizzjonijiet oħrajn fil-liġi tal-UE u xi Konvenzjonijiet internazzjonali.



# 6

# Responsabbiltà tal-Ġenituri u Divorzju

# 6.1. Ir-Regolament "Brussell IIa"

## 6.1.1. Sfond – ir-Regolament Brussell II u r-Regolament Brussell IIa

Ir-Regolament (KE) 1347/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi (magħruf bħala r-"Regolament Brussell II") [88] daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2001. Dan ir-Regolament ittratta l-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar fil-proċedimenti ċivili relatati mad-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ, imma safejn ittratta materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri kien limitat għal sitwazzjonijiet li qamu fil-kuntest ta' proċediment matrimonjali dwar tfal komuni għaż-żewġ konjuġi. Ir-Regolament kien suċċessur għal Konvenzjoni fost l-Istati Membri li kienet innegozjata qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam. It-testi tar-Regolament Brussell II u tal-Konvenzjoni huma prattikament identiċi iżda l-Konvenzjoni [89], , li ġiet adottata fit-28 ta' Mejju 1968, qatt ma daħlet fis-seħħ.

Ir-Regolament japplika għall-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Brussell II deher relattivament malajr wara li daħal fis-seħħ li kien limitat wisq f'dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet tiegħu dwar materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri. Din kienet raġuni waħda wara l-proposta tal-Kummissjoni li saret f'Awwissu 2002 [90] għal abbozz ta' Regolament maħsub biex jissostitwixxi r-Regolament Brussell II li jkopri d-deċiżjonijiet kollha dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri, irrispettivament mill-istatus konjugali tal-ġenituri u irrispettivament minn jekk kienx hemm każ matrimonjali pendenti eżistenti bejn il-ġenituri. Ġie propost ukoll li jittratta materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri li jinvolvu t-tqegħid tal-minuri f'kustodja kif ukoll il-fostering. Fil-biċċa l-kbira tagħha l-proposta segwiet ir-regoli tal-Konvenzjoni tal-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal ("il-Konvenzjoni tal-Aja dwar il-Protezzjoni tat-Tfal") li kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ fl-Istati Membri dak iż-żmien. Ir-Regolament Brussell IIa ġie adottat fis-27 ta' Novembru 2003 u beda japplika mill-1 ta' Marzu 2005. [91]

## 6.1.2. Ir-Regolament Brussell IIa u s-Sekwestru tal-Minuri

Ir-Regolament Brussell IIa kif propost kellu jkun fih ukoll regoli speċjali għas-sekwestru tal-minuri mill-ġenituri fl-Unjoni Ewropea u għalhekk biex jittratta l-problema tat-tneħħija u ż-żamma illegali tal-minuri bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja bejn l-Istati Membri. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-25 ta' Ottubru 1980 dwar l-Aspetti Ċivili tas-Sekwestru Internazzjonali tal-Minuri hija fis-seħħ fl-Istati Membri kollha. Skont dik il-Konvenzjoni, meta minuri jinħataf jew jinżamm f'pajjiż parti minn dik il-Konvenzjoni li ma jkunx dak tar-residenza abitwali tiegħu, l-awtoritajiet tal-Istat fejn inħataf jew qed jinżamm il-minuri għandhom jordnaw ir-ritorn immedjat

(88) Ara ĠU L160 30.6.2000, p.19.

(89) Ara ĠU L 221, 16.7.1998, p. 1.

(90) Ara ĠU C 203 E, tas-27 ta' Awwissu 2002 fuq p155. Gwida Prattika separata għall-operat tar-Regolament hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Portal tal-ġustizzja elettronika.

(91) Id-Danimarka ma tipparteċipax f'dan ir-Regolament.

tiegħu lejn l-Istat tar-residenza tiegħu meta dak l-Istat ikun Stat Kontraenti. Ir-regoli tar-Regolament Brussell IIa kienu maħsuba biex jikkumplimentaw u jsaħħu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni fl-operat tagħhom bejn l-Istati Membri u għalhekk biex jiddisswadi lill-ġenituri u oħrajn milli jieħdu l-pass unilaterali biex ineħħu jew iżommu lill-minuri 'il bogħod mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tagħhom.

## 6.1.3. Ir-Regolament Brussell IIa u Materji matrimonjali

### *6.1.3.1. Ġurisdizzjoni f'materji matrimonjali – l-Artikolu 3*

Ir-Regolament ħa r-regoli mhux emendati dwar materji matrimonjali mir-Regolament Brussell II. Għal dawn il-proċedimenti r-Regolament ipprovda regoli sabiex jiġu stabbiliti:

- il-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri,
- ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi mogħtija mill-qrati ta' Stati Membri oħrajn.

**Eżempju**

**Is-Sa A hija ċittadina tal-Istat Membru 1 u ilha miżżewġa lis-Sur B għal tliet snin; kienu qed jgħixu flimkien fl-Istat Membru 2, l-Istat tal-oriġini tas-Sur B. Is-Sa A, li fil-fehma tagħha ż-żwieġ spiċċa, tixtieq tapplika għal divorzju u tmur lura fil-pajjiż tal-oriġini tagħha, fejn tgħix il-familja tagħha. Tixtieq titlaq malajr kemm jista' jkun u tapplika għal divorzju fil-pajjiż tal-oriġini tagħha. Ilha ma titkellem mas-Sur B ġimagħtejn, u tinsab imħassba dwar il-fatt li d-divorzju jista' jsir problema serja.**

Skont ir-regoli tar-Regolament fl-Artikolu 3(1) il-ġurisdizzjoni għad-divorzju hija tal-qrati fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-konjuġi jew l-aħħar residenza abitwali jekk wieħed mill-konjuġi jkun għadu jgħix hemmhekk. Din tista' tkun ukoll tal-qrati tal-Istat Membru tan-nazzjonalità komuni tal-miżżewġin (fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, id-"domiċilju" ta' kull wieħed mill-konjuġi). Kieku s-Sa A kellha tirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħha (l-Istat Membru 1), tkun tista' tapplika għal divorzju quddiem qorti hemmhekk diment li tkun residenti abitwali hemmhekk u jekk tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Is-Sur B jaċċetta li jippreżenta applikazzjoni konġunta għal divorzju magħha.
- Jekk is-Sur B ma jkunx lest li jippreżenta applikazzjoni konġunta, u jekk is-Sa A tkun għexet hemm tal-inqas sitt xhur qabel ma tressaq l-applikazzjoni tagħha. Jekk is-Sa A tiddeċiedi li tmur tgħix fi Stat Membru terz li ma tkunx ċittadina tiegħu, titħalla tapplika għal divorzju hemm biss jekk tkun residenti abitwali

hemm u tkun għexet hemm għal mill-inqas sena qabel tressaq l-applikazzjoni tagħha.

Is-Sa A għandha ssir taf li s-Sur B, li għandu l-ħsieb li jibqa' fir-residenza komuni preżenti tal-konjuġi fl-Istat Membru 2, huwa f'pożizzjoni kemxejn aktar favorevoli peress li jista' japplika għal divorzju f'qorti ta' dak l-Istat Membru minnufih. Is-Sa A tista' tagħmel hekk hemm peress li s-Sur B għadu abitwalment residenti f'dak l-Istat Membru filwaqt li biex tiftaħ l-applikazzjoni fl-Istat Membru 1, ikollha tistenna mill-inqas sitt xhur.

Jekk is-Sur B jiddeċiedi li jiftaħ l-applikazzjoni fl-Istat Membru 2, dik l-azzjoni effettivament timpedixxi lis-Sa A milli tkun tista' tapplika fl-Istat Membru 1. Dan għaliex l-Artikolu 19(1) tar-Regolament jistabbilixxi li meta l-proċedimenti li jinvolvu l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet jinġiebu quddiem qrati ta' Stati Membri differenti li għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu l-każ skont ir-Regolament, il-qorti kompetenti invokata l-ewwel tipproċedi bil-każ u l-qorti invokata t-tieni għandha tissospendi l-proċimenti tagħha u ladarba tiġi stabbilita l-kompetenza tal-qorti invokata l-ewwel, m'għandhiex tipproċedi bil-każ; dan jaqa' taħt dik li tissejjaħ ir-regola *lis pendens* Ewropea f'dak l-Artikolu.

Ir-Regolament japplika biss għax-xoljiment tar-rabtiet matrimonjali, iżda ma jittrattax kwistjonijiet bħal raġunijiet għal divorzju, il-konsegwenzi fuq il-proprjetà taż-żwieġ, l-obbligu tal-manteniment [92] jew miżuri oħrajn li jistgħu jkunu anċillari għad-divorzju.

(92) Ara hawn taħt fil-Kapitlu 7.

### *6.1.3.2. Rikonoxximent u infurzar ta' ordnijiet fi proċedimenti matrimonjali skont Brussell IIa*

Fuq il-bażi tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, sentenza mogħtija fi Stat Membru wieħed għandha tiġi rikonoxxuta fl-Istati Membri l-oħra kollha. Ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' rikonoxximent jinżammu minimi. Fil-każ ta' sentenzi dwar separazzjoni, divorzju jew annullament ta' żwieġ, ma hi meħtieġa l-ebda proċedura speċjali biex jiġu aġġornati r-rekords dwar l-istatus konjugali ta' Stat Membru. Huwa wkoll prinċipju bażiku fir-Regolament Brussell IIa, bħal fir-Regolament Brussell I, li l-Istat indirizzat m'għandux jirrevedi l-ġurisdizzjoni tal-qorti fl-Istat Membru tal-oriġini u lanqas il-konstatazzjonijiet tal-fatti ta' dik il-qorti. Sentenzi relatati ma' kwistjonijiet matrimonjali jistgħu jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stati Membri oħrajn ladarba jkunu ġew iddikjarati eżegwibbli mill-qorti rilevanti fl-Istat Membru ta' infurzar ("exequatur"). Id-deċiżjoni biex jingħata exequatur tista' tiġi riveduta wara appell. Mhix meħtieġa legalizzazzjoni għad-dokumenti inkluż għall-ordni għal divorzju, meħtieġa għar-rikonoxximent u l-infurzar.

## 6.1.4. Brussell IIa u Responsabbiltà tal-Ġenituri

### *6.1.4.1. Kamp ta' applikazzjoni*

Ir-Regolament huwa wiesa' ħafna rigward il-kamp ta' applikazzjoni ta' materji dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri. Ikopri l-għamliet tradizzjonali tad-dmirijiet tal-ġenituri fir-relazzjonijiet bejn l-ġenituri u l-ulied bħad-determinazzjoni tal-post ta' residenza tal-minuri, id-drittijiet tal-kuntatt, il-kurazija, miżuri għall-protezzjoni tal-minuri fir-rigward tal-propjetà tagħhom. It-tqegħid tal-minuri f'post ieħor minn awtorità pubblika msemmi fil-paragrafu 6.1.8. hija koperta wkoll. Jipprovdi regoli marbutin

mal-ġurisdizzjoni tal-qrati f'materji bħal dawn u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' ordnijiet dwar responsabbiltà tal-ġenituri.

### *6.1.4.2. Ġurisdizzjoni fir-responsabbiltà tal-ġenituri – l-Artikoli 8, 9, 12 u 13*

Ir-regola ġenerali hija li l-ġurisdizzjoni hija tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri. It-terminu residenza abitwali ma huwa ddefinit imkien fir-Regolament iżda huwa maħsub li jkollu tifsira awtonoma u dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'għadd ta' kawżi.. (93) Barra minn hekk, ir-Regolament jintroduċi possibbiltà limitata, u soġġetta għal ċerti kundizzjonijiet, biex qorti ta' Stat Membru differenti minn dak fejn ikunu abitwalment residenti l-minuri jkollha ġurisdizzjoni rigward ir-responsabbilità tal-ġenituri pereżempju meta l-kwistjoni tkun marbuta ma' proċediment pendenti ta' divorzju skont l-Artikolu 3 tar-Regolament f'dak l-Istat Membru l-ieħor. (94) Jipprovdi wkoll għal ġurisdizzjoni bbażata fuq il-preżenza tal-minuri fi Stat Membru iżda biss meta ma jkunx possibbli li tiġi ddeterminata r-residenza abitwali tal-minuri. (95) Meta l-minuri jaqsam fruntiera mill-Istat Membru tar-residenza abitwali tiegħu għal ieħor bil-qbil tal-persuni li jkollhom ir-responsabbiltà tal-ġenituri (normalment il-ġenituri), il-qrati fl-ewwel stat jibqa' jkollhom ġurisdizzjoni fir-rigward tal-varjazzjoni ta' kwalunkwe ordni għal kuntatt iżda biss għal perjodu ta' tliet xhur u meta d-detentur ta' drittijiet ta' aċċess ikun għadu jgħix hemmhekk. (96)

(93) Ara, pereżempju, il-kawżi li ġejjin: A, C – 523/07 tat-2 ta' April 2009, u Mercredi v Chaffe, C – 497/10 PPU tat-22 ta' Diċembru 2010.

(94) Ara l-Artikolu 12(1).

(95) Ara l-Artikolu 13.

(96) Ara l-Artikolu 9.

### *6.1.4.3. Trasferiment ta' kawżi bejn il-qrati – l-Artikolu 15*

Ir-Regolament fih regola innovattiva oħra fil-liġi Ewropea li biha qorti li tkun invokata għal kawża, u li għandha ġurisdizzjoni fuq is-sustanza, permezz ta' eċċezzjoni tista' tittrasferiha lil qorti ta' Stat Membru ieħor jekk din tal-aħħar tkun f'pożizzjoni aħjar biex tisma' l-kawża. Il-qorti tista' tittrasferixxi l-kawża kollha jew parti speċifika minnha.

Peress li skont ir-regola ġenerali fl-Artikolu 8 il-ġurisdizzjoni hija tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri meta l-qorti tkun ġiet invokata, il-ġurisdizzjoni ma tinbidilx b'mod awtomatiku meta l-minuri jiksbu residenza abitwali fi Stat Membru ieħor matul il-proċedimenti tal-qorti. Madankollu jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn eċċezzjonalment, il-qorti li tkun ġiet invokata ("il-qorti tal-oriġini") ma tkunx fl-aħjar pożizzjoni biex tisma' l-kawża. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-Artikolu 15 jippermetti li l-qorti tal-oriġini tittrasferixxi l-kawża lil qorti ta' Stat Membru ieħor diment li dan isir fl-aħjar interessi tal-minuri. Il-proċedura biex isir dan it-trasferiment u l-kategoriji tal-qorti li t-trasferiment jista' jsir lilha huma stipulati fl-Artikolu. Ladarba l-każ ikun ġie ttrasferit lejn il-qorti ta' Stat Membru ieħor, ma jistax jerġa' jiġi ttrasferit lil qorti terza (97).

### *6.1.4.4. Ġurisdizzjoni f'sitwazzjonijiet ta' Sekwestru tal-Minuri – l-Artikolu 10*

Xi minuri huma maħtufa minn Stat Membru wieħed għall-ieħor minn ġenituri li jixtiequ jiftħu kawża għal responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward ta' dawk il-minuri, pereżempju, quddiem imħallef tan-nazzjonalità tagħhom bit-tama

(97) Ara l-Premessa (13).

li jirċievu trattament aktar favorevoli. Skont ir-Regolament, it-tneħħija jew iż-żamma illegali ta' minuri ma tistax twassal għal bidla fil-kompetenza ġurisdizzjonali mill-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali oriġinali tal-minuri sakemm dawk kollha li għandhom drittijiet ta' kustodja kif iddefinit fir-Regolamenti ma jkunux taw il-kunsens tagħhom jew sakemm il-minuri ma jkunux għexu fl-Istat il-ġdid għal mill-inqas sena wara li l-persuna li jkollha d-drittijiet ta' kustodja jkollha jew għandu jkollha għarfien dwar fejn jinsabu l-minuri u, jew ma tkun saret l-ebda applikazzjoni għar-ritorn skont il-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-Sekwestru tal-Minuri f'dik is-sena, jew jekk tkun saret applikazzjoni, tkun ġiet irtirata jew jekk tkun ħarġet ordni għal kustodja fl-Istat Membru tar-residenza abitwali oriġinali tal-minuri li ma jkunx jinvolvi r-ritorn tal-minuri lejn dak l-Istat. B'dan il-mod, il-ġenituri li jaħsbu li jistgħu jiksbu vantaġġ billi jieħdu lill-minuri tagħhom b'mod unilaterali lejn Stat Membru ieħor huma skoraġġuti milli jagħmlu dan minħabba l-fatt li fl-Unjoni Ewropea huwa ċar li tali attività ma twassalx għal bidla fil-ġurisdizzjoni f'materji ta' responsabbiltà tal-ġenituri.

## 6.1.5. Il-funzjonament tal-Konvenzjoni tal-Aja dwar is-Sekwestru tal-Minuri fl-Unjoni Ewropea – l-Artikolu 11

### *6.1.5.1. Il-prinċipji bażiċi tal-Konvenzjoni u r-Regolament*

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili ta' Sekwestru Internazzjonali tal-Minuri tkompli topera fi ħdan l-Unjoni Ewropea, iżda r-Regolament fih dispożizzjonijiet li jikkumplimentaw l-operat tal-Konvenzjoni fost l-Istati Membri. Dawn id-dispożizzjonijiet huma maħsuba biex isaħħu l-funzjonament tal-Konvenzjoni u b'mod partikolari biex isaħħu l-prinċipju ċentrali kemm tal-Konvenzjoni kif ukoll tar-Regolament li jmur kontra l-aħjar interessi tal-minuri li jitneħħew jew jinżammu b'mod illegali lil hinn mill-Istat tar-residenza abitwali tagħhom. Min-naħa tiegħu, dan il-prinċipju huwa appoġġjat mill-kunċett proċedurali li jekk isseħħ tali tneħħija jew żamma, il-minuri kkonċernati għandhom jiġu rritornati fl-Istat tar-residenza abitwali tagħhom malajr kemm jista' jkun, jekk il-qorti hekk tiddeċiedi u għandha tkun il-qorti ta' dak l-Istat li, jekk ikun meħtieġ, għandha tieħu deċiżjonijiet xierqa fl-aħjar interessi tal-minuri rigward ma' min għandhom jgħixu u jkollhom kuntatt u fuq liema bażi għandu jsir dan.

### *6.1.5.2. Id-dispożizzjonijiet supplimentari tar-Regolament – l-Artikolu 11(1) sa 5*

L-Artikolu 11 fih għadd ta' dispożizzjonijiet li huma maħsuba biex isaħħu dawn il-prinċipji bażiċi u li għandhom jiġu applikati fil-każijiet fejn jintalab ir-ritorn tal-minuri skont il-Konvenzjoni minn Stat Membru għal ieħor; dawn huma kif ġej:

- Meta tiġi kkunsidrata l-applikazzjoni għar-ritorn u kull oppożizzjoni għaliha permezz tal-eċċezzjonijiet provduti fl-Artikoli 12 u 13 tal-Konvenzjoni sakemm dan ma jkunx xieraq, il-minuri għandhom jingħataw l-opportunità li jinstemgħu matul il-proċedimenti b'kunsiderazzjoni tal-età jew il-maturità tagħhom. Ir-Regolament ma jispeċifikax kf għandu jsir u jħalli f'idejn il-liġi nazzjonali proċedurali tal-Istati Membri. Madankollu, huwa ċar mid-dispożizzjoni li l-qorti li tkun qed tikkunsidra r-ritorn tal-minuri trid tiddeċiedi jekk għandux jinstema' – l-Artikolu 11(2).
- Il-proċedimenti għar-ritorn taħt il-Konvenzjoni għandhom jiġu konklużi malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ m'għandhomx idumu iktar minn sitt ġimgħat minn meta jinbdew sa meta tingħata sentenza; din

id-dispożizzjoni hija simili għal dawk fil-Konvenzjoni [98] u ssaħħaħ il-propożizzjoni li r-ritorn immedjat tal-minuri huwa għan fundamentali taż-żewġ strumenti – l-Artikolu 11(3).

- Skont l-Artikolu 13(1)(b) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 msemmija hawn qabel il-ġenituri jistgħu jaraw kif jevitaw ordni għar-ritorn tat-tfal li huma neħħew illegalment billi jsostnu illi r-ritorn tat-tfal konċernati jqiegħdhom f'riskju serju ta' ħsara fiżika jew psikoloġika jew f'sitwazzjoni insostenibbli. Bħal fl-eċċezzjonijiet l-oħra l-oneru tal-prova tar-riskji għall-minuri għas-sodisfazzjon tal-qorti jinsab fuq il-persuna li qed titlob ordni kontra r-ritorn. Fil-fatt din l-eċċezzjoni ġiet interpretata ġeneralment b'mod limitat ħafna mill-qrati f'ħafna mill-Istati kontraenti inklużi l-Istati Membri tal-UE u r-Regolament isaħħaħ din il-kostruzzjoni billi jipprovdi li din l-eċċezzjoni ma tistax tintuża biex ma jsirx ritorn jekk jiġi stabbilit li jkunu saru miżuri adegwati ta' protezzjoni għall-minuri wara li jirritornaw lejn l-Istat ta' residenza abitwali fil-qrati fejn għandhom jiġu deċiżi kwistjonijiet dwar il-benesseri tagħhom filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minuri. – l-Artikolu 11(4)
- Sakemm il-persuna li titlob ir-ritorn ma tkunx ingħatat l-opportunità li tinstema', il-qorti ma tistax tirrifjuta r-ritorn – l-Artikolu 11(5)

### *6.1.5.3. X'jiġri jekk tinħareġ ordni sabiex ma jsirx ir-ritorn – l-Artikolu 11(6) sa 11(8)*

Kif intqal, hemm eċċezzjonijiet limitati stabbiliti fil-Konvenzjoni li fuqhom il-qorti toħroġ ordni għar-ritorn tal-minuri lejn l-Istat ta' residenza abitwali wara t-tneħħija jew iż-żamma illegali fi Stat ieħor. Biex jimpedixxi li l-ġenituri jippruvaw jieħdu vantaġġ minn dawn, spiss fuq bażi kemxejn artifiċjali, u biex jiżgura li l-ġejjieni fit-tul tal-minuri li ġew soġġetti għal azzjoni bħal din jiġi deċiż fl-Istat tar-residenza abitwali tagħhom, ir-Regolament ma jistabbilixxix biss li l-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri qabel is-sekwestru jkollhom ġurisdizzjoni [99], iżda anki li, wara s-sekwestru, dawk il-qrati se jieħdu d-deċiżjoni finali dwar il-ġejjieni fit-tul tal-minuri. Għalhekk, deċiżjoni bbażata fuq l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni biex ma jsirx ir-ritorn tal-minuri maħruġa mill-qrati fl-Istat Membru li fih inħatfu l-minuri tista' tkun segwita minn sentenza aktar tard li teħtieġ ir-ritorn tal-minuri maħruġa mill-qrati kompetenti fl-Stat Membru fejn kien jgħix il-minuri qabel is-sekwestru.

### *6.1.5.4. Rikonoxximent u infurzar ta' ordni għar-ritorn ta' minuri wara ordni biex ma jsirx ir-ritorn – proċedura rapida – l-Artikoli 11(8), 40(1)(b) u 42*

Jekk tinħareġ tali sentenza li teħtieġ ir-ritorn tal-minuri, għandha tiġi rikonoxxuta u eżegwita mingħajr ebda proċedura speċjali (bħal exequatur), diment li jkunu ssodisfati ċerti salvagwardji proċedurali, pereżempju li l-qorti fl-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-minuri tat lill-minuri l-opportunità li jinstemgħu. [100] Il-qorti li tkun ħarġet l-ordni sabiex ma jsirx ir-ritorn tibgħat id-dokumenti tal-każ lill-qorti b'ġuriżdizzjoni fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-minuri immedjatament qabel it-tneħħija jew żamma illegali. Il-partijiet jiġu mistiedna mill-qorti kompetenti fil-pajjiż tar-residenza abitwali tal-minuri immedjatament qabel it-tneħħija jew żamma illegali biex jagħmlu

(98) Ara l-Artikoli 2 u 11.

(99) Ara l-Artikolu 10 u l-paragrafu 6.1.4.4.

(100) Ara l-Artikolu 42(2)(a).

s-sottomissjonijiet tagħhom quddiem dik il-qorti; jekk dawn isiru l-qorti teżamina l-kwistjoni tal-kustodja.

### 6.1.6. Rikonoxximent u infurzar ta' ordnijiet għall-kuntatt – proċedura rapida – l-Artikoli 40(1)(a) u 41

Ir-Regolament Brussell IIa segwa d-dispożizzjonijiet ta' eżekuzzjoni tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġuriżdizzjoni, ir-Rikonoxximent, l-Eżekuzzjoni u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal u żied ċertifikati biex jiffaċilitaw iċ-ċirkolazzjoni fi ħdan l-Unjoni ta' deċiżjonijiet fuq id-divorzju u r-responsabbiltà tal-ġenituri, inkluż ordnijiet għall-kuntatt, maħruġa fi Stat Membru. Iċ-ċertifikati dwar id-drittijiet ta' kuntatt jinkludu dikjarazzjonijiet dwar il-proċedura li tkun segwiet il-Qorti: meta s-sentenza tkun ingħata b'kontumaċja iċ-ċertifikat jikkonferma li l-persuna kontumaċi kienet ġiet innotifikata b'mod illi setgħet tiddefendi lilha nfisha; illi l-partijiet u l-minuri, fid-dawl tal-età u l-maturità tiegħu, ingħataw iċ-ċans jinstemgħu. Mhemmx appell kontra l-ħruġ ta' ċertifikat fl-Istat Membru tal-oriġini; iċ-ċertifikat jista' jiġi emendat (l-Artikolu 43). Is-sentenza ċertifikata ma' tistax tiġi eżegwita fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jekk mhix kompatibbli ma' sentenza eżegwibbli sussegwentement.

### 6.1.7. Rikonoxximent u infurzar ta' ordnijiet – proċedura standard – l-Artikoli 21 sa 39

Għal ordnijiet oħra dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri il-proċedura hija simili għal dik tal-ordnijiet soġġetti għall-proċedura tar-Regolament Brussell I. Ladarba jingħata u jiġi eżegwit l-ordni jinħariġlu ċertifikat fil-forma standard stabbilita fir-Regolament. (101) Il-proċedura tal-applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà, jew reġistrazzoni għall-eżekuzzjoni fir-Renju Unit (l-Artikolu 28) hija regolata mil-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni (l-Artikolu 30). Il-persuna li tfittex l-infurzar tapplika għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà fl-Istat Membru fejn għandha tiġi eżegwita l-ordni. Ladarba tinħareġ, din ser tkun imfassla għall-attenzjoni tal-persuna li jintalab l-infurzar kontriha skont il-proċeduri nazzjonali. Dik il-persuna tista' tipprova topponi d-dikjarazzjoni iżda biss għar-raġunijiet stipulati fir-Regolament. (102) L-eżekuzzjoni tal-ordni ssir skont il-proċeduri rikjesti mid-dritt nazzjonali. (103)

### 6.1.8. Tqegħid tal-minuri f'kustodja fi Stat Membru ieħor – l-Artikoli 55(d) u 56

Intqal li r-Regolament ikopri każijiet li jinvolvu deċiżjonijiet biex il-minuri jitqiegħdu f'kustodja jew ma' foster carers. Tali deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jistgħu jinvolvu t-tqegħid ta' minuri fi Stat Membru ieħor u, meta dan jiġi kkontemplat, hemm proċedura speċjali stipulata fir-Regolament. Qabel ma l-qorti tagħti l-ordni ta' tqegħid, l-ewwel għandha tikkonsulta lill-awtorità ċentrali jew l-awtorità b'ġuriżdizzjoni fl-Istat Membru fejn huwa maħsub li jitqiegħed il-minuri jekk ikun meħtieġ l-intervent ta' awtorità pubblika f'dak l-Istat. Huwa biss wara li dik l-awtorità tagħti l-kunsens tagħha li jkun jista' jsir l-ordni. Jekk l-intervent tal-awtorità pubblika mhux meħtieġ għat-tqegħid tal-minuri f'familja tal-fostering fi Stat Membru ieħor il-kunsens mhux meħtieġ u l-awtorità li qed tieħu ħsieb it-tqegħid trid biss tinforma lill-Awtorità Ċentrali jew lill-awtorità

(101) Ara l-Artikoli 37 u 39 u l-Anness II.

(102) Ara l-Artikolu 23.

(103) Ara l-Artikolu 47.

bil-ġuriżdizzjoni. [104] L-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament għandhom jassistu fil-proċess billi jipprovdu informazzjoni u assistenza lill-qrati. L-Istati Membri jridu jistabbilixxu regoli u proċeduri ċari għall-finijiet tal-kunsens msemmi fl-Artikolu 56 tar-Regolament, sabiex jassiguraw iċ-ċertezza legali u l-ħeffa. Il-proċeduri jridu, ***inter alia***, jgħinu lill-qorti li tkun qed titratta t-tqegħid tal-minuri biex tidentifika faċilment l-awtorità kompetenti u lill-awtorità kompetenti biex tagħti jew tirrifjuta l-kunsens tagħha minnufih. [105]

### 6.1.9. Kooperazzjoni tal-Qrati u tal-Awtoritajiet ċentrali – l-Artikoli 11(6) sa 8, 15.6, 42.2(c), 53 sa 55 u 67

Bħal fil-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar is-Sekwestru tal-Minuri u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-1996 dwar il-Ġuriżdizzjoni, ir-Rikonoxximent, l-Eżekuzzjoni u l-Kooperazzjoni fir-Rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal, l-Awtoritajiet Ċentrali ngħataw rwol fundamentali u importanti fl-Istati Membri sabiex jikooperaw ma xulxin u ma' awtoritajiet rilevanti oħra sabiex jiksbu l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet tar-Regolament. Għal dan il-għan kull Stat Membru għandu jwaqqaf Awtorita' Ċentrali jew aktar. L-Istati Membri b'żewġ sistemi ġudizzjarji jew aktar ikollhom aktar minn Awtorità Ċentrali waħda. [106] Id-dmirijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali huma kemm ġenerali u speċifiċi. Funzjoni addizzjonali tal-Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament hija li jassistu lill-qrati fil-kooperazzjoni tagħhom, b'mod partikolari rigward ir-ritorn tal-minuri wara ordni biex ma jsirx ritorn u meta l-qrati jkunu qed jikkontemplaw trasferiment ta' każ jew tqegħid transfruntier. Ir-Regolament daħal fis-seħħ fuq il-bażi li l-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali u l-komunikazzjoni bejniethom u bejn il-qrati [107] tal-Istati Membri għall-finijiet tar-Regolament iseħħu fil-kuntest tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew Ċivili ("NĠE"). [108] L-għanijiet ta' din il-komunikazzjoni u l-kooperazzjoni huwa li jippruvaw jgħinu biex isolvu dawk li ta' spiss huma każijiet estremament diffiċli u sensittivi li jinvolvu l-minuri [109].

## 6.2. Liġi Applikabbli fid-Divorzju – Ir-Regolament "Ruma III" [110]

### 6.2.1. L-isfond

F'Lulju 2006, il-Kummissjoni Ewropea nediet proposta għal Regolament li jittratta l-liġi applikabbli għad-divorzju. In-negozjati komplew fuq din il-proposta sakemm fl-2008 deher ċar li kien hemm diffikultajiet li kienu impossibbli jingħelbu biex tinkiseb l-unanimità meħtieġa għall-adozzjoni mill-Istati Membri [111]. Ftit wara, grupp ta' Stati Membri [112] komplew

(104) Ara l-Artikolu 56.4.

(105) QĠUE, sentenza tas-26 ta' April 2012, Health Services Executive, Kawża C-92/12, para. 82.

(106) Ara l-Artikolu 53

(107) Ara l-Artikoli 11(6) u (7), 15(6), 53, 55(c) u (d) u 56.

(108) Ara l-Artikolu 54; In-NĠE jinkludi netwerk ta' punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet ċentrali skont ir-Regolament; ara l-Kapitlu 14 hawn taħt rigward in-Network Ġudizzjarju Ċivili Ewropew.

(109) F'dan il-kuntest ara l-Artikolu 55(e).

(110) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali.

(111) Miżuri dwar id-Dritt tal-Familja għandhom jiġu adottati unanimament mill-Istati Membri fil-Kunsill għall-kuntrarju ta' ħafna miżuri oħrajn f'materji ta' ġustizzja ċivili li fihom maġġoranza kwalifikata fil-Kunsill hija biżżejjed.

(112) Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja.

l-inizjattiva bl-arranġamenti l-ġodda għal kooperazzjoni msaħħa fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea [113] u dan wassal biex ġie adottat ir-Regolament "Ruma III" dwar dan is-suġġett.

### 6.2.2. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali u materjali

Mill-21 ta' Ġunju 2012 'il quddiem, erbatax-il Stat Membru huma marbuta bir-regoli uniformi dwar il-liġi applikabbli rigward id-divorzju u s-separazzjoni legali. Dawn kienu l-ħmistax-il Stat oriġinali li applikaw biex jikkooperaw f'din il-proċedura msaħħa mingħajr il-Greċja li rtirat min-negozjati u mbagħad avżat dwar l-intenzjoni tagħha li tintrabat bir-Regolament. Issa anki l-Litwanja hija marbuta bir-Regolament [114]. Ir-Regolament jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni materjali għadd ta' materji marbuta mal-liġi tal-familja, simili għal dawk esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament [115] "Brussell IIa", li ħafna minnhom issa huma ttrattati separatament f'Regolamenti oħrajn. Ir-Regolament għandu karattru universali, jiġifieri illi l-liġi indikata minn dan ir-Regolament tapplika anke jekk mhix il-liġi ta' Stat Membru li qed jieħu sehem fir-Regolament.

(113) TFUE l-Artikolu 328.1.

(114) Il-Greċja intrabtet b'effett mid-29 ta' Lulju 2015. Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2014/39/UE) tas-27 ta' Jannar 2014 u ĠU L 231/41 tat-28 ta' Jannar 2014; rigward il-Litwanja mit-22 ta' Mejju 2014 ir-Regolament japplika wkoll fil-Litwanja; ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2012 u ĠU L 323 tat-22.11.2012 fil-p.18.

(115) Is-suġġetti esklużi huma l- kapaċità tal-persuni fiżiċi, ir-rikonoxximent, il-validità, l-eżistenza jew l-annullament ta' żwieġ, l-isem/ismijiet tal-miżżewġin, il-konsegwenzi fuq il-proprjetà taż-żwieġ, ir-responsabbiltà tal-ġenituri, l-obbligi tal-manteniment u t-trusts u s-suċċessjoni.

### 6.2.3. Għażla tal-Liġi Applikabbli

F'termini tar-Regolament, il-konjuġi jistgħu jagħżlu bejn kull waħda mil-liġijiet li ġejjin:

- Il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-konjuġi meta jiġi konkluż il-ftehim biex jindika l-liġi applikabbli;
- Il-liġi tal-Istat tal-aħħar residenza abitwali tagħhom, jekk wieħed mill-konjuġi jkun għadu qed jgħix hemm meta ġie konkluż il-ftehim biex tintagħżel il-liġi applikabbli;
- Il-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità ta' wieħed mill-konjuġi meta' ġie konkluż il-ftehim sabiex tintgħażel il-liġi applikabbli; jew
- Il-liġi tal-forum

Ftehim li jagħżel il-liġi applikabbli jista' jiġi konkluż u mmodifikat fi kwalunkwe ħin, iżda mhux iktar tard minn meta l-każ jinġieb il-qorti. Barra minn hekk, jekk il-liġi tal-*forum* tipprovdi hekk, il-konjuġi jistgħu wkoll jagħżlu l-liġi applikabbli matul il-proċedimenti. Jekk jagħmlu hekk, l-għażla tagħhom għandha tiġi rreġistrata fil-qorti skont il-liġi tal-*forum*. Il-validità materjali ta' għażla tal-liġi applikabbli għandha tiġi ddeterminata skont il-liġi li, f'termini tal-għażla magħmula, tkun applikabbli jekk il-ftehim ikun validu. Il-ftehim dwar l-għażla tal-liġi applikabbli għandu jsir bil-miktub, datat u ffirmat miż-żewġ konjuġi. Jistgħu japplikaw rekwiżiti formali oħra għal dan it-tip ta' ftehim skont il-liġi tal-Istat(i) Membru(i) tar-residenza abitwali tal-konjuġi.

### 6.2.4. Liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla

Meta ma tkun saret ebda għażla tal-liġi applikabbli, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin sabiex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli; il-liġi tal-Istat –

- fejn il-konjuġi jkunu residenti abitwalment fiż-żmien li jinġieb il-każ quddiem il-qorti; jew, fin-nuqqas ta' din
- fejn il-konjuġi kienu abitwalment residenti l-aħħar, sakemm il-perjodu ta' residenza ma ntemmx aktar minn sena qabel ma nġieb il-każ quddiem il-qorti, sa fejn wieħed mill-konjuġi jkun għadu jirrisjedi f'dak l-Istat fiż-żmien meta jinġieb il-każ quddiem il-qorti; jew, fin-nuqqas ta' din
- li tiegħu iż-żewġ konjuġi huma ċittadini fiż-żmien li jinġieb il-każ quddiem il-qorti jew, jew, fin-nuqqas ta' din
- fejn jinġieb il-każ quddiem il-qorti.

## 6.2.5. Regoli oħrajn

### *6.2.5.1. Liġi tal-forum applikata*

Meta l-liġi applikabbli skont ir-Regolament ma jkollha ebda dispożizzjoni għal divorzju jew ma tagħtix aċċess indaqs għad-divorzju jew separazzjoni legali minħabba s-sess ta' wieħed mill-konjuġi, għandha tapplika l-liġi tal-*forum*.

### *6.2.5.2. Esklużjoni tar-renvoi*

L-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat tirreferi għar-regoli tal-liġi fis-seħħ f'dak l-Istat għajr ir-regoli tiegħu tad-dritt internazzjonali privat. [116]

### *6.2.5.3. Ordni Pubbliku*

Qorti tista' tirrifjuta milli tapplika dispożizzjoni tal-liġi ddeżinjata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament biss jekk ikun jidher ċar li t-tali applikazzjoni tkun inkompatibbli mal-ordni pubbliku f'dak il-forum.

### *6.2.5.4. Differenzi fil-liġi nazzjonali*

Ir-Regolament ma jobbligax lill-qrati ta' Stat Membru li l-liġi tiegħu ma tipprovdix għad-divorzju jew ma tikkunsidrax li żwieġ ikun validu għall-finijiet ta' proċeduri ta' divorzju biex jippronunzjaw divorzju skont l-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament.

(116) Għal deskrizzjoni ġenerali tal-effett tal-esklużjoni ta' renvoi, ara l-paragrafu 8.3.9 hawn taħt.




# Obbligi ta’ Manteniment

## 7.1. Sfond għar-Regolament dwar il-Manteniment – ir-Regolament Brussell I u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar il-Manteniment

Ir-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment dak iż-żmien fil-KE kienu nklużi fir-Regolament Brussell I. Permezz tar-Regolament kreditur tal-manteniment setgħa jiftaħ kawża fil-qrati tal-Istat Membru tad-domiċilju jew residenza abitwali tiegħu. Dan l-arranġament ħadem sew sa ċertu punt iżda xorta kien jeħtieġ li l-kreditur ta' manteniment jgħaddi mill-proċess li jikseb dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà sabiex ikun jista' jesegwixxi l-ordni fi Stat Membru ieħor. Dan kien diffiċli għal bosta kredituri li kellhom bżonn eżekuzzjoni effikaċi u ta' malajr tal-ordni għaliex kienu jiddependu mill-ħlas tal-manteniment. Il-problema kienet aktar serja fejn jidħol il-manteniment għat-tfal.

Sabiex tneħħi l-miżuri intermedjarji meħtieġa għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet għall-ħlas ta' manteniment u biex tistabbilixxi regoli proċedurali komuni biex tissimplifika u tħaffef is-soluzzjoni ta' tilwim transfruntier li jikkonċerna talbiet għal manteniment, fl-2005 il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament dwar il-Manteniment.

Fl-istess ħin li kienu għaddejjin in-negozjati fuq din il-proposta, il-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat kienet involuta fin-negozjati li wasslu għall-adozzjoni f'Novembru 2007 ta' Konvenzjoni tal-Aja Dwar l-Irkupru ta' Appoġġ għall-Minuri u Forom Oħra ta' Manteniment għall-Familja. Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 toffri qafas komprensiv biex tittratta materji ta' obbligi ta' manteniment mal-pajjiżi li huma firmatarji tagħha. Il-Konvenzjoni hija akkumpanjata minn protokoll fakultattiv li għandu regoli dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ħadu sehem sħiħ f'dawn in-negozjati u inkorporaw ħafna mir-regoli li sar qbil dwarhom fuq livell internazzjonali fir-Regolament dwar il-Manteniment li ġie adottat f'Diċembru 2008.

Il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 ġiet ratifikata mill-Unjoni Ewropea fid-9 ta' April 2014. Daħlet fis-seħħ għall-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka fl-1 ta' Awwissu 2014. Il-Protokoll ġie adottat fit-8 ta' April 2010 mill-Unjoni Ewropea [117] u beda japplika mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-Manteniment fit-18 ta' Ġunju 2011, bejn l-Istati Membri kollha ħlief għar-Renju Unit u d-Danimarka. L-Istati Membri tal-UE se jużaw il-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 biss ma' Stati mhux fl-UE li huma firmatarji tagħha.

## 7.2. Għan tar-Regolament dwar il-Manteniment [118]

L-għan ċentrali tar-Regolament dwar il-Manteniment huwa li joħloq strument li permezz tad-dispożizzjonijiet tiegħu kreditur ta' manteniment fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jista' realistikament jistenna li jkun jista' jikseb ħlas ta' manteniment malajr u b'mod sempliċi mingħand debitur ta' manteniment fi Stat Membru ieħor bl-użu tad-dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni, il-kunflitt tal-liġijiet, ir-rikonoxximent u l-infurzabbiltà, l-infurzar, l-għajnuna legali u l-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali. Kreditur tal-manteniment li kiseb deċiżjoni fi Stat Membru għandu jkun jista' jikseb dikjarazzjoni ta' eżekuzzjoni (fejn meħtieġ) u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni fi Stat Membru ieħor permezz ta' proċeduri ssimplifikati stabbiliti fit-Taqsima 7.6 hawn taħt. Kreditur tal-manteniment jista' jfittex li jikseb

(117) Deċiżjoni tal-Kunsill (2009/941/KE) ; ara ĠU L 331/17 tas-16.12.2009.

(118) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment.

ukoll ħlas tal-manteniment billi jikseb deċiżjoni dwar il-manteniment fi Stat Membru ieħor. Debitur tal-manteniment għandu jgawdi wkoll mill-għajnuna tal-Awtoritajiet Ċentrali biex jitlob mhux biss għar-rikonoxximent tad-deċiżjonijiet iżda wkoll għall-emendi tagħhom. Ir-Regolament ikopri wkoll il-każijiet fejn ikun hemm surroga tad-drittijiet tal-kreditur lejn korpi pubbliċi.

## *7.3.* Kamp ta' applikazzjoni

### 7.3.1. Kamp ta' applikazzjoni ġeografiku

Ir-Regolament japplika fi u huwa vinkolanti fl-Istati Membri kollha tal-UE minbarra fid-Danimarka. Madankollu d-Danimarka qablet li tintrabat bih f'termini tal-ftehim bejn il-KE u d-Danimarka tad-19 ta' Ottubru 2005 (119) sal-punt li dan ir-Regolament jemenda r-Regolament Brussell I (KE) (120). Il-konsegwenza ta' dan huwa li r-Regolament japplika għad-Danimarka bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu III (liġi applikabbli) u VII (kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali) (121). Dan ifisser illi r-regoli fir-Regolament dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi u l-aċċess għall-ġustizzja japplikaw għad-Danimarka fuq dik il-bażi u soġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament għall-Istati tal-Protokoll mhux tal-Aja.

Fir-rigward tar-Renju Unit u l-Irlanda, kull wieħed minn dawn l-Istati Membri kellhom jagħtu avviż fi żmien tliet xhur minn meta saret il-proposta li huma xtaqu jkunu marbuta bir-Regolament (122) jekk dawn xtaqu li jkunu hekk marbuta. L-Irlanda għażlet li tadotta r-Regolament fuq bażi fakultattiva qabel il-bidu tan-negozjati dwar il-proposta tal-UE li saret ir-Regolament dwar il-Manteniment tal-2009; ir-Renju Unit m'adotttahx. (123) Ir-Renju Unit ħa sehem fin-negozjati u adottah fuq bażi fakultattiva wara u issa huwa marbut bir-Regolament ħlief li r-Renju Unit mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 dwar il-Liġi Applikabbli u għalhekk ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet fir-Regolament japplikaw għar-Renju Unit skont kif stabbiliti fit-Taqsima 7.6.

### 7.3.2. Kamp ta' applikazzjoni tas-suġġett

Ir-regolament japplika għall-obbligi kollha ta' manteniment li jinqalgħu permezz ta' relazzjonijiet familjari, il-parentela, żwieġ jew affinità. Fih regoli dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar u l-kooperazzjoni. Fih ukoll xi regoli importanti marbutin mal-aċċess għall-ġustizzja b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà tal-għajnuna legali u l-assistenza lill-kredituri tal-manteniment disponibbli permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali.

## *7.4.* Ġurisdizzjoni

Ir-regoli dwar il-ġurisdizzjoni fir-Regolament japplikaw għall-qrati, li huma ddefiniti sabiex jinkludu l-awtoritajiet amministrattivi msemmija fl-Anness X għar-Regolament (124).

### 7.4.1. Regoli ġenerali – l-Artikolu 3

Dawn li ġejjin huma l-qrati kompetenti biex jisimgħu kawżi skont ir-Regolament.

(119) Ara ĠU L 299, 16.11.2005, p. 62.

(120) Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-ġuriżdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali; ĠU L 149,12.6.2009, p 80.

(121) Ara ĠU L 149, 12.6.2009.

(122) Ara l-Introduzzjoni paragrafu 1.3 u l-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness għat-TUE u t-TFUE.

(123) Ara l-Premessi (46) u (47).

(124) Ara OJ L293, 11.11.2011, p. 24. Ara wkoll għad-Danimarka: ĠU L 251, 21. 09.2013, p.1.

Il-qorti–

- tal-post fejn il-konvenut (id-debitur tal-manteniment) għandu r-residenza abitwali
- tal-post fejn il-kreditur għandu r-residenza abitwali
- li skont il-liġi tagħha stess għandha ġurisdizzjoni biex tisma' proċedimenti dwar l-istatus jekk it-talba għal manteniment tkun anċillari għalihom, jew
- li skont il-liġi tagħha stess għandha ġurisdizzjoni biex tisma' proċedimenti dwar ir-responsabbiltà tal-ġenituri jekk it-talba għal manteniment tkun anċillari għalihom

diment li, f'dawn l-aħħar żewġ każijiet, il-ġurisdizzjoni ma tkunx ibbażata biss fuq in-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet.

### 7.4.2. Għażla tal-qorti – l-Artikolu 4

Partijiet jistgħu jaqblu li jagħżlu qorti sabiex isolvu kwalunkwe tilwim attwali jew futur dwar il-manteniment ħlief fir-rigward ta' persuna ta' taħt it-tmintax-il sena. Jistgħu jintgħażlu l-qrati li ġejjin:

Il-qorti jew qrati, fil-mument tal-konklużjoni tal-għażla tal-qorti jew meta l-każ jinġieb quddiem il-qorti –

- tal-Istat Membru fejn waħda mill-partijiet għandha r-residenza abitwali
- tal-Istat Membru fejn waħda mill-partijiet hija ċittadina
- fil-każ ta' obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi jew eks konjuġi, li għandha ġurisdizzjoni f'materji matrimonjali jew,
- fil-każ ta' obbligi ta' manteniment bejn il-konjuġi u eks konjuġi, tal-Istat Membru tal-aħħar residenza abitwali komuni tagħhom, għal perjodu ta' mill-inqas sena.

Il-ftehim dwar l-għażla tal-qorti għandu jkun bil-miktub jew fi kwalunkwe komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi li jipprovdu rekord dejjiemi ta' dan. Il-ġurisdizzjoni mogħtija mill-ftehim hija esklussiva, sakemm il-partijiet ma jkunux qablu mod ieħor.

### 7.4.3. Regoli oħra dwar il-ġurisdizzjoni –id-dehra tal-konvenut, nazzjonalità konġunta u forum necessitatis

Jekk il-konvenut jidher il-qorti mingħajr ma jikkontesta l-ġurisdizzjoni tagħha, dik il-qorti jkollha l-ġurisdizzjoni. [125] Il-qrati taċ-ċittadinanza konġunta tal-partijiet għandhom ġurisdizzjoni għall-kwistjonijiet ta' manteniment biss jekk ma jkunx hemm bażi ta' ġurisdizzjoni oħra skont ir-Regolament jew skont il-Konvenzjoni ta' Lugano tal-2007. [126] B'mod eċċezzjonali, qorti fi Stat Membru fejn ikun hemm konnessjoni suffiċjenti mat-tilwima jista' jkollha ġurisdizzjoni fejn ma jkun hemm ebda qorti oħra ta' Stat Membru kompetenti u ma jkun hemm ebda possibbiltà li l-proċedimenti jitqajmu fi Stat terz. [127]

### 7.4.4. Emenda tad-deċiżjonijiet dwar il-manteniment – l-Artikolu 8

Ladarba tittieħed deċiżjoni fi Stat Membru, jew Stat parti għall-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007, meta l-kreditur ta' manteniment ikun abitwalment residenti, il-proċedimenti biex jimmodifikaw jew jissostitwixxu dik id-deċiżjoni

(125) L-Artikolu 5.

(126) L-Artikolu 6.

(127) L-Artikolu 7.

ma jistgħux jinfetħu mid-debitur tal-manteniment f'xi Stat Membru ieħor sakemm il-kreditur tal-manteniment jibqa' abitwalment residenti fl-Istat li jkun ħareġ id-deċiżjoni. Dan huwa soġġett għal għadd ta' eċċezzjonijiet, b'mod partikolari jekk il-partijiet ikunu għamlu ftehim dwar l-għażla tal-qorti għall-ġurisdizzjoni ta' dak l-Istat Membru ieħor skont ir-Regolament jew jekk il-kreditur tal-manteniment ikun issottometta għall-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' dak l-Istat l-ieħor.

### 7.4.5. Lis pendens – l-Artikolu 12

Meta jkunu nfetħu proċedimenti dwar l-istess motivi u bejn l-istess partijiet fi qrati ta' Stati Membri differenti, il-qorti invokata l-ewwel, jekk ikollha ġurisdizzjoni, tisma' l-każ u l-qorti l-oħra jkollha tissospendi l-proċedimenti sakemm tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni tal-qorti invokata l-ewwel u mbagħad tiċħad il-ġurisdizzjoni tagħha.

## 7.5. Liġi Applikabbli – l-Artikolu 15

Kif intqal, ir-Regolament japplika l-Protokoll fakultattiv tal-Aja tal-2007 li s'issa l-Istati Membri kollha huma marbuta bih minbarra r-Renju Unit u d-Danimarka. Ir-regoli stabbiliti fil-Protokoll huma deskritti fil-qosor fil-kaxxa ta' hawn taħt:

Il-liġi applikabbli għandha tirregola l-liġi fir-rigward tal-obbligi kollha ta' manteniment minn relazzjoni familjari, parentela, żwieġ jew affinità; meta l-obbligu jkun jirrigwarda minuri irrispettivament minn jekk il-ġenituri humiex miżżewġin jew le. [128] Kwalunkwe liġi tista' tapplika anke jekk tkun ta' Stat li mhuwiex parti kontraenti għall-protokoll. [129]

(128) L-Artikolu 1 tal-Protokoll.

(129) L-Artikolu 2 tal-Protokoll.

Ir-regola ġenerali hija li sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor, il-liġi applikabbli hija dik tar-residenza abitwali tal-kreditur tal-manteniment. [130] Jekk dik il-liġi ma tippermettix lill-kreditur jikseb manteniment mid-debitur fl-obbligi bejn il-ġenituri u l-minuri, u ġeneralment għal dawk taħt il-wieħed u għoxrin sena, ser tkun tapplika l-liġi tal-forum. Barra minn hekk, għal dawk it-tipi ta' obbligi, jekk il-kreditur jinvoka l-qorti tal-Istat fejn id-debitur ikollu r-residenza abitwali tiegħu, għandha tapplika l-liġi tal-forum, ħlief jekk dik il-liġi ma tippermettix lill-kreditur jikseb mantenimenti mid-debitur. F'każ bħal dan, il-liġi applikabbli tkun il-liġi tal-Istat tar-residenza abitwali tal-kreditur. [131]

F'kawżi dwar il-manteniment bejn il-konjuġi jew f'kawżi dwar il-manteniment bejn ex-konjuġi jew partijiet fi żwieġ li ġie annullat, jekk parti toġġezzjona għal-liġi tar-residenza abitwali tal-kreditur u l-liġi ta' Stat ieħor tkun marbuta aktar mill-qrib maż-żwieġ, b'mod partikolari dik tal-Istat tal-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi miżżewġin, għandha tapplika dik il-liġi. [132]

Hemm regoli li jippermettu li l-partijiet jiftiehmu sabiex jagħżlu l-liġi applikabbli, kemm fir-rigward ta' proċediment partikolari li diġà ġie istitwit jew li wasal biex jiġi istitwit, kif ukoll b'mod ġenerali. [133] Fil-każ ta' deżinjazzjoni ġenerali, il-liġijiet li jistgħu jintgħażlu huma:

- dawk ta' kwalunkwe Stat tan-nazzjonalità ta' waħda mill-partijiet
- dawk tal-Istat tar-residenza abitwali ta' waħda mill-partijiet

(130) L-Artikolu 3 tal-Protokoll.

(131) L-Artikolu 4 tal-Protokoll.

(132) L-Artikolu 5 tal-Protokoll.

(133) L-Artikolu 7 tal-Protokoll.

f'kull każ fi żmien in-nomina,

- il-liġi applikabbli permezz ta' għażla tal-partijiet għar-reġim tal-proprjetà tagħhom jew għad-divorzju jew is-separazzjoni legali tagħhom jew il-liġi diġà applikata għal tali materji mill-awtorità invokata. (134)

Kwalunkwe ftehim sabiex tingħażel il-liġi applikabbli għandu jiġi ffirmat miż-żewġ partijiet, bil-miktub jew irreġistrat fuq xi mezz, li l-informazzjoni li tinsab fih tkun aċċessibbli sabiex tkun tista' tintuża għal referenza sussegwenti.

Bħal fl-għażla tal-qorti, mhuwiex possibbli li ssir għażla tal-liġi dwar l-obbligi ta' manteniment fir-rigward ta' persuna taħt it-tmintax-il sena; dan huwa l-każ ukoll fir-rigward ta' persuna b'fakultajiet personali dgħajfa jew insuffiċjenti. (135)

Il-liġi applikabbli tirregola aspetti differenti tal-manteniment inkluż jekk u sa liema punt huwa dovut il-manteniment, talbiet retroattivi, il-bażi tal-kalkolu tal-ammont dovut u l-indiċjar, il-preskrizzjoni u l-limitazzjoni ta' azzjonijiet u l-limitu tal-obbligu tad-debituri tal-manteniment meta korp pubbliku jitlob rimborż tal-pagamenti magħmula lill-kreditur minflok manteniment. (136)

Hemm dispożizzjonijiet speċjali dwar l-applikazzjoni tar-regoli rigward Stati b'diversi sistemi legali kif ukoll l-UE u organizzazzjonijiet oħrajn ta' dik ix-xorta. (137)

(134) L-Artikolu 8(1) tal-Protokoll.

(135) L-Artikolu 8(2) sa (5) tal-Protokoll.

(136) L-Artikolu 11 tal-Protokoll.

(137) L-Artikoli 15 sa 17, 24 u 26 tal-Protokoll.

## 7.6. Rikonoxximent u Infurzar

### 7.6.1. Sfond ġenerali

Hemm żewġ proċeduri separati għar-rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment, skont jekk l-Istat Membru hux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 jew le.

### 7.6.2. Stati Membri marbutin bil-Protokoll

Meta tingħata deċiżjoni dwar il-manteniment fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007, din għandha tiġi rikonoxxuta fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' xi proċedura speċjali u mingħajr il-possibiltà ta' oppożizzjoni għar-rikonoxximent tagħha. Deċiżjoni mogħtija fi Stat Membru marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 u eżegwibbli hemmhekk hija eżegwibbli wkoll fi Stat Membru ieħor mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà. Meta debitur tal-manteniment ma jkunx deher, hemm dritt limitat ta' reviżjoni tad-deċiżjoni, iżda biss fl-Istat Membru ta' oriġini tad-deċiżjoni. L-eżekuzzjoni tista' sseħħ meta tiġi prodotta kopja tad-deċiżjoni, flimkien ma' estratt tad-deċiżjoni fuq il-formola stabbilita fl-Anness I għar-Regolament u fejn xieraq dokument li juri l-arretrati tal-manteniment dovuti. Jista' jkun meħtieġ li tiġi pprovduta traduzzjoni tal-formola bil-lingwa xierqa tal-Istat Membru tal-eżekuzzjoni. Kif toħroġ it-traduzzjoni l-awtoritajiet fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandhom dritt jirrifjutaw jew jillimitaw l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21.

### 7.6.3. Stat Membru mhux marbut mill-Protokoll

Meta d-deċiżjoni tingħata fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 (ir-Renju Unit u d-Danimarka), ir-rikonoxximent ma jeħtieġ l-ebda

proċedura speċjali fi Stat Membru ieħor. Deċiżjoni eżegwibbli mogħtija fi Stat Membru mhux marbut bil-Protokoll tal-Aja tal-2007 tista ma tiġix rikonoxxuta fl-Istat Membru fejn huwa mixtieq ir-rikonoxximent u għalhekk ikollha bżonn dikjarazzjoni ta' eżegwibbiltà fl-Istat Membru indirizzat. Din il-proċedura hija l-istess bħal dik użata fir-Regolament Brussell I oriġinali [138]. Madankollu, iridu jiġi osservati skadenzi speċifiċi: ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali li jagħmlu dan impossibli, id-dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà għandha tinħareġ mhux aktar tard minn 30 jum wara t-tlestija tal-formalitajiet li japplikaw għaliha. Il-qorti li quddiemha tressaq appell kontra dik id-dikjarazzjoni għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fi żmien 90 jum mid-data li fiha ġiet invokata, ħlief meta ċirkustanzi eċċezzjonali jagħmlu dan impossibbli [139].

### 7.6.4. Strumenti awtentiċi u soluzzjonijiet bil-qorti [140] – l-Artikolu 48

L-istrumenti awtentiċi u s-soluzzjonijiet bil-qorti li huma eżegwibbli fl-Istat Membru ta' oriġini huma rikonoxxuti u eżegwibbli fi Stati Membri oħra bħalma huma d-deċiżjonijiet tal-qorti. Estratt ta' tali soluzzjoni jew strument irid jinħareġ mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini permezz tal-formoli adattati fl-Annessi għar-Regolament.

## 7.7. L-għajnuna legali u l-eżenzjoni mill-ispejjeż – l-Artikoli 44 sa 47

Ir-Regolament jippermettu lill-partijiet f'kawżi dwar il-manteniment jiksbu għajnuna legali għal aċċess effettiv għall-ġustizzja. Fejn tkun saret applikazzjoni permezz tal-Awtoritajiet Ċentrali skont ir-Regolament, l-għajnuna legali għandha tiġi pprovduta mill-Istat Membru rikjest lil kull applikant li huwa residenti fl-Istat Membru rikjedenti. Dan ma japplikax jekk u sal-punt li dan ma jkunx meħtieġ biex jippermetti lill-partijiet jiddefendu l-każ tagħhom u l-Awtorità Ċentrali tipprovdi s-servizzi meħtieġa mingħajr ħlas.

L-Istat Membru rikjest jipprovdi l-għajnuna legali mingħajr ħlas għall-applikazzjonijiet kollha ta' kreditur permezz tal-Awtorità Ċentrali dwar l-obbligi tal-manteniment ġejjin minn relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal għal persuna taħt il-21 sena. Madankollu, fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-kisba ta' jew l-emendi ta' deċiżjoni dwar l-obbligi tal-manteniment, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest tista' tirrifjuta talba għal għajnuna legali mingħajr ħlas jekk taħseb illi, fuq il-mertu, l-applikazzjoni jew l-appell jew rieżami assolutament mhux fondati.

Id-dritt għall-għajnuna legali m'għandux ikun inqas minn dak provvdut lil partijiet f'kawżi domestiċi ekwivalenti. L-għajnuna legali tfisser l-assistenza meħtieġa sabiex il-partijiet ikunu jaf u jasserixxu d-drittijiet tagħhom u sabiex jiġi żgurat illi l-applikazzjoni tagħhom tiġi trattata b'mod effikaċi u din l-assistenza tkopri–

- parir qabel il-litigazzjoni,
- għajnuna legali sabiex il-każ jinġieb quddiem awtorità jew qorti u r-rappreżentanza l-qorti,
- eżenzjoni minn jew assistenza bl-ispejjeż tal-proċedimenti u t-tariffi,
- l-ispejjeż li jridu jitħallsu mill-parti telliefa bl-għajnuna legali lill-parti r-rebbieħa jekk dawn l-ispejjeż kienu jiġu koperti li kieku l-benefiċjarju tal-għajnuna legali kien residenti abitwalment fl-Istat Membru tal-qorti li quddiemha nġieb il-każ,
- l-interpretazzjoni,

(138) Ara hawn fuq fil-paragrafu 2.2.6.
(139) L-Artikolu 30.
(140) Ara d-definizzjonijiet fl-Artikolu 2.

- it-traduzzjoni tad-dokumenti meħtieġa mill-qorti jew mill-awtorità kompetenti u ppreżentati mill-benefiċjarju tal-għajnuna legali li huma neċessarji biex tinqata' l-kawża,
- l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tal-benefiċjarju tal-għajnuna legali u persuni oħra li jridu jkunu preżenti l-qorti għall-finijiet tal-kawża ta' dik il-parti meta l-qorti tiddeċiedi li mhemmx mod ieħor kif jistgħu jinstemgħu.

Il-parti li bbenefikat mill-għajnuna legali bis-sħiħ jew parzjalment jew minn eżenzjoni mill-ispejjeż fl-Istat Membru ta' oriġini tad-deċiżjoni dwar manteniment hija intitolata għall-għajnuna legali l-aktar favorevoli jew mill-aktar eżenzjoni mill-ispejjeż wiesgħa pprovduta skont il-liġi tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Parti li bbenefikat minn proċedimenti b'xejn quddiem awtorità amministrattiva tal-Istat Membru ta' oriġini mniżżla fl-Anness X għar-Regolament u għandha dritt għal dan ukoll fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, jekk tippreżenta dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat li tissodisfa r-rekwiżiti finanzjarji sabiex tikkwalifika għall-għoti ta' għajnuna legali sħiħa jew parzjali u/jew eżenzjoni mill-ispejjeż. Tali awtoritajiet kompetenti huma elenkati fl-Anness XI għar-Regolament [141].

L-għajnuna legali tista' tingħata skont id-dritt nazzjonali (inklużi t-testijiet dwar il-qagħda finanzjarja u l-mertu) fejn mhix possibbli skont ir-Regolament. [142] L-għajnuna legali għandha tkun disponibbli skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament mhux biss għal proċedimenti quddiem il-qrati bħala tali iżda wkoll, meta d-deċiżjonijiet u l-proċeduri dwar l-għoti jew l-infurzar tal-manteniment isiru jew jiġu mwettqa minn awtoritajiet oħrajn, fir-rigward ta' proċedimenti quddiem tali awtoritajiet. [143]

## 7.8. Awtoritajiet ċentrali – l-Artikoli 49 sa 63

L-Awtoritajiet Ċentrali stabbiliti skont ir-Regolament jingħataw rwol aktar wiesa' u estiż milli fil-każ ta' strumenti oħra dwar il-manteniment. B'mod partikolari huma jgħinu lill-kredituri li japplikaw għall-eżekuzzjoni jew l-għoti ta' deċiżjonijiet dwar il-manteniment. Hemm minn tal-inqas Awtorità Ċentrali waħda f'kull Stat Membru; meta Stat ikollu aktar minn sistema waħda ta' liġi jew diversi unitajiet territorjali, ikun liberu li jagħżel aktar minn Awtorità Ċentrali waħda [144]. Il-funzjonijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali huma mfissra fid-dettall fir-Regolament [145]. L-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jieħdu miżuri xierqa jew jiffaċilitaw l-għoti ta' dawn il-miżuri biex jgħinu lill-kredituri tal-manteniment biex jiksbu l-ħlas tal-arretrati bl-għoti ta' informazzjoni dwar fejn jinsab id-debitur u fejn xieraq informazzjoni dwar id-dħul tiegħu, l-assi u l-kontijiet il-bank. Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom, l-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikkooperaw bejniethom u jittrażmettu l-applikazzjonijiet u l-informazzjoni lill-awtoritajiet xierqa inklużi l-qrati. L-Awtoritajiet Ċentrali m'għandhomx jitolbu ħlas għas-servizzi tagħhom. [146] Il-funzjonijiet tal-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu, sa fejn jippermetti d-dritt nazzjonali tal-Istat Membru konċernat, jitwettqu minn korpi pubbliċi jew korpi oħra taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

(141) Ara ĠU L 293,11.11.2011, p. 24. Ara wkoll għad-Danimarka: ĠU L 251, 21. 09.2013, p.1.

(142) Ara l-Artikolu 47(1).

(143) Ara d-definizzjoni ta' "qorti" fl-Artikolu 2(2); l-awtoritajiet li huma koperti bid-definizzjoni ta' "qorti" għandhom jiġu elenkati fl-Anness X.

(144) L-Artikolu 49(2).

(145) Ara l-Artikoli 50 u 51.

(146) Ara b'mod ġenerali għas-setgħat, il-funzjonijiet u r-rwol tal-Awtoritajiet Ċentrali l-kapitolu VII tar-Regolament.



# Is-Suċċessjoni

## 8.1. Sfond u għanijiet tar-Regolament dwar is-Suċċessjoni [147]

Billi numru dejjem akbar ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea qed jeżerċitaw id-dritt fundamentali tagħhom li jmorru joqogħdu fi Stati Membri oħrajn li ma jkunux dawk tal-oriġini tagħhom jew li jixtru proprjetà f'dawn l-Istati, qed isir dejjem aktar neċessarju li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jitwaqqaf qafas ġuridiku għal proċeduri aktar mgħaġġla, aktar faċli u irħas fil-qasam tas-suċċessjonijiet transfruntiera. Għaldaqstant, il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ewropa fi Brussell f'Diċembru 2009 approvat ir-riżoluzzjoni li, bħala parti mill-Programm ta' Stokkolma, ir-rikonoxximent reċiproku tal-ordnijiet u ta' miżuri oħrajn għandu jiġi estiż għall-materji ta' suċċessjoni u testmenti li ġew esklużi minn strumenti aktar bikrija.

Il-Kummissjoni Ewropea ħadet azzjoni bħala tweġiba għal dan billi għamlet proposta għal Regolament dwar is-suġġett li ġie adottat f'Lulju 2012 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Għalkemm ir-Regolament japplika għal dak li jirrigwarda s-suċċessjoni għal persuni li jmutu fi jew wara s-17 ta' Awwissu 2015, se jkollu effetti wkoll rigward l-għażla tal-liġi fis-suċċessjoni u d-dispożizzjonijiet tal-proprjetà wara l-mewt magħmula qabel dik id-data bil-kundizzjoni li dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament. [148] Bl-istess mod bħal strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili oħra, dan ir-Regolament ma japplikax għad-Danimarka. Ir-Renju Unit u l-Irlanda ddeċidew li ma jipparteċipawx.

L-għanijiet ewlenin tar-Regolament huma dawn li ġejjin:

- it-titjib taċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà tal-ġurisdizzjoni tal-qrati f'materji ta' suċċessjoni inkluż billi jiġi żgurat li ċ-ċittadini li jagħmlu testment ikunu jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli għas-suċċessjoni tagħhom, li jista' jkollha impatt ukoll fuq il-qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni;
- li jiġi żgurat li jkun ċar liema liġi tapplika fis-suċċessjoni, b'mod speċjali meta l-persuna li l-proprjetà tagħha tkun involuta tkun marbuta ma' aktar minn Stat Membru wieħed;
- li jiġu permessi ftehimiet dwar is-suċċessjonijiet li għandhom jitfasslu b'indikazzjoni ċara dwar l-iskop u l-effett tagħhom fir-rigward tal-liġi li jkollha tiġi applikata biex jiġu rregolati;
- li jiġi żgurat li l-identità u s-setgħat ta' dawk responsabbli mill-amministrazzjoni tal-proprjetà ta' persuna deċeduta jkunu ċari u li dawn is-setgħat jiġu rikonoxxuti u jkunu eżegwibbli fi Stati Membri oħrajn li ma jkunux dawk li fihom ikunu oriġinaw;
- li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet li jittieħdu fi Stat Membru partikolari jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri l-oħra mingħajr l-ebda proċedura speċjali;
- li jiġi żgurat li jingħata effett lil strumenti awtentiċi f'materji ta' suċċessjoni sabiex b'hekk dawn ikollhom l-istess effetti fi Stati Membri oħrajn bħal f'dak fejn ikunu tfasslu u ġew awtentikati jew irreġistrati, u
- li jaħseb għal ċertifikat Ewropew fakultattiv tas-suċċessjoni li jindika biċ-ċar min huwa intitolat jiret il-proprjetà u min għandu s-setgħa li jamministra l-proprjetà jew jeżegwixxi t-testment.

(147) Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012, dwar il-ġuriżdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni. Ta' min jinnota li, minbarra d-Danimarka, ir-Regolament ma jorbotx lir-Renju Unit u lill-Irlanda li għażlu li ma jadottawhx.

(148) Ara l-Artikolu 83.

Ir-reġim tas-suċċessjoni stabbilit fir-Regolament għandu wkoll il-vantaġġ potenzjali li jippromwovi approċċ "unitarju" għas-suċċessjoni, li jfisser li jittratta dwar il-proprjetà kollha u ma jiffavorixxix firda bejn it-tipi ta' proprjetà, l-iżjed bejn proprjetà mobbli u immobbli, li hija karatteristika ta' għadd ta' reġimi tas-suċċessjoni f'ċerti Stati Membri.

**Eżempji**

Is-Sur JMB mill-Portugall għex u ħadem fi Brussell għal għadd ta' snin iżda għandu l-ħsieb li eventwalment imur lura l-Portugall. Għandu proprjetà u investimenti fil-Portugall u fi Brussell u dar tal-btala fil-kampanja Franċiża; Martu u l-familja tiegħu jgħixu Brussell miegħu; Jekk ma jkunx għamel testment li jinkludi għażla ta' liġi, se jinqalgħu kwistjonijiet rigward liema liġi tapplika għas-suċċessjoni tal-proprjetà tiegħu u liema qrati/awtoritajiet għandhom il-kompetenzi biex jiddeċiedu dwarha. Jekk għandu testment u, ngħidu aħna, imut f'daqqa waħda fi Franza, jinqalgħu kwistjonijiet dwar x'konsegwenzi dan jista' jkollu rigward is-suċċessjoni għall-proprjetà tiegħu.

**Eżempju ieħor**

Is-Sa K hija ta' oriġini Olandiża u ilha taħdem il-Ġermanja bosta snin. M'għandhiex tfal iżda għandha sieħba (fi sħubija ċivili/żwieġ bejn membri tal-istess sess) Ser tirtira dalwaqt u qed tippjana li tmur tgħix mas-sieħba tagħha fil-villa li għadha kif xtrat fl-Andalusija waqt li se tibqa' żżomm ir-rabtiet u l-interessi tal-proprjetà tagħha fil-Pajjiżi l-Baxxi. Għamlet testment fil-Pajjiżi l-Baxxi li huwa maħsub li jittratta l-materji kollha li jikkonċernaw il-proprjetà tagħha u japplika l-liġi Olandiża. Skont is-sitwazzjoni attwali dan mhuwiex aċċettabbli għas-sistema legali Spanjola – x'jiġri kieku kellha tmut?

## 8.2. Il-Ġurisdizzjoni dwar is-Suċċessjoni

### 8.2.1. Ir-regola bażika ġenerali u l-varjazzjonijiet tagħha – l-Artikoli 4 sa 9

Is-suċċessjoni inġenerali se tkun soġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru fejn il-persuna deċeduta kellha r-residenza tagħha fil-ħin tal-mewt. Din ir-regola timplika numru ta' eċċezzjonijiet, b'mod speċifiku rigward l-għażla tal-qorti u l-għażla tal-liġi. Meta l-persuna deċeduta tagħżel il-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità tagħha meta tkun għamlet l-għażla jew meta tmut, għall-amministrazzjoni tas-suċċessjoni l-qrati ta' dak l-Istat jistgħu jintgħażlu mill-"partijiet ikkonċernati" biex ikollhom ġurisdizzjoni esklussiva. Ta' min jinnota li f'din iċ-ċirkostanza partikolari l-persuna deċeduta ma tkunx waħda mill-partijiet ikkonċernati. Għaldaqstant, għażla diretta tal-qorti magħmula mill-persuna deċeduta, ngħidu aħna f'testment, ma taqax taħt din ir-regola. Madankollu, meta ssir għażla tal-liġi fit-testment, din jista' jkollha effetti rigward il-ġurisdizzjoni fis-suċċessjoni. Ir-Regolament jinkludi regoli sussidjarji li skonthom il-qorti jew il-qrati fl-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun intgħażlet mill-persuna deċeduta għall-amministrazzjoni tas-suċċessjoni jista' jkollhom il-ġurisdizzjoni permezz ta' għażla kif osservat iktar 'il fuq jew meta qorti fl-Istat Membru tal-aħħar residenza abitwali tal-persuna deċeduta tiċħad il-ġurisdizzjoni favurihom jew meta l-partijiet għall-proċediment jkunu aċċettaw b'mod espliċitu l-ġurisdizzjoni tal-qorti magħżula. Finalment, apparti r-regoli preċedenti, il-ġurisdizzjoni tista' tkun ibbażata fuq il-preżenza fil-proċedimenti tal-partijiet li ma jkunux eżerċitaw għażla tal-qorti.

### 8.2.2. It-tifsira ta' "Qorti" – l-Artikolu 3(2)

Hija karatteristika sinifikanti ħafna tar-Regolament li d-definizzjoni ta' "qorti" hija ħafna usa' mit-tifsira li tingħata s-soltu fl-istrumenti tal-Liġi Ċivili tal-UE. Minbarra l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti rigward materji ta' suċċessjoni, it-terminu jkopri awtoritajiet oħrajn kif ukoll professjonisti b'din il-kompetenza bil-kundizzjoni li jwettqu jew jeżerċitaw funzjonijiet ġuridiċi taħt is-setgħa ddelegata minn, jew ikunu taħt il-kontroll ta', awtorità ġudizzjarja. Dawn l-awtoritajiet jew professjonisti iridu jiggarantixxu wkoll l-imparzjalità fil-qadi ta' dawk il-funzjonijiet u huma soġġetti għal rieżami jew appell minn awtorità ġudizzjarja. Id-deċiżjonijiet tagħhom ukoll għandhom l-istess saħħa u effett bħad-deċiżjonijiet f'dawn il-kwistjonijiet ta' awtoritajiet ġudizzjarji. L-istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni Ewropea dwar liema awtoritajiet u professjonisti fl-Istati tagħhom jaqgħu taħt din id-deskrizzjoni.

### 8.2.3. Il-ġurisdizzjoni – dispożizzjonijiet ulterjuri – l-Artikoli 10 u 11

Il-qrati ta' Stat Membru jista' jkollhom ġurisdizzjoni fis-suċċessjoni ta' biċċa proprjetà ta' persuna li r-residenza abitwali tagħha fil-ħin tal-mewt tagħha ma tkunx fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jekk ikun hemm assi tal-proprjetà tal-persuna deċeduta hemmhekk u l-persuna deċeduta kellha n-nazzjonalità ta' dak l-Istat fil-ħin tal-mewt tagħha jew, jekk dan ma jkunx il-każ, il-persuna deċeduta preċedentement kienet resident abitwali f'dak l-Istat għal perjodu ta' żmien li ntemm mhux aktar minn ħames snin qabel ma l-każ inġieb il-qorti. Jekk ma jkun hemm l-ebda qorti ta' Stat Membru b'ġurisdizzjoni abbażi ta' dan, il-qrati tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-assi xorta waħda jkollhom ġurisdizzjoni biex jieħdu deċiżjonijiet dwar dawk l-assi.

Teżisti wkoll regola sekondarja finali li tgħid li l-ebda qorti ta' Stat Membru ma għandha ġurisdizzjoni bis-saħħa ta' dawn ir-regoli; f'tali sitwazzjoni l-qrati ta' Stat Membru, b'mod eċċezzjonali, ikollhom ġurisdizzjoni fis-suċċessjoni jekk ma jkunx possibbli li jitqajmu proċedimenti fi Stat terz li miegħu s-suċċessjoni tkun marbuta mill-qrib. Din ir-regola dwar il-*forum necessitatis* għandha tiżgura li dejjem ikun hemm qorti ta' Stat membru disponibbli li tittratta materji ta' suċċessjoni.

### 8.2.4. Ġurisdizzjoni rigward l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja ta' dritt ta' wirt – l-Artikolu 13

Regola oħra importanti fir-Regolament tiddetermina l-ġurisdizzjoni meta persuna, skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, tagħmel dikjarazzjoni quddiem qorti dwar waħda minn dawn li ġejjin –

- l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja tas-suċċessjoni
- l-aċċettazzjoni jew ir-rinunzja ta' legat jew sehem riżervat
- il-limitu tar-responsabbiltà ta' dik il-persuna fir-rigward tar-responsabbiltà tal-proprjetà tal-persuna deċeduta skont is-suċċessjoni.

Skont din ir-regola l-qrati b'ġurisdizzjoni huma dawk tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel id-dikjarazzjoni, bil-kundizzjoni li skont il-liġi ta' dak il-Membru din id-dikjarazzjoni tista' ssir quddiem qorti.

### 8.2.5. Assi li jinsabu fi Stat terz – l-Artikolu 12

Meta fil-proprjetà ta' persuna deċeduta jkun hemm assi fi Stat terz, jiġifieri Stat li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew, bħal fil-każ tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit, Stat Membru li mhuwiex marbut bir-Regolament, qorti involuta fis-suċċessjoni tista', jekk dan jintalab minn parti għall-proċedimenti, tiddeċiedi li ma tiħux deċiżjoni rigward l-ebda wieħed minn dawn l-assi jekk ikun probabbli li kwalunkwe deċiżjoni li tkun tista' tieħu rigward dan ma tiġix rikonoxxuta u eżegwita jew tiġi ddikjarata eżegwibbli fl-Istat terz ikkonċernat. Effettivament, f'dawn il-każijiet dan ifisser li fir-rigward ta' dawn l-assi ser ikollhom isiru proċedimenti separati fl-Istat terz fejn ikunu jinsabu. Din ir-regola hija mingħajr ħsara għall-ebda dritt tal-partijiet skont il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti inkarigata sabiex tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedimenti.

## *8.3.* Il-Liġi Applikabbli

### 8.3.1. Il-Liġi Applikabbli – il-kamp ta' applikazzjoni – l-Artikolu 23

Il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni skont ir-regoli fir-Regolament tirregola s-suċċessjoni sħiħa u kwalunkwe liġi bħal din tiġi applikata irrispettivament mill-fatt jekk tkunx liġi ta' Stat Membru jew le. B'mod partikolari, il-materji li ġejjin jaqgħu taħt din il-liġi:

- il-kawżi, il-ħin u l-post tal-ftuħ tas-suċċessjoni,
- id-determinazzjoni tal-benefiċjarji, l-ishma tagħhom tal-proprjetà kif ukoll id-drittijiet ta' suċċessjoni ta' konjuġi jew sieħeb ħaj,
- il-kapaċità li wieħed jiret,
- id-diżeredazzjoni u l-iskwalifika minħabba kondotta,
- it-trasferiment lill-werrieta u l-legatarji ta' assi u drittijiet kif ukoll obbligi tal-proprjetà,
- is-setgħat ta' dawk li jamministraw il-proprjetà rigward il-ġestjoni tal-proprjetà, jiġifieri rigward il-bejgħ u l-ħlas tal-kredituri,
- ir-responsabbiltà għad-dejn,
- liema partijiet tal-proprjetà jistgħu jkunu soġġetti għal trasferiment, l-ishma riżervati u r-restrizzjonijiet fuq it-trasferiment kif ukoll pretensjonijiet oħrajn kontra l-proprjetà jew il-werrieta,
- l-obbligi biex jingħataw lura jew li jsir rendikont ta' kwalunkwe rigal, magħmul mill-persuna deċeduta, u l-legati fid-determinazzjoni tal-ishma tal-benefiċjarji, u
- it-tqassim tal-proprjetà.

### 8.3.2. Il-Liġi Applikabbli – ir-Regola ġenerali – l-Artikolu 21

Għall-kuntrarju tar-regola dwar il-ġurisdizzjoni u sakemm ma ikunx previst mod ieħor fir-Regolament, il-liġi li trid tiġi applikata f'suċċessjoni għandha tkun dik tal-Istat – importanti, mhux tal-Istat Membru – tar-residenza abitwali tal-persuna deċeduta fil-ħin tal-mewt. Jekk ikun ċar li kien hemm rabta aktar mill-qrib bejn il-persuna deċeduta u Stat minbarra dak li l-liġi tiegħu għandha tapplika skont ir-regola preċedenti, pereżempju Stat ta' residenza abitwali aktar bikrija jew tan-nazzjonalità jew tad-domiċilju tal-persuna deċeduta, allura għandha tapplika l-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor.

### 8.3.3. Il-Liġi Applikabbli – l-Għażla tal-Liġi – l-Artikolu 22

L-unika liġi li tista' tintgħażel minn persuna rigward is-suċċessjoni ta' din il-persuna partikolari hija l-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità tagħha fil-ħin li ssir l-għażla jew fil-ħin tal-mewt tagħha. Meta persuna jkollha aktar minn nazzjonalità waħda allura, b'mod simili, l-għażla tista' tkun bejn kwalunkwe waħda minn dawk in-nazzjonalitajiet. (149) L-għażla għandha tiġi espressa u għandha ssir b'dikjarazzjoni fi, jew inkella tintwera bit-termini ta', it-trasferiment causa mortis, jiġifieri testment jew dokument testamentarju ieħor. Kwalunkwe kwistjoni dwar il-validità sostantiva tal-att li fih tiġi espressa l-għażla għandha tiġi rregolata bil-liġi intenzjonata li ngħażlet. Testatur jista' jibdel jew jirrevoka kwalunkwe għażla bl-istess mod bħal kwalunkwe trasferiment causa mortis. Din id-dispożizzjoni tal-aħħar tagħti ftit libertà limitata liċ-ċittadini biex jiġi rifless it-tibdil fiċ-ċirkostanzi personali tagħhom hekk kif tiżviluppa ħajjithom, b'mod speċjali jekk, kif inhu ta' spiss il-każ, wara li tirtira mix-xogħol persuna tiddeċiedi li tmur toqgħod fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak li tkun ilha tgħix fih waqt il-ħajja tax-xogħol tagħha.

### 8.3.4. Regoli oħrajn dwar il-liġi applikabbli – l-Artikoli 24 sa 25

Jeżistu aktar dispożizzjonijiet varji dwar il-liġi applikabbli rigward l-ammissibilità u l-validità sostantiva tad-dispożizzjonijiet tal-proprjetà mal-mewt – jiġifieri testmenti u dokumenti testamentarji – kif ukoll rigward l-ammissibilità u l-validità tal-ftehimiet dwar is-suċċessjoni magħmula tul il-ħajja ta' persuna deċeduta – li f'ċerti sistemi ġudizzjarji huma magħrufa bħala dispożizzjonijiet *inter vivos* mal-mewt – kif ukoll l-effetti vinkolanti ta' dawn il-ftehimiet bejn il-partijiet. Dawn id-dispożizjonijiet u l-ftehimiet għandhom jiġu rregolati, fin-nuqqas ta' għażla, bil-liġi li kienet tkun applikabbli għas-suċċessjoni tal-persuna deċeduta konċedenti jekk tkun mietet fil-jum li fih ikun sar it-trasferiment jew li fih ikun ġie konkluż il-ftehim. Il-partijiet jistgħu jagħżlu l-liġi fuq l-istess bażi li (150) ġeneralment tintuża għas-suċċessjoni.

### 8.3.5. Il-validità sostantiva tat-trasferiment tal-proprjetà u l-ftehimiet dwar is-suċċessjoni – l-Artikolu 26

Il-materji li huma rregolati rigward il-validità sostantiva jinkludu:

- il-kapaċità tat-testatur biex jagħmel testment,
- il-limiti fuq dispożizzjoni favur, jew li wieħed jirċievi proprjetà mingħand, ċerta persuna jew ċerti persuni permezz ta' dan it-trasferiment,
- l-ammissibilità tar-rappreżentazzjoni sabiex isir it-trasferiment,
- l-interpretazzjoni tat-trasferiment,
- il-fatturi li jaffettwaw il-kunsens jew l-intenzjoni tal-persuna li tkun qiegħda tagħmel it-trasferiment bħal frodi, theddid u żball.

(149) Il-kwistjoni dwar jekk persuna tiġix ikkunsidrata bħala ċittadina ta' Stat ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u hija soġġett għad-dritt nazzjonali, inkluż, fejn japplika, Konvenzjonijiet internazzjonali, bl-osservazzjoni sħiħa tal-prinċipji ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

(150) Ara l-paragrafu ta' qabel.

### 8.3.6. Il-validità formali tat-trasferiment tal-proprjetà u l-ftehimiet dwar is-suċċessjoni – l-Artikolu 27

It-trasferiment *causa mortis* jew il-ftehim ta' suċċessjoni, kif ukoll it-tibdil jew ir-revoka ta' dan it-trasferiment jew ftehim huma validi rigward il-forma meta jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' waħda mil-liġijiet li ġejjin, jiġifieri l-liġi tal-Istat – mill-ġdid, importanti, mhux l-Istat Membru –

- li fiha tkun saret id-dispożizzjoni jew ikun ġie konkluż il-ftehim
- tan-nazzjonalità, id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tat-testatur jew tal-inqas ta' persuna waħda li tintlaqat mill-ftehim fil-ħin tal-mewt jew meta jkun sar it-trasferiment jew il-ftehim
- fejn tinsab il-proprjetà immobbli safejn tkun ikkonċernata tali proprjetà

Għal dak li jirrigwarda d-domiċilju tat-testatur jew ta' kull persuna kkonċernata fi ftehim, il-fatt jekk din il-persuna hijiex domiċiljata jew le fi Stat partikolari jiġi ddeterminat skont il-liġi ta' dak l-Istat.

### 8.3.7. Il-ħatra u s-setgħat tal-amministratur tal-proprjetà ta' persuna deċeduta

Jeżistu regoli speċjali rigward is-sitwazzjoni meta jkun obbligatorju skont il-liġi tagħha stess li l-qorti b'ġurisdizzjoni fis-suċċessjoni skont ir-Regolament li taħtar amministratur għall-proprjetà tal-persuna deċeduta, iżda għal dak li jirrigwarda s-suċċessjoni hija applikabbli liġi barranija. F'tali sitwazzjoni l-qorti tista' taħtar amministratur skont il-liġi tagħha stess jekk tali persuna tkun intitolata, skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, li teżegwixxi t-testment jew li tamministra l-proprjetà tal-persuna deċeduta. Jekk skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni l-amministratur huwa benefiċjarju u jekk hemm kunflitti ta' interess bejn il-benefiċjarji jew mal-kredituri tal-patrimonju jew il-benefiċjarji ma jaqblux dwar l-amministrazzjoni tal-patrimonju jew minħabba n-natura tal-assi l-patrimonju huwa kumpless biex jiġi amministrat, il-qorti tista' taħtar, jekk il-liġi tgħid li hu meħtieġ, amministratur newtrali għall-patrimonju. Is-setgħat ta' dan l-amministratur għandhom ikunu dawk skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni eżerċitata skont kundizzjonijiet speċjali hekk kif speċifikat mill-qorti. Madankollu l-amministratur ikollu jwettaq il-funzjonijiet u s-setgħat mogħtija skont il-liġi u l-proċeduri skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

### 8.3.8. Regoli oħrajn dwar il-liġi applikabbli – l-Artikoli 30 sa 33

- Jeżistu liġijiet speċifiċi dwar l-applikabbilità ta' ċerti regoli speċifiċi għas-suċċessjoni rigward ċerti tipi ta' proprjetà immobbli u assi oħrajn kif ukoll rigward l-intrapriżi. Meta l-liġi tal-Istat li fih jinsabu jkollha regoli speċjali li jimponu restrizzjonijiet dwar is-suċċessjoni għal dawk l-assi u dik il-proprjetà, allura dawn ir-regoli japplikaw irrispettivament minn liema liġi tapplika fis-suċċessjoni. Dan huwa maħsub għall-protezzjoni tas-suċċessjoni għan-negozju tal-familja u negozji oħrajn li jirċievu trattament speċjali skont il-liġi ta' ċerti Stati. [151]
- Jeżistu regoli speċjali meta persuna tinvoka dritt in rem li għalih hija intitolata skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni u l-liġi tal-Istat Membru li fih id-dritt jiġi invokat ma tirrikonoxxix id-dritt in rem inkwistjoni. F'dak il-każ dan id-dritt għandu jiġi adattat għall-eqreb dritt ekwivalenti in rem skont il-liġi ta' dan l-Istat.

(151) L-Artikolu 30.

Għandhom jiġu kkunsidrati l-għanijiet u l-interessi li jiġu segwiti mid-dritt speċifiku in rem u l-effetti marbuta miegħu. [152]

- Jeżistu regoli speċjali dwar persuni li jmutu bħala riżultat ta' diżastru komuni, ngħidu aħna inċident tat-traffiku, u li fir-rigward tas-suċċessjoni tagħhom huma applikabbli liġijiet differenti li għandhom dispożizzjonijiet differenti jew ma għandhom l-ebda dispożizzjoni għal din is-sitwazzjoni. F'sitwazzjoni traġika bħal din, li fiha ma jkunx jista' jiġi stabbilit liema minn dawk involuti jkunu mietu qabel il-persuna l-oħra jew il-persuni l-oħrajn, huwa previst li l-ebda wieħed minnhom ma għandu jkollu xi dritt għas-suċċessjoni tal-ebda waħda mill-persuni l-oħrajn. [153]
- Finalment, meta persuna tmut mingħajr ma tħalli l-ebda persuna tiret il-proprjetà tagħha skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni, l-assi tal-persuna deċeduta jistgħu jiġu ttrasferiti skont il-liġi tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu bil-kundizzjoni li jkunu jistgħu jiġu sodisfatti l-pretensjonijiet kollha kontra l-proprjetà. [154]

### 8.3.9. Renvoi – l-Artikolu 34

Renvoi huwa t-terminu tekniku mogħti lis-sitwazzjoni li fiha l-applikazzjoni tal-liġi li tirregola sitwazzjoni legali tinkludi l-applikazzjoni tar-regoli tad-Dritt Internazzjonali Privat ta' dik il-liġi, inklużi r-regoli tagħha tal-liġi applikabbli u l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli twassal għall-applikazzjoni ta' liġi ta' Stat ieħor. Eventwalment ir-riżultat ta' dan jista' jkun li ma jkunx ċar liema liġi tapplika u jista' jwassal ukoll biex tiġi applikata l-liġi tal-Istat, ngħidu aħna fit-twettiq tat-trasferiment jew tal-ftehim oriġinali, anke jekk f'dan it-trasferiment jew f'dan il-ftehim ma tkunx intgħażlet il-liġi tal-Istat inkwistjoni. Minħabba l-fatt li dan jista' joħloq konfużjoni u inċertezza għaċ-ċittadini, ta' spiss din ir-renvoi tal-liġi ta' Stat ieħor tiġi evitata bl-esklużjoni mil-liġi applikata tar-regoli tal-liġi internazzjonali privata ta' din il-liġi partikolari sabiex b'hekk ikollha effett biss il-liġi sostantiva. Fir-Regolament, l-applikazzjoni tar-regoli tal-liġi internazzjonali privata tiġi ttrattata biss safejn il-liġi li skont ir-Regolament tkun applikabbli tkun dik ta' Stat terz. [155] Ir-regola ġenerali hija li l-liġi applikabbli, jekk tkun dik ta' Stat terz, tinkludi r-regoli tagħha tal-liġi internazzjonali privata iżda tkun ristretta għas-sitwazzjonijiet li fihom l-effett huwa li permezz ta' din issir applikabbli l-liġi ta' Stat Membru jew il-liġi ta' Stat terz ieħor li mbagħad japplika l-liġi tiegħu stess, fi kliem ieħor mingħajr l-ebda renvoi għal-liġi ta' Stat ieħor. Madankollu, ir-renvoi tiġi eskluża kompletament rigward ċerti regoli speċifikati skont ir-Regolament, jiġifieri dawk speċifikati fl-Artikoli 21(2) (rabta eqreb ma' Stat li l-liġi tiegħu tkun applikabbli), 22 (l-għażla tal-liġi), 27 (il-validità formali tat-trasferimenti causa mortis), 28(b) (il-validità formali tal-aċċettazzjoni jew tar-rinunzja meta l-liġi applikabbli tkun dik tal-Istat tar-residenza abitwali tal-persuna li tagħmel id-dikjarazzjoni) u 30 (ir-regoli protettivi dwar in-negozji tal-familja u negozji u assi oħrajn).

### 8.3.10. L-Istati b'aktar minn sistema ġudizzjarja waħda – l-Artikolu 36

Meta l-liġi li għandha tapplika bħala riżultat tal-applikazzjoni tar-regoli fir-Regolament tkun dik ta' Stat li għandu aktar minn unità territorjali waħda b'regoli separati rigward is-suċċessjoni, jeżistu dispożizzjonijiet dwar kif

(152) L-Artikolu 31.
(153) L-Artikolu 32.
(154) L-Artikolu 33.

(155) Il-kunċett ta' Stati terzi jinkludi l-Istati Membri li mhumiex parti mir-Regolament, jiġifieri d-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit; ara l-paragrafu 8.2.5.

ir-Regolament japplika internament għal dan l-Istat biex jiġi ddeterminat liema waħda mil-liġijiet tal-unitajiet territorjali differenti għandha tapplika. L-ewwel nett, meta l-Istat ikollu regoli interni rigward il-liġi applikabbli, allura japplikaw dawn ir-regoli. Jekk ma jkun hemm l-ebda regola, allura r-Regolament jispeċifika li r-referenzi għar-residenza abitwali tal-persuna deċeduta fi Stat għandhom jiġu interpretati bħala referenza għar-residenza abitwali tal-persuna deċeduta f'unità territorjali tal-Istat; meta jkun hemm referenza għal-liġi tal-Istat tan-nazzjonalità tal-persuna deċeduta din tiġi interpretata bħala referenza għall-unità territorjali fl-Istat li miegħu l-persuna deċeduta kellha l-eqreb rabta; u meta jiġu msemmija fatturi ta' rabta oħrajn, dawn għandhom jiġu interpretati bħala fatturi li jorbtu l-aspett rilevanti tas-suċċessjoni mal-unità territorjali li magħha tkun stabbilita r-rabta partikolari. Dawn ir-regoli japplikaw b'mod ġenerali biex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli fi Stati b'sistemi ġudizzjarji differenti minbarra rigward il-validità formali tat-testmenti kif stabbilit fl-Artikolu 27. Għal dan il-għan, jekk ma jeżistu l-ebda regoli interni fl-Istat ikkonċernat li japplikaw il-liġi ta' unità territorjali partikolari, ir-referenza għandha tiġi interpretata bħala referenza għal-liġi ta' dik l-unità fl-Istat li miegħu t-testatur jew kwalunkwe persuna marbuta bi ftehim ta' suċċessjoni kellhom l-eqreb rabta. Dan għandu jfisser, pereżempju, li meta persuna tkun għamlet testment f'parti waħda ta' dan l-Istat iżda kellha assi f'parti oħra, ikun neċessarju li tiġi kkunsidrata liema hija l-eqreb rabta bejn dawn it-tnejn b'kunsiderazzjoni tar-regola u r-regoli fl-Artikolu 27.

## 8.4. Rikonoxximent u Infurzar

### 8.4.1. L-isfond u l-għan

Sabiex tingħata għajnuna lil dawk involuti f'suċċessjonijiet, ir-regoli dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri jiġu ssimplifikati kif ukoll jiġi permess li dawn id-deċiżjonijiet ikollhom effett fi Stati Membri oħrajn minbarra f'dawk fejn jittieħdu, li mhux dejjem kien il-każ sa issa. Għal dan il-għan, deċiżjoni tiġi ddefinita b'mod li tfisser kwalunkwe deċiżjoni fi kwistjoni ta' suċċessjoni mogħtija minn qorti ta' Stat Membru irrispettivament minn kif tissejjaħ [156] u dan jinkludi d-deċiżjonijiet mogħtija minn uffiċjali tal-qorti dwar materji ta' kostijiet u spejjeż.

### 8.4.2. Ir-Regoli dwar ir-Rikonoxximent u l-Infurzar

Ir-regoli huma simili ħafna għal dawk fir-Regolament Brussell I li għalih qed issir referenza. [157]

### 8.4.3. Strumenti Awtentiċi u Soluzzjonijiet bil-Qorti

#### *8.4.3.1. L-aċċettazzjoni ta' strumenti awtentiċi – l-Artikolu 59*

Jeżistu wkoll regoli aktar żviluppati għall-aċċettazzjoni u l-infurzabbiltà ta' strumenti awtentiċi. Dawn ir-regoli jiżguraw li meta dawn l-istrumenti jingħataw fi Stat Membru partikolari, għandu jkollhom l-istess effett fi Stati Membri oħrajn bħal dak fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom. Ir-Regolament

(156) Għat-tifsira ta' qorti ara l-paragrafu 8.2.2.

(157) Ara l-paragrafu 2.2.6.

jipprovdi wkoll formola li tispjega l-effetti evidenzjarji li jipproduċi l-istrument awtentiku fl-Istat Membru tal-oriġini. Dan huwa importanti b'mod partikolari rigward ftehimiet dwar is-suċċessjoni u dokumenti oħrajn li jirrigwardaw b'mod dirett materji dwar suċċessjoni u li huma stabbiliti bħala strumenti awtentiċi. Dawn l-istrumenti għandu jkollhom effett fl-Istati Membri l-oħrajn rigward il-valur evidenzjali tagħhom sakemm dan ma jmurx kontra l-ordni pubbliku. Barra dan, l-awtentiċità tal-istrument bl-ebda mod ma tista' tiġi kkontestata minbarra fil-qrati tal-Istat Membru tal-oriġini tiegħu. Għal dak li jirrigwarda l-atti legali jew ir-relazzjonijiet legali rreġistrati f'dan l-istrument awtentiku, il-ġurisdizzjoni biex dawn jiġu kkuntestati għandha tiġi pprovduta skont ir-regoli tar-Regolament.

*8.4.3.2. L-infurzabbiltà tal-istrumenti awtentiċi u s-soluzzjonijiet bil-qorti – l-Artikoli 60 sa 61*

Jekk strument awtentiku jew soluzzjoni bil-qorti jkunu eżegwibbli fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom, jistgħu jiġu ddikjarati eżegwibbli fi kwalunkwe Stat Membru b'applikazzjoni li ssir f'dak l-Istat minn kull parti interessata. Il-proċedura biex issir, biex tiġi miċħuda jew irrevokata din l-applikazzjoni hija l-istess bħal dik tad-deċiżjonijiet tal-qrati. L-istess japplika għas-soluzzjonijiet bil-qorti li huma eżegwibbli fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom.

## 8.5. Iċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni – l-Artikoli 62 sa 73

### 8.5.1. L-isfond

Innovazzjoni importanti fir-Regolament hija l-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni fakultattiv. Dan se jippermetti li s-setgħat tal-amministraturi tas-suċċessjoni u l-intitolamenti tal-werrieta u l-legatarji jiġu stabbiliti b'mod sempliċi u malajr fl-Istati Membri u li jitnaqqsu l-ħin, l-ispiża u l-proċeduri amministrattivi meħtieġa sabiex dawn is-setgħat u l-intitolamenti jkollhom effett fi Stati Membri oħrajn minbarra dak fejn tkun ffokata s-suċċessjoni. Ir-Regolament jinkludi regoli dettaljati dwar l-applikazzjonijiet għal, il-ħruġ ta' u l-kontenut u l-effetti taċ-Ċertifikat kif ukoll dwar liema awtoritajiet huma intitolati li joħorġuh u l-kontestazzjonijiet għad-deċiżjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet. Issir referenza għall-kontenut iddettaljat ta' dawn ir-regoli mniżżla fil-qosor fit-taqsima li ġejja:

### 8.5.2. Ir-regoli taċ-Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni

L-użu taċ-Ċertifikat għandu jkun obbligatorju? – L-Artikolu 62

L-ewwel u qabel kollox iċ-Ċertifikat huwa għal użu fi Stati Membri minbarra dak li fih jinħareġ u m'għandux ikun obbligatorju; lanqas ma għandu jieħu post dokumenti taħt il-liġi interna tagħhom użati għal finijiet simili fl-Istati Membri

X'inhu l-għan taċ-Ċertifikat? – L-Artikolu 63

L-għan taċ-Ċertifikat, li mhux se jieħu post dawn id-dokumenti tal-Istati Membri, huwa li jintuża mill-werrieta, il-legatarji, u l-amministraturi sabiex jiġu approvati l-istatus, is-setgħat u l-intitolamenti tagħhom u l-attribuzzjoni ta' assi fis-suċċessjonijiet għall-werrieta u l-legatarji.

Min joħroġ iċ-Ċertifikat? – L-Artikolu 64

Il-qrati jew awtoritajiet oħrajn b'kompetenza li jittrattaw is-suċċessjoni fl-Istat Membru b'ġurisdizzjoni skont ir-Regolament.

Dawn l-awtoritajiet jistgħu jinkludu nutara u awtoritajiet oħrajn simili li skont il-liġi nazzjonali rilevanti huma kompetenti biex jittrattaw materji ta' suċċessjoni.

Min għandu jissottometti applikazzjoni u kif għandha tiġi sottomessa applikazzjoni għal ċertifikat? – Ara l-Artikolu 65(1) u (2)

L-applikazzjoni għandha ssir minn kwalunkwe persuna li hija werrieta, legatarja jew amministratur ta' proprjetà; jista' jsir użu mill-formola stabbilita għal dan il-għan. [158]

Liema informazzjoni għandha tiġi inkluża fl-applikazzjoni? – l-Artikolu 65(3)

Id-dettalji sħaħ tal-persuna deċeduta u tal-applikant, tar-rappreżentanti tal-applikant, tal-konjuġi jew tas-sieħeb/sieħba tal-persuna deċeduta, u ta' benefiċjarji oħrajn; l-għan taċ-ċertifikat, u d-dettalji tal-azzjonijiet tal-persuna deċeduta inklużi trasferimenti ta' proprjetà, kuntratti rigward proprjetà li jistgħu jkunu rilevanti għas-suċċessjoni, rinunzji ta' suċċessjoni, u b'mod ġenerali informazzjoni li tista' tkun utli għall-ħruġ taċ-ċertifikat.

(158) Il-formola tal-applikazzjoni għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 81 tar-Regolament.

X'jiġri meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni? – L-Artikolu 66

L-awtorità li toħroġ iċ-ċertifikat tivverifika l-informazzjoni, id-dikjarazzjonijiet, id-dokumentazzjoni u l-evidenza pprovduti maċ-ċertifikat u tagħmel l-inkjesti meħtieġa għal dan. Fil-kors tal-verifika msemmija, tista' titlob aktar evidenza, tirrikjedi dikjarazzjonijiet statutorji jew dikjarazzjonijiet b'ġurament, tgħarraf lill-benefiċjarji u tisma' lil kwalunkwe persuna involuta u tagħti informazzjoni lil awtoritajiet oħrajn li joħorġu ċertifikati dwar materji li jirrigwardaw is-suċċessjoni.

Kif jinħareġ iċ-ċertifikat? – L-Artikolu 67

Għandha tintuża l-formola preskritta u ċ-ċertifikat għandu jinħareġ ladarba jiġu stabbiliti l-elementi kollha li għandhom jiġu ċċertifikati u ma jkun hemm l-ebda kontestazzjoni; ladarba jinħareġ iċ-ċertifikat, l-awtorità kkonċernata għandha tgħarraf lill-benefiċjarji.

X'jiġi inkluż f'ċertifikat? – L-Artikolu 68

- L-isem u l-indirizz tal-awtorità mittenti, in-numru tar-referenza, id-data tal-ħruġ u l-element li jikkonferma l-kompetenza tal-awtorità mittenti biex tagħmel dan
- Id-dettalji tal-applikant, tal-persuna deċeduta u tal-benefiċjarji
- Informazzjoni dwar kwalunkwe kuntratt ta' żwieġ jew kuntratt simili li l-persuna deċeduta tkun daħlet fih
- Il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni

- Jekk is-suċċessjoni hijiex b'testment jew mingħajr testment u dwar id-drittijiet u s-setgħat tal-werrieta, tal-legatarji, tal-eżekuturi jew tal-amministraturi
- Informazzjoni dwar il-benefiċjarji, il-werrieta u l-legatarji
- Ir-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tal-werrieta u l-legatarji, u
- Is-setgħat tal-eżekuturi u l-amministraturi

X'inhuma l-effetti ta' Ċertifikat? – L-Artikolu 69

Huwa preżunt li hu preċiż rigward l-elementi kollha stabbiliti skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni dwar il-werrieta, il-legatarji, l-eżekuturi u l-amministraturi u d-drittijiet u s-setgħat tagħhom; il-preżunzjoni tat-tranżazzjonijiet minn dawk imsemmija fiċ-ċertifikat ma' partijiet terzi li huma persuni b'awtorità adegwata biex iwettqu t-tranżazzjoni inkwistjoni, inkluż it-trasferiment ta' proprjetà tal-patrimonju; iċ-ċertifikat huwa dokument validu għar-reġistrazzjoni tal-proprjetà tas-suċċessjoni f'reġistru ta' Stat Membru. Iċ-Ċertifikat għandu jipproduċi effetti fl-Istati Membri kollha mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda proċedura speċjali.

Iċ-Ċertifikat jinħareġ lill-applikant? – L-Artikolu 70

Iċ-Ċertifikat bħala tali għandu jinżamm mill-awtorità li toħorġu; kopji ċċertifikati jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-applikant u kwalunkwe persuna b'interess leġittimu; il-kopji ċċertifikati huma validi għal sitt xhur soġġett għal deroga għal każijiet ġustifikati fejn jista' japplika perjodu itwal ta' validità; wara l-iskadenza tal-perjodu ta' validità ta' kopja ċċertifikata kwalunkwe persuna li tixtieq tuża ċ-ċertifikat trid tapplika għal estensjoni jew titlob kopja ġdida taċ-ċertifikat; l-awtorità mittenti għandha żżomm lista tal-persuni kollha li għalihom tkun ħarġet kopji ċċertifikati.

L-iżbalji fiċ-Ċertifikat jistgħu jiġu korretti? – L-Artikolu 71

L-awtorità mittenti tista' tikkoreġi żbalji klerikali jekk tintalab tagħmel dan; jekk iċ-Ċertifikat mhuwiex preċiż l-awtorità li toħorġu tista' timmodifikah jew tirtirah fuq talba; jekk tagħmel dan l-awtorità trid tgħarraf lid-detenturi kollha tal-kopji ċċertifikati.

L-awtorità mittenti tista' tiġi kkontestata? – l-Artikoli 72 u 73

Kwalunkwe persuna b'interess leġittimu tista' tikkontesta quddiem awtorità ġudizzjarja kwalunkwe deċiżjoni tal-awtorità mittenti; jekk dik l-awtorità tiskopri li ċ-ċertifikat mhuwiex preċiż jew li ċaħda għall-ħruġ ta' ċertifikat mhijiex ġustifikata, l-awtorità ġudizzjarja tista' tikkoreġi jew toħroġ hija stess iċ-ċertifikat jew tiżgura li l-awtorità mittenti tikkoreġih jew tieħu deċiżjoni ġdida dwar il-ħruġ ta' ċertifikat; sakemm issir din il-korrezzjoni jew din il-modifika jew jitwettaq l-irtirar, iċ-ċertifikat jista' jiġi sospiż mill-awtorità mittenti jew mill-awtorità ġudizzjarja, skont il-każ.

## 8.6. Informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri tal-Istati Membri – l-Artikoli 77 sa 79

L-Istati Membri jridu jipprovdu lill-Kummissjoni Ewropea informazzjoni dwar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri nazzjonali tagħhom dwar is-suċċessjoni. L-informazzjoni trid tinkludi d-dettalji tal-awtoritajiet kompetenti f'materji ta' suċċessjoni inkluż fl-irċevuta tad-dikjarazzjonijiet tal-aċċettazzjoni jew tar-rinunzja. Għandhom jiġu pprovduti wkoll dokumenti dwar il-fatti li jelenkaw informazzjoni dwar id-dokumenti rigward ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli. Din l-informazzjoni kollha għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu wkoll lill-Kummissjoni dwar:

- dawk l-awtoritajiet u l-professjonisti legali li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' "qorti",
- il-qrati u l-awtoritajiet li jkunu kompetenti biex jittrattaw applikazzjonijiet għal dikjarazzjonijiet ta' infurzabbiltà u appelli,
- l-awtoritajiet kompetenti li joħorġu Ċertifikati Ewropej tas-Suċċessjoni, u
- il-proċeduri dwar ir-rimedju rigward il-ħruġ ta' Ċertifikati Ewropej tas-Suċċessjoni,

u kwalunkwe tibdil f'din l-informazzjoni. Din l-informazzjoni kollha għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku permezz tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali. [159]

**L-analiżi ta' xi eżempji**

Is-Sur JMB mill-Portugall għex u ħadem fi Brussell għal għadd ta' snin iżda għandu l-ħsieb li eventwalment imur lura l-Portugall. Għandu proprjetà u investimenti fil-Portugall u fi Brussell u dar tal-btala fil-kampanja Franċiża. Martu u l-familja tiegħu jgħixu Brussell miegħu. Jekk ma jkunx għamel testment se jinqalgħu kwistjonijiet rigward liema liġi tapplika għas-suċċessjoni tal-proprjetà tiegħu u liema qrati/awtoritajiet għandhom il-kompetenzi biex jiddeċiedu dwarha. Jekk għandu testment u, ngħidu aħna, imut f'daqqa waħda fi Franza, jinqalgħu kwistjonijiet dwar x'konsegwenzi dan jista' jkollu rigward is-suċċessjoni għall-proprjetà tiegħu.

Jekk is-Sur B b'xorti ħażina jmut bħala riżultat ta' inċident waqt l-iskijar fuq il-baħar meta jkun fuq btala fi Franza f'Awwissu 2016, ir-Regolament kif jista' jgħin fis-suċċessjoni għall-proprjetà tiegħu? Kieku jkun ħalla testment, dan jiġi applikat biex jinħatru werrieta u amministraturi għall-proprjetà tiegħu skont il-liġi applikabbli rilevanti. Liema tkun din il-liġi? Is-Sur B jista' jagħżel il-liġi tan-nazzjonalità tiegħu skont l-Artikolu 22, u jekk ikun għamel dan, tapplika l-liġi tal-Portugall. Jekk ma jkunx għamel hekk, ir-regola fl-Artikolu 21 tiddetermina li l-liġi li għandha tiġi applikata hija dik tar-residenza abitwali tas-Sur B fil-ħin tal-mewt tiegħu. Ħlief jekk is-Sur B ikun irtira u mar jgħix fi Franza, din tkun il-liġi tal-Portugall jew il-liġi tal-Belġju. Minħabba l-fatt li, meta miet, is-Sur B kien għadu impjegat fil-Belġju, aktarx li jkollu r-residenza abitwali tiegħu hemmhekk, u f'dan il-każ tapplika l-liġi tal-Belġju.

(159) Ara l-Kapitlu 14.

Rigward il-ġurisdizzjoni, ir-regolament ma jipprevedix li s-Sur B jagħżel qorti jew awtorità biex jieħdu ħsieb is-suċċessjoni għall-proprjetà tiegħu, iżda jista' jkun li pprova jagħmel dan fit-testment tiegħu. Jekk l-għażla tal-liġi hija valida skont il-liġi applikabbli rilevanti, allura din jista' jkollha effett fuq il-ġuriżdizzjoni. Jekk le, ir-regola ġenerali fl-Artikolu 4 tiddetermina li s-suċċessjoni hija soġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-qrati tal-Istat Membru tar-residenza abitwali tas-Sur B fil-ħin tal-mewt tiegħu, u allura għal darb'oħra l-qrati tal-Belġju. Madankollu l-werrieta tas-Sur B jistgħu jippruvaw jagħżlu qorti, u jekk dan ikun il-każ, din tkun il-qorti rilevanti fil-Portugall iżda biss jekk is-Sur B jkun għażel il-liġi tal-Portugall skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjoni.

**Eżempju ieħor**

Is-Sa K hija ta' oriġini Olandiża u ilha taħdem il-Ġermanja bosta snin. M'għandhiex tfal iżda għandha sieħba (fi sħubija ċivili/żwieġ bejn membri tal-istess sess) Ser tirtira dalwaqt u qed tippjana li tmur tgħix mas-sieħba tagħha fil-villa li għadha kif xtrat fl-Andalusija waqt li se tibqa' żżomm ir-rabtiet u l-interessi tal-proprjetà tagħha fil-Pajjiżi l-Baxxi. Għamlet testment fil-Pajjiżi l-Baxxi li huwa maħsub li jittratta l-materji kollha li jikkonċernaw il-proprjetà tagħha u japplika l-liġi Olandiża. Skont is-sitwazzjoni attwali dan mhuwiex aċċettabbli għas-sistema legali Spanjola – x'jiġri kieku kellha tmut?

Ejja nassumu li s-Sinjura K tmut fi Spanja wara li tirtira u li hi u s-sieħba tagħha kienu marru jgħixu hemmhekk. Billi s-Sinjura K kienet għażlet il-liġi tal-Pajjiżi l-Baxxi, dik l-għażla tiġi aċċettata skont ir-Regolament b'konformità mal-Artikolu 22 minkejja l-fatt li skont il-liġi nazzjonali ta' Spanja dan ma kienx ikun aċċettabbli. Rigward il-ġurisdizzjoni, il-pożizzjoni tas-Sinjura K, bħal dik tas-Sur B, hija li ma tistax tagħmel għażla tal-qorti skont ir-Regolament; madankollu, il-werrieta tagħha jistgħu jagħżlu qorti oħra minbarra dik ta' Spanja, speċjalment jekk is-Sinjura K kienet żammet rabta sostanzjali ma', u proprjetà fil-Pajjiżi l-Baxxi. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 5(1) jistgħu jintgħażlu l-qrati Olandiżi biex jittrattaw is-suċċessjoni.

Kemm fil-każ tas-Sur B kif ukoll fil-każ tas-Sinjura K ikun possibbli li tiġi sottomessa applikazzjoni għal Ċertifikat tas-Suċċessjoni u, għalhekk, it-tranżazzjonijiet fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri minbarra dak fejn tkun qed tiġi amministrata l-proprjetà jkunu jistgħu jitwettqu b'mod aktar faċli u mgħaġġel.



# Notifika tad-dokumenti

## 9.1. L-isfond tar-Regolament għan-Notifika tad-dokumenti

### 9.1.1. Ir-Regolament "Oriġinali" dwar in-Notifika

Sabiex jiġu sostnuti l-ħtiġijiet tan-negozji u ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, irid ikun hemm aċċess għall-ġustizzja, b'mod partikolari meta jinħolqu pretensjonijiet u jiġu segwiti b'tilwim transfruntier, sabiex il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ssir realtà u biex din il-kooperazzjoni taħdem b'mod effettiv. Aspett ewlieni ta' tilwim transfruntier jinvolvi n-notifika ta' dokumenti lill-partijiet għat-tilwima u lil oħrajn involuti fiha. Għaldaqstant in-notifika u t-trażmissjoni ta' dokumenti bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-Istati Membri jrid ikun mgħaġġel u sigur. Din ir-realtà ġiet rikonoxxuta bin-negozjati ta' Konvenzjoni dwar in-notifika ta' dokumenti li pprevediet it-trażmissjoni ta' dokumenti minn Stat Membru għall-ieħor għal notifika f'dan tal-aħħar li t-test tagħha ġie adottat f'Mejju 1997. [160] Din il-Konvenzjoni qatt ma ġiet ratifikata u għaldaqstant qatt ma daħlet fis-seħħ. Ftit taż-żmien wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, il-Kunsill adotta Regolament [161] li t-test tiegħu kien, fil-parti l-kbira tiegħu, l-istess bħal dak tal-Konvenzjoni. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fil-31 ta' Mejju 2001. [162]

(160) Ara ĠU C 261 tas-27.8.1997 fil-p 1.

(161) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali; ara ĠU L 160 tat-30.06.2000 fil-p. 37.

(162) Ara ĠU L 160 tat-30.6.2000 fil-p 37; qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regoalment, in-notifika bejn l-Istati Membri kienet tiġi ttrattata skont il-Konvenzjoni tal-Aja tal-1965 dwar in-Notifika tad-dokumenti li għaliha kienu parti l-maġġoranza tal-Istati Membri; din il-Konvenzjoni tirregola l-kwistjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Istati terzi.

### 9.1.2. Ir-Regolament dwar in-Notifika "attwali"

Bħal b'Regolamenti oħra dwar il-Ġustizzja Ċivili saret evalwazzjoni tal-funzjonament tal-ewwel Regolament u f'Ottubru 2004 ġie ppubblikat Rapport mill-Kummissjoni Ewropea. Il-konklużjonijiet indikaw illi filwaqt li l-ewwel Regolament kien wassal b'mod ġenerali għal titjib fil-ħin u l-effikaċja tat-trażmissjoni tad-dokumenti għan-notifika bejn il-fruntieri tal-Istati Membri, kien hemm ċerti aspetti tal-proċedura fejn l-applikazzjoni ma kinitx sodisfaċenti għal kollox u fejn l-għanijiet tar-Regolament ma ġewx miksuba għal kollox kif mixtieq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni pproponiet Regolament rivedut u dan wassal għall-adozzjoni tar-Regolament tan-Notifika attwali f'Novembru 2007 [163].

## 9.2. Ir-Regolament dwar in-Notifika tad-Dokumenti

### 9.2.1. Il-Kamp ta' Applikazzjoni Territorjali u Materjali tar-Regolament

Ir-Regolament japplika direttament fl-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka. Bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħrajn hemm

(163) Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000; ara ĠU L 324 tal-10.12.2007 f' p. 79.

ftehim separat għall-applikazzjoni tar-Regolament fid-Danimarka. [164] Ir-Regolament japplika f'materji ċivili u kummerċjali meta dokument ġudizzjarju u extra-ġudizzjarju jkollu jintbagħat minn Stat Membru partikolari għal ieħor għal notifika f'dan tal-aħħar. [165] L-espressjoni "materji ċivili u kummerċjali" ġiet interpretata b'mod estensiv mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Fir-Regolament oriġinali ma kien hemm l-ebda esklużjoni mit-tifsira ta' "materji ċivili u kummerċjali" rigward id-dħul, id-dwana jew materji amministrattivi iżda dawn huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament attwali bħalma hija eskluża r-responsabbiltà tal-Istat għal azzjonijiet jew omissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat (*acta iure imperii*). [166] Ir-Regolament ma jistax jintuża jekk l-isem u l-indirizz tad-destinatarju ma jkunux magħrufa iżda l-aġenziji riċeventi skont ir-Regolament jistgħu, jekk ikun possibbli, jipprovdu għajnuna meta l-indirizz ma jkunx komplut jew korrett. Ir-Regolament japplika għan-notifika tad-dokumenti ġudizzjarji kif ukoll dawk extra-ġudizzjarji.

(164) Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/326/KE dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 120 tal-5.5.2006 fil-p. 23.) u l-Ftehim sussegwenti rigward l-applikazzjoni għad-Danimarka tat-Tieni Regolament dwar in-Notifika – ara ĠU L 331 tal-10.12.2008 fil-p. 21.

(165) Il-QĠUE ddeċidiet li meta d-destinatarju tad-dokument ikun joqgħod fi Stat Membru ieħor, in-notifika ta' dokument ġudizzjarju trid issir f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament. F'dan il-każ il-qrati ta' Stat Membru ma jitħallewx japplikaw sistema nazzjonali ta' notifika nozzjonali li fil-fatt jelimina kull effett prattiku mid-dritt li l-persuna tiġi notifikata biex tibbenefika mir-riċevuta effettiva ta' dak id-dokument, minħabba l-fatt li dan ma jiggarantixxix għal dak id-destinatarju, fost oħrajn, għarfien tal-att ġudizzjarju biżżejjed minn qabel biex iħejji difiża jew traduzzjoni ta' dak id-dokument. Ara s-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fil-kawża Alder, C- 325/11.

(166) Minn April 2013 il-Konvenzjoni tal-Aja dwar in-Notifika tal-1965 daħlet fis-seħħ fl-Istati Membri kollha tal-UE minbarra l-Awstrija; il-Kroazja ukoll hija parti għall-Konvenzjoni.

**Eżempju**

**Il-Kumpanija A bbażata fl-Istat Membru 1 ħarrket lill-Kumpanija B ibbażata fl-Istat Membru 2, fl-Istat Membru 1 għal ammont sostanzjali ta' flus. Il-Kumpanija B ma ddefendietx l-azzjoni u wara madwar 4 xhur il-qorti fl-Istat Membru 1 ħarġet sentenza b'kontumaċja li fiha ordnat lill-Kumpanija B tħallas l-ammont tal-pretensjoni tal-Kumpanija A. Il-Kumpanija A ssottomettiet applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà lill-qorti kompetenti fl-Istat Membru 2, fejn il-Kumpanija B hija l-proprjetarja ta' assi f'proprjetà immobbli. Id-dikjarazzjoni ngħatat, iżda madankollu l-Kumpanija B appellat u mbagħad, wara eżaminazzjoni ulterjuri taċ-ċirkustanzi, deher ċar li n-notifika tal-azzjoni mressqa mill-Kumpanija A fil-fatt ma saritx kif suppost lill-Kumpanija B. Konsegwentement il-qorti tal-appell fl-Istat Membru 2 tirrevoka d-Dikjarazzjoni tal-Infurzabbiltà abbażi tar-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament Brussell I. Ftit wara, u qabel ma l-Kumpanija A setgħet tirrimedja għas-sitwazzjoni, il-Kumpanija B saret insolventi u l-Kumpanija A kellha tirrinunzja għall-pretensjoni.**

Dan l-eżempju qed jiġi inkluż biex jintwera li n-notifika korretta tad-dokumenti hija ta' importanza fundamentali fil-proċedimenti ġudizzjarji. In-nuqqas ta' notifika jista' jikkomprometti serjament l-interessi legali tal-partijiet. In-notifika tad-dokumenti lil partijiet fi Stati oħrajn tista' tkun il-kawża ta' bosta diffikultajiet f'każijiet ta' tilwim transfruntier. Regoli ta' notifika transfruntiera sempliċi u prattiċi huma fost il-kundizzjonijiet l-aktar importanti sabiex is-sistema proċedurali ċivili Ewropea taħdem tajjeb u huma l-għan u l-finijiet tar-Regolament dwar is-Servizz.

## 9.2.2. L-Istruttura u l-Kontenut tar-Regolament dwar is-Servizz

### *9.2.2.1. L-aġenziji mittenti u riċeventi u l-korp ċentrali*

Bħal fil-każ tar-Regolament oriġinali, ir-Regolament attwali jissimplifika n-notifika tad-dokumenti fil-każijiet transfruntiera billi jipprevedi li l-Istati Membri kollha għandhom jagħżlu korpi lokali, **"aġenziji mittenti"** u **"aġenziji riċeventi"**, li jkunu rispettivament responsabbli għat-trażmissjoni u r-riċevuta ta' dokumenti. Stati Federali, Stati b'bosta sistemi ġudizzjarji, bħar-Renju Unit, jew Stati b'unitajiet territorjali awtonomi jistgħu jagħżlu iktar minn aġenzija waħda bħal din. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu bħala aġenziji uffiċjali bħal ***huissiers de justice*** u uffiċjali ġudizzjarji u pubbliċi oħrajn li r-responsabbiltajiet tagħhom ikun in-notifika tad-dokumenti [167]. Id-dokument jew dokumenti li jridu jiġu trażmessi għan-notifika jiġu akkumpanjati minn talba fil-formola standard tal-Anness I. Skont ir-Regolament attwali dwar in-Notifika, l-aġenzija riċeventi trid tibgħat rikonoxximent tar-riċevuta tad-dokumenti fi żmien sebat ijiem minn meta tirċivihom, għal darb'oħra bl-użu tal-formola preskritta fl-Anness I. Dan huwa wieħed minn għadd ta' oqsma li fihom ir-Regolament attwali dwar in-Notifika jipprovdi limiti ta' żmien għat-twettiq ta' azzjonijiet skont il-proċeduri tar-Regolament u b'hekk iħaffef il-proċess ta' notifika u konsegwentement l-aċċess għall-ġustizzja. Jekk tkun meħtieġa kjarifika mill-aġenzija mittenti, l-aġenzija riċeventi għandha tfittex tiksibha mill-aktar fis possibbli bl-iktar mezz veloċi possibbli. Kull Stat Membru għażel tal-inqas "korp ċentrali" wieħed li jipprovdi informazzjoni lill-aġenziji mittenti u jfittex soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultà li tista' tinħoloq waqt il-trażmissjoni tad-dokumenti għan-notifika.

(167) Ara l-Artikolu 2.

### *9.2.2.2. In-notifika tad-dokument lid-destinatarju*

L-aġenzija riċeventi fl-Istat Membru fejn ikollhom jiġu nnotifikati d-dokumenti tinnotifika d-dokument jew tagħżel lil xi ħadd biex jipprovdih, skont il-liġi tal-Istat Membru indirizzat jew bl-użu ta' metodu partikolari mitlub mill-aġenzija mittenti, sakemm dan il-metodu ma jkunx kompatibbli mal-liġi ta' dak l-Istat Membru. In-notifika għandha ssir mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn xahar wara l-wasla. Jekk dan il-limitu ta' żmien ma jiġix osservat, l-aġenzija riċeventi trid tgħarraf lill-aġenzija mittenti u tkompli tipprova tinnotifika d-dokument matul perjodu ta' żmien raġonevoli.

### *9.2.2.3. Id-dritt tad-destinatarju li jirrifjuta n-notifika*

Id-destinatarju jista' jirrifjuta d-dokument innotifikat jekk ikun miktub b'lingwa li ma tkunx il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru indirizzat, jew il-lingwa tal-post fejn trid issir in-notifika meta jkun hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda, jew lingwa li d-destinatarju ma jifhimx. Id-destinatarju għandu jiġi mgħarraf b'dan id-dritt meta jiġi nnotifikat id-dokument permezz tal-formola stabbilita fl-Anness II. Id-destinatarju jrid jgħarraf lill-aġenzija riċeventi tar-rifjut jew meta ssir in-notifika jew billi jirritorna d-dokument lilha fi żmien ġimgħa. [168]

(168) Il-QĠUE ddeċidiet li destinatarju ma jistax jirrifjuta notifika jekk l-annessi biss tad-dokumenti li jkunu se jiġu pprovduti ma jkunux tradotti fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tan-notifika u dawn l-annessi jikkonsistu f'evidenza dokumentarja li jkollha funzjoni purament evidenzjarja u ma tkunx meħtieġa biex jinftiehem is-suġġett tat-talba u l-motivi tal-kawża. Barra minn hekk, f'din l-istess sentenza, il-QĠUE sostniet ukoll li tista' tikkostitwixxi evidenza favur l-argument li d-destinatarju jaf u huwa kapaċi jifhem il-lingwa tad-dokumenti li jkunu se jiġu nnotifikati lilu meta d-destinatarju inkwistjoni jkun marbut kuntrattwalment sabiex iwettaq korrispondenza dwar kuntratt, is-suġġett ta' tilwima, bil-lingwa tal-Istat Membru li jibgħat id-dokumenti u d-dokumenti kkonċernati jkunu miktuba f'din il-lingwa miftiehma u jikkonċernaw dik il-korrispondenza; ara s-sentenza mogħtija fit-8 ta' Mejju 2008 fil-każ ta' Ingenieurbüro Michael Weiss und Partner GbR v Industrie- und Handelskammer Berlin, C-14/07.

### *9.2.2.4. Iċ-Ċertifikat tan-Notifika*

Meta jitlestew il-formalitajiet li jikkonċernaw in-notifika tad-dokument, l-aġenzija riċeventi tikkonferma dan billi tfassal ċertifikat tat-tlestija, bl-użu tal-formola preskritta fl-Anness I, indirizzata lill-aġenzija trażmittenti.

### *9.2.2.5. L-ispejjeż tan-notifika*

Waħda mill-kwistjonijiet imsemmijin fir-Rapport dwar il-funzjonament tal-ewwel Regolament dwar in-Notifika kienet id-diffikultà li għaddew minnha dawk involuti f'tilwim transfruntier fil-KE biex saru jafu bl-ispejjeż tan-notifika tad-dokumenti fl-Istati Membri differenti. Għalhekk fit-tieni Regolament dwar in-Notifika hemm dispożizzjoni li fiha hemm previst li fil-prinċipju ma għandu jkun hemm l-ebda spiża ġġenerata għan-notifika tad-dokumenti ttrasferiti minn Stat Membru wieħed għall-ieħor ħlief meta n-notifika ssir minn uffiċjali ġudizzjarji jew persuni oħrajn kompetenti li jwettqu n-notifika skont il-liġi tal-Istat Membru fejn trid issir in-notifika. Meta n-notifika trid issir minn uffiċjal ġudizzjarju jew persuna kompetenti simili, it-tariffa li trid tiġi imposta għandha tkun tariffa waħda fissa ddeterminata minn qabel li għandha tkun proporzjonata u mhux diskriminatorja. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dawn it-tariffi [169].

### *9.2.2.6. Notifika diretta lil uffiċjal ġudizzjarju fi Stat Membru ieħor*

Dispożizzjoni innovattiva fir-Regolament dwar in-Notifika tirrigwarda n-notifika tad-dokumenti b'mod dirett minn uffiċjali ġudizzjarji u persuni kompetenti oħrajn permezz ta' trażmissjoni diretta minn kwalunkwe persuna interessata fil-proċedimenti. Dan ifisser li rikorrent jew ir-rappreżentant legali ta' rikorrent jista' jibgħat dokumenti għan-notifika direttament lil uffiċjal ġudizzjarju fi Stat Membru ieħor sabiex jiġi nnotifikat id-destinatarju mingħajr ma jkollu juża s-servizz ta' aġenzija mittenti. Din id-dispożizzjoni tiddependi mill-fatt li l-liġi ta' dak l-Istat Membru tippermetti n-notifika diretta. Informazzjoni dwar dan u aspetti oħrajn tal-funzjonament tar-Regolament dwar in-Notifika tinstab fuq diversi siti elettroniċi differenti inkluż dak tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar materji ċivili. [170] Dan huwa possibbli wkoll bl-użu tas-sit tal-Atlas biex jinstabu l-ismijiet u d-dettalji tal-kuntatt tal-uffiċjali ġudizzjarji u persuni kompetenti oħrajn li jistgħu jipprovdu d-dokumenti fl-Istati Membri differenti.

### *9.2.2.7. Notifika Diretta bil-Posta*

M'għadux possibbli li l-Istati Membri jopponu n-notifika diretta bil-posta kif kien il-każ skont l-ewwel Regolament dwar in-Notifika. Skont it-termini tar-Regolament dwar in-Notifika attwali, huwa previst li kull Stat Membru għandu jkun liberu li jinnotifika dokumenti ġudizzjarji b'mod dirett b'servizzi postali lil persuni li joqogħdu fi Stat Membru ieħor b'ittra rreġistrata bil-konferma tar-riċevuta jew ekwivalenti.

---

(169) Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew minn http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/ds_information_mt.htm?countrySession=2&

(170) Ħolqa – http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/ds_information_mt.htm?countrySession=2& – Ara wkoll, pereżempju, l-entrata għar-Renju Unit minn – http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/ds_otherinfostate_uk_mt.jsp?countrySession=4& – li turi illi mit-tliet distretti tal-liġi f'dak l-Istat Membru dak tal-Iskozja biss ma jopponix in-notifika diretta skont l-Artikolu 15.

*9.2.2.8. Metodi oħrajn ta' trażmissjoni*

Ir-Regolament jipprevedi wkoll mezzi oħrajn ta' trażmissjoni u notifika ta' dokumenti ġudizzjarji bħat-trażmissjoni permezz ta' servizzi konsulari jew diplomatiċi u n-notifika permezz ta' aġenti konsulari jew diplomatiċi jew in-notifika ta' dokumenti ġudizzjarji b'mod dirett bil-posta.

## 9.2.3. Il-protezzjoni tal-interessi tal-konvenut

*9.2.3.1. Il-ftuħ tal-proċedimenti*

Meta dokument li bih jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jkun intbagħat lil Stat Membru ieħor għall-fini ta' notifika skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament u l-konvenut ma jkunx deher fil-proċedimenti, m'għandhiex tinqata' sentenza sakemm jiġi stabbilit li:

- id-dokument ikun ġie nnotifikat b'metodu stipulat mil-liġi interna tal-Istat Membru indirizzat għan-notifika ta' dokumenti f'kawżi domestiċi kontra persuni li jkunu jinsabu fit-territorju tiegħu; jew
- id-dokument effettivament ikun ġie nnotifikat lill-konvenut jew fir-residenza tiegħu permezz ta' metodu ieħor previst mir-Regolament

*9.2.3.2. Il-kundizzjonijiet biex tinqata' sentenza in absentia*

L-Istati Membri għandhom javżaw li l-qorti, minkejja r-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 9.2.3.1, tista' taqta' sentenza anke jekk ma jkun wasal l-ebda ċertifikat ta' notifika/konsenja, jekk ikunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- id-dokument ikun intbagħat permezz ta' wieħed mill-metodi previsti fir-Regolament;
- ikun skada perjodu ta' żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur, meqjus adegwat mill-qorti fil-kawża partikolari, mid-data ta' trażmissjoni tad-dokument; u
- ma jkun ġie riċevut l-ebda ċertifikat, minkejja l-fatt li jkun sar kull sforz raġonevoli possibbli biex jinkiseb permezz tal-awtoritajiet kompetenti jew il-korpi tal-Istat Membru indirizzat.

*9.2.3.3. Wara li tkun inqatgħet is-sentenza*

Meta dokument li bih jinfetħu proċedimenti ġudizzjarji jkun intbagħat skont ir-Regolament minn Stat Membru partikolari għal ieħor għan-notifika u tkun inqatgħet sentenza kontra konvenut li ma jkunx deher, il-qorti tista' teħles lill-konvenut mill-effetti tal-iskadenza taż-żmien għal appell jekk il-konvenut –

- mingħajr l-ebda nuqqas min-naħa tiegħu, ma kienx jaf bid-dokument biżżejjed minn qabel biex jiddefendi l-kawża, jew bis-sentenza biex jappellaha; u
- ikun żvela difiża prima facie dwar il-merti tal-kawża.

Applikazzjoni għal ħelsien bħal dan tista' tiġi sottomessa biss fi żmien raġonevoli wara li l-konvenut isir jaf bis-sentenza.




# Il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda

## 10.1. L-isfond tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda [171]

Fil-proċedimenti transfruntiera, b'rabta ma' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali pendenti quddiem qorti fi Stat Membru partikolari, spiss ikun essenzjali li jinġabru l-provi fi Stat Membru ieħor. Permezz tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda, l-UE ħolqot sistema madwar l-UE għat-trażmissjoni u l-eżekuzzjoni diretti u veloċi ta' talbiet ta' kumpilazzjoni bejn qrati u li tistabbilixxi kriterji preċiżi dwar il-forma u l-kontenut tat-talba. Ir-Regolament ilu japplika mill-1 ta' Jannar 2004 fl-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka. Rigward id-Danimarka, il-Konvenzjoni tal-Aja tat-18 ta' Marzu 1970 dwar il-kumpilazzjoni barra l-pajjiż f'materji ċivili jew kummerċjali hija applikabbli f'dak li jirrigwarda dawn il-materji bejn il-bqija tal-Istati Membri tal-UE u Stati terzi li jkunu partijiet għal din il-Konvenzjoni. Madankollu, s'issa mhux l-Istati Membri kollha rratifikaw jew aderixxu ruħhom għal din il-Konvenzjoni. [172]

## 10.2. Ir-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda

### 10.2.1. Kamp ta' applikazzjoni, għan u metodoloġija

Ir-Regolament jipprevedi l-kumpilazzjoni ta' xhieda fi Stat Membru ieħor meta din tkun neċessarja fi proċedimenti ċivili u kummerċjali. Dan il-kunċett għandu jiġi interpretat b'mod awtonomu, f'konformità mal-istrumenti l-oħrajn tal-UE fl-acquis tal-ġustizzja ċivili tal-UE. Il-qorti li quddiema jitressaq il-każ fi Stat Membru partikolari tista' tagħżel bejn żewġ mezzi ta' kumpilazzjoni ta' xhieda; tista' titlob lil qorti kompetenti ta' Stat Membru ieħor biex tagħmel il-kumpilazzjoni meħtieġa jew inkella tista' tagħmel il-kumpilazzjoni b'mod dirett fi Stat Membru ieħor. Ir-Regolament huwa msejjes fuq il-prinċipju tat-trażmissjoni dirett bejn il-qrati, li fih it-talbiet għall-kumpilazzjoni jintbagħtu direttament mill-"qorti rikjedenti" lill-"qorti rikjesta". Kull Stat Membru fassal lista tal-qrati kompetenti biex iwettqu l-kumpilazzjoni skont ir-Regolament. [173] Din il-lista tindika wkoll il-ġurisdizzjoni territorjali ta' dawk il-qrati. Barra minn hekk, kull Stat Membru għażel korp jew korpi ċentrali responsabbli għall-għoti ta' informazzjoni lill-qrati u biex ifittxu soluzzjonijiet għal kwalunkwe diffikultà li tinħoloq rigward talba.

### 10.2.2. Talbiet għall-kumpilazzjoni

Ir-Regolament jistabbilixxi kriterji preċiżi dwar il-forma u l-kontenut tat-talba u jistabbilixxi formoli speċifiċi fl-Anness sabiex tiġi sottomessa t-talba, tiġi kkonfermata l-wasla tagħha, tintalab informazzjoni ulterjuri dwarha u fl-aħħar tiġi eżegwitha. Il-qorti rikjesta għandha teżegwixxi t-talba għall-kumpilazzjoni malajr u mhux aktar tard minn 90 jum wara l-wasla. Meta dan ma jkunx possibbli, il-qorti rikjesta għandha tgħarraf lill-qorti rikjedenti kif xieraq u tagħti raġunijiet.

(171) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali; ara ĠU L 174 tas-27.6.2001 f' p. 1.

(172) Minn Ġunju 2014, l-Istati Membri kollha tal-UE huma parti għall-Konvenzjoni tal-Aja dwar l-Evidenza minbarra l-Awstrija, il-Belġju u l-Irlanda.

(173) Ara l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew minn http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/te_information_en.htm?countrySession=15&

### 10.2.3. Rifjut tal-eżekuzzjoni tat-talba

Talba biex tinstema' x-xhieda m'għandhiex tiġi eżegwita meta l-persuna kkonċernata tasserixxi d-dritt li ma tixhedx jew li mhux permessa tixhed, skont il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti rikjesta jew skont il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti rikjedenti, u dan id-dritt ġie speċifikat fit-talba, jew, f'każ ta' bżonn, fuq talba tal-qorti rikjesta, ġie kkonfermat mill-qorti rikjedenti. Inkella, talba għall-kumpilazzjoni tista' tiġi miċħuda biss fi ftit ċirkostanzi eċċezzjonali.

### 10.2.4. Il-preżenza tal-partijiet u l-qorti rikjedenti fil-kumpilazzjoni

Fit-talba tagħha għall-kumpilazzjoni, il-qorti rikjedenti trid tiddikjara jekk il-partijiet għall-proċedimenti u/jew ir-rappreżentanti tagħhom ikunux preżenti jew jintalbux jieħdu sehem. Il-qorti rikjesta għandha tgħarraf lill-partijiet u lil kwalunkwe rappreżentant dwar id-data, il-ħin u l-post għall-kumpilazzjoni u trid tqis jekk il-parteċipazzjoni attiva mfittxija tistax tiġi permessa u jekk iva taħt liema kundizzjonijiet. Huwa possibbli wkoll li r-rappreżentanti tal-qorti rikjedenti, inklużi l-membri tal-ġudikatura, jattendu għall-kumpilazzjoni, kif ukoll jieħdu sehem b'mod attiv, jekk dan tal-aħħar ikun kompatibbli mal-liġi interna tal-qorti rikjesta u skont il-kundizzjonijiet iddeterminati minn dik il-qorti.

### 10.2.5. L-eżekuzzjoni tat-talba

Il-qorti rikjesta għandha teżegwixxi t-talba skont il-liġi tal-Istat Membru tagħha. Il-kumpilazzjoni tista' ssir ukoll skont proċedura speċjali prevista mil-liġi tal-Istat Membru tal-qorti rikjedenti, jekk din tal-aħħar titlob din il-proċedura. Il-qorti rikjesta trid tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit ħlief jekk din il-proċedura ma tkunx kompatibbli mal-liġi tal-Istat Membru tagħha.

### 10.2.6. L-użu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni

Ir-Regolament jipprevedi li l-kumpilazzjoni tista' ssir bl-użu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni, u b'mod partikolari bl-użu tat-telekonferenza u l-vidjokonferenza. Għal darb'oħra, jekk jintalab hekk, il-qorti trid taqbel ħlief jekk dan ma jkunx kompatibbli mal-liġi interna tal-qorti rikjesta jew jekk ikun hemm diffikultajiet prattiċi kbar. Anke jekk ma jkun hemm l-ebda aċċess għall-mezzi tekniċi msemmija hawn fuq fil-qorti rikjedenti jew il-qorti rikjesta, dawn il-mezzi jistgħu ikunu disponibbli bi ftehim reċiproku.

### 10.2.7. Il-kumpilazzjoni diretta

Talba għall-kumpilazzjoni diretta trid tiġi sottomessa lill-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest u tista' tiġi miċħuda biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Il-kumpilazzjoni diretta tista' ssir biss meta dan ikun jista' jsir fuq bażi volontarja mingħajr il-ħtieġa ta' miżuri persważivi. Fi żmien 30 jum mill-wasla tat-talba, il-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest għandhom jgħarrfu lill-qorti rikjedenti jekk it-talba tkunx ġiet aċċettata u, jekk ikun hemm bżonn, taħt liema kundizzjonijiet skont il-liġi tal-Istat Membru tagħha għandha ssir it-talba. Il-kumpilazzjoni għandha ssir minn membru tal-persunal ġudizzjarju jew minn kwalunkwe persuna oħra bħal kummissarju jew espert li jkun inħatar skont il-liġi tal-Istat Membru tal-qorti rikjedenti.

### 10.2.8. L-ispejjeż tal-kumpilazzjoni

L-eżekuzzjoni tat-talba m'għandhiex tirriżulta f'talba għal xi rimborż ta' taxxi jew spejjeż. Minkejja dan, jekk il-qorti rikjesta teżiġi hekk, il-qorti rikjedenti għandha tiżgura r-rimborż, mingħajr dewmien, ta' ċerti spejjeż skont kif ġej:

- tariffi mħallsin lil esperti u interpreti, u
- l-ispejjeż li jirriżultaw mill-użu ta' xi proċedura speċjali għall-kumpilazzjoni mitluba mill-qorti rikjedenti (l-Artikolu 10 para 3 u 4).

Huwa biss meta tkun trid tinkiseb perizja li l-qorti rikjesta tista' tfittex il-ħlas ta' depożitu għall-ispejjeż ta' din ix-xhieda.

NB. Hija disponibbli gwida għall-prattika mill-NĠE dwar il-Kumpilazzjoni tax-Xhieda [174] kif ukoll gwida speċifika dwar il-vidjokonferenza [175].

(174) Ara-http://ec.europa.eu/civiljustice/publications/docs/guide_taking_evidence_mt.pdf

(175) Ara http://ec.europa.eu/civiljustice/publications/docs/guide_videoconferencing_mt.pdf




# L-għajnuna legali

# 11.1. Sfond

F'Ewropa mingħajr fruntieri, b'xorti ħażina jeżistu sitwazzjonijiet li fihom iċ-ċittadini u n-negozji tal-UE jistgħu jsibu ruħhom involuti f'tilwim quddiem Qorti ta' Stat Membru li ma jkunx dak li fih ikunu bbażati sabiex jirkupraw ħlasijiet dovuti jew jippruvaw isolvu permezz ta' litigazzjoni tilwima. It-tilwim transfruntier jista' jinvolvi u jaffettwa negozji żgħar jew individwi, li jista' jkollhom disponibbli biss mezzi limitati biex iħallsu għall-ispejjeż tal-litigazzjoni. Il-litigazzjoni b'mod ġenerali, u l-litigazzjoni transfruntiera mhijiex eċċezzjoni, tista' tiswa ħafna flus, b'mod speċjali meta jkunu involuti talbiet kbar. Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-litigazzjoni transfruntiera teħtieġ rappreżentazjoni legali fl-Istat Membru fejn tinstema' l-kawża, iżda anki parir legali minn avukat fl-Istat tal-oriġini tal-parti; barra minn hekk, il-litiganti transfruntiera jistgħu jidħlu fi spejjeż ulterjuri bħal spejjeż għat-traduzzjonijiet ta' dokumenti, l-attendenza għas-seduti ta' smigħ u spejjeż żejda oħra.

# 11.2. Id-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali (176)

## 11.2.1. Ħarsa ġenerali

Id-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali ġiet adottata mill-Kunsill f'Jannar tal-2003 bl-għan li jintelgħbu l-ostakli li kien hemm dak iż-żmien fir-rigward tal-aċċess għall-għajnuna legali. Id-direttiva tapplika għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni kif ukoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti legalment u abitwalment fi Stat Membru u b'dan għandhom dritt għall-għajnuna legali bl-istess mod għaċ-ċittadini ta' Stat Membru fejn tkun tinsab il-qorti. Għaldaqstant l-għan tad-Direttiva huwa t-titjib fl-aċċess għall-ġustizzja għal persuni fiżiċi fit-tilwimiet transfruntiera fi ħdan l-UE bl-istabbiliment ta' regoli komuni minimi dwar id-disponibilità ta' għajnuna legali għal-litiganti involuti f'dawn it-tilwimiet. Id-Direttiva tapplika fl-Istati Membri kollha tal-UE minbarra fid-Danimarka.

**Eżempju**

**Is-Sur A, ċittadin tal-UE bbażat fl-Istat Membru I, irċieva notifika li nfetħet kawża kontrih fl-Istat Membru 2 għall-ħlas ta' somma ta' madwar EUR 235 000 rigward it-telf, il-korriment u l-ħsara li allegatament ġew ikkawżati minn ibnu ta' 12-il sena waqt btala li għadda mal-familja tiegħu fl-Istat Membru 2. Is-Sur A għandu żewġt ibniet iżda ma għandu l-ebda tifel. Naturalment, is-Sur A jixtieq jiddefendi ruħu kontra l-kawża mressqa kontrih u wara li staqsa ġie infurmat li ditta tal-avukati fl-Istat Membru 2 kienet lesta tieħu ħsieb il-każ tiegħu, iżda kienet qed titlob ħlas minimu ta' EUR 8 000 li parti żgħira minnu biss setgħet tiġi rkuprata mill-persuna li fetħet il-kawża jekk din il-kawża tiġi miċħuda. Is-Sur A u l-familja tiegħu jgħixu bi dħul nett ta' EUR 1 850 fix-xahar. Huma mħassba minħabba l-ispejjeż tal-proċedimenti u ma jafux kif se jkunu jistgħu jħallsu l-ispejjeż tad-difiża tal-kawża u lanqas kif jikkuntattjaw lil avukat lokali fl-Istat Membru 2 li jkun jista' jgħinhom u jieħu ħiseb il-każ b'rata**

(176) Id-Direttiva tal-Kunsill 2002/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 sabiex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim bejn fruntiera u oħra billi tistabbilixxi regoli komuni minimi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għajnuna legali f'tilwim bħal dawn; ara ĠU L 26 tal-31.1.2003, p. 41.

**aktar favorevoli jew b'għajnuna legali. Qed iħabbtu wiċċhom ukoll mal-iskadenza għas-sottomissjoni tad-difiża peress li ż-żmien mogħti għal dan mill-Qorti fl-Istat Membru 2 daqt jiskadi.**

Dan l-eżempju tas-sitwazzjoni tas-Sur A juri t-tip ta' diffikultajiet u ostakli li ċ-ċittadini minn Stati Membri differenti involuti f'tilwim transfruntiera jiltaqgħu magħhom ta' spiss. Dan huwa minnu b'mod speċjali meta jkun meħtieġ li tiġi difiża kawża li tinfetaħ quddiem qorti ta' Stat Membru ieħor, peress li dan spiss jirrikjedi konsultazzjoni u rappreżentazzjoni legali f'żewġ Stati Membri bl-ispejjeż relatati. Mhux biss jista' jkun hemm ostakli minħabba l-lingwa li jeħtieġu traduzzjonijiet ta' dokumenti li jqumu l-flus, iżda jista' jkun hemm ukoll spejjeż anċillari bħal dawk għal perizji u l-attendenza ta' xhieda u l-ispiża meta parti jkollha tidher personalment quddiem il-qorti ta' Stat Membru ieħor. Fil-każ tas-Sur A, id-disponibilità tal-għajnuna legali fl-Istat Membru 2 tista' tgħinu jekk ikun jista' jsib avukat bl-għajnuna legali. Id-Direttiva tal-UE tagħti lis-Sur A l-istess dritt għal għajnuna legali f'dak l-Istat daqslikieku kien ibbażat hemmhekk.

### 11.2.2. Kamp ta' Applikazzjoni

Id-Direttiva tapplika għal każijiet ta' natura ċivili jew kummerċjali, fejn il-parti li tapplika għal għajnuna legali tkun domiċiljata jew tkun residenti abitwali fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru tal-qorti jew fejn id-deċiżjoni tkun trid tiġi eżegwita. Id-Direttiva tipprova tippromwovi l-applikazzjoni ta' għajnuna legali f'tilwim transfruntier għal-persuni li ma jkollhomx riżorsi biżżejjed meta tkun meħtieġa għajnuna biex jiġi żgurat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja. Barra minn hekk, id-Direttiva tinkludi dispożizzjonijiet imfassla biex jissimplifikaw u jħaffu t-trażmissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna legali bil-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri.

### 11.2.3. Id-dritt għal għajnuna legali

L-għajnuna legali għandha tingħata jew tiġi miċħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikunu qed jinstemgħu il-proċedimenti jew fejn tkun trid tiġi eżegwita d-deċiżjoni. L-għajnuna m'għandhiex tkopri biss il-proċedimenti quddiem qorti, iżda għandha tiġi estiża biex tkopri l-ispejjeż magħmula fl-eżekuzzjoni ta' sentenzi jew ta' strumenti awtentiċi fi Stat Membru ieħor, kif ukoll fil-proċeduri extra-ġudizzjarji, jekk il-partijiet ikunu meħtieġa jużawhom. L-għajnuna legali għandha tiggarantixxi l-assistenza u r-rappreżentazzjoni legali fil-qorti u l-ispejjeż tal-proċedimenti tar-riċevitur, kif ukoll l-ispejjeż marbutin b'mod dirett man-natura transfruntiera tat-tilwima, bħall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni tad-dokumenti meħtieġa jew l-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

### 11.2.4. L-applikazzjoni għall-għajnuna legali

L-Istat Membru tad-domiċilju jew residenza abitwali tal-benefiċjarju għandu jipprovdi dawn is-servizzi skont kif ikun meħtieġ għat-tħejjija tal-applikazzjoni għall-għajnuna legali u t-trażmissjoni tagħha lill-Istat fejn ikunu qed isiru jew se jsiru l-proċedimenti. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtoritajiet kompetenti biex jibagħtu (awtoritajiet mittenti) u jirċievu (awtoritajiet riċeventi) l-applikazzjoni għall-għajnuna legali. Biex tiġi ffaċilitata

t-trażmissjoni, ġew stabbiliti formoli standard għall-applikazzjonijiet għal għajnuna legali u għat-trażmissjoni ta' dawn l-applikazzjonijiet. [177]

(177) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2005 li tistabbilixxi formola għall-bgħit ta' applikazzjonijiet ta' għajnuna legali skont id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE; ĠU L 225 tal-31.8.2005 fil-p.23; il-formola hija disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Portal tal-Ġustizzja Elettronika fuq https://e-justice.europa.eu/dynform_intro_form_action.do?idTaxonomy=157&plang=mt&init=true&refresh=1 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2004 li tistabbilixxi formola għall-applikazzjonijiet għall-għajnuna legali taħt id-Direttiva tal-Kunsill 2003/8/KE sabiex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja f'tilwim bejn fruntiera u oħra billi tistabbilixxi regoli komuni minimi li għandhom x'jaqsmu ma' l-għajnuna legali f'tilwim bħal dawn; għall-formola ara wkoll is-sit elettroniku tal-Portal tal-Ġustizzja Elettronika tal-UE fuq https://e-justice.europa.eu/content_legal_aid_forms-157-mt.do.




# Il-Medjazzjoni

## 12.1. Soluzzjoni barra mill-qorti – metodi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea

Il-metodi tal-ADR huma proċeduri extra-ġudizzjarji użati għas-soluzzjoni ta' tilwim ċivili jew kummerċjali. Normalment dawn jinvolvu l-kollaborazzjoni ta' partijiet għal tilwima sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwima tagħhom bl-għajnuna ta' parti terza newtrali. L-ADRs huma meqjusa bħala element importanti fit-tentattiv biex jiġu pprovduti mekkaniżmi ta' soluzzjoni għat-tilwim ġusti u effiċjenti fil-livell tal-UE.

## 12.2. Il-Kodiċi tal-Kondotta Ewropew għall-Medjaturi

Il-Kummissjoni Ewropea ħadet l-inizjattiva biex tiżviluppa politika għall-ADR fl-UE billi l-ewwel għenet fil-promulgazzjoni ta' Kodiċi tal-Kondotta Ewropew għall-Medjaturi, li ġie adottat permezz ta' laqgħa ta' esperti tal-medjazzjoni fi Brussell f'Lulju 2004.[178] Il-Kodiċi jistipula numru ta' prinċipji li medjaturi individwali u organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni jistgħu jiddeċiedu li jieħdu impenn li jsegwuhom minn jeddhom, fuq responsabbiltà tagħhom stess. Huwa maħsub li jkun applikabbli għal kull tip ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali. Il-Kodiċi ġie segwit minn għadd kbir ta' medjaturi individwali u organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni, iżda ma jiħux post il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew ir-regoli li jirregolaw professjonijiet individwali nazzjonali.

(178) Ara http://ec.europa.eu/civiljustice/adr/adr_ec_code_conduct_mt.pdf

## 12.3. Id-Direttiva Ewropea dwar il-Medjazzjoni

### 12.3.1. L-isfond u l-għanijiet tad-Direttiva

Ftit wara l-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Kondotta, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal Direttiva dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali. Dan l-istrument ġie adottat fil-21 ta' Mejju 2008 u l-Istati Membri kellhom jittrasponuh fil-liġi nazzjonali qabel il-21 ta' Mejju 2011.[179] Id-Direttiva fit-termini tagħha ma kellhiex l-għan li toħloq Kodiċi Ewropew dwar il-Medjazzjoni. L-għan prinċipali kien li tistabbilixxi xi standards minimi rigward it-tifsira u l-kwalità tal-medjazzjoni kif ukoll li tiżgura li r-relazzjoni bejn il-proċedimenti ta' medjazzjoni u dawk ġudizzjarji tibqa' bbilanċjata. Dan seħħ fl-isfond tal-għan tal-promozzjoni tal-aċċess għall-ADR u tal-inkoraġġiment għall-użu ta' medjazzjoni fis-soluzzjoni bonarja ta' tilwim f'materji ċivili u kummerċjali.

### 12.3.2. Tilwim transfruntier – l-Artikolu 2

Id-Direttiva tapplika biss fir-rigward tal-medjazzjoni f'tilwim transfruntier. Għall-finijiet tad-Direttiva, tilwima bħal din hija waħda fejn mill-inqas parti waħda fit-tilwim tkun domiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru differenti minn kwalunkwe parti oħra. Dan għandu jiġi ddeterminat f'waħda mid-dati li ġejjin:

- Meta l-partijiet jaqblu li jkun hemm medjazzjoni
- Meta l-medjazzjoni tiġi ordnata minn qorti

(179) Mhux l-Istati Membri kollha kienu ttrasponew id-Direttiva sad-data meħtieġa.

- Meta l-partijiet jiġu obbligati skont il-liġi nazzjonali biex imorru għal medjazzjoni, jew
- Qorti tistieden lill-partijiet jużaw medjazzjoni biex isolvu tilwim li jkun is-suġġett tal-litigazzjoni

Sitwazzjoni oħra li hija karatterizzata bħala transfruntiera skont id-Direttiva hija meta l-partijiet ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim u wara l-medjazzjoni jkun hemm litigazzjoni jew arbitraġġ. Jekk il-proċedimenti tal-qorti jew tal-arbitraġġ jseħħu fi Stat Membru differenti minn dak li l-partijiet kienu domiċiljati jew residenti abitwalment fih fil-mument meta bdiet il-medjazzjoni, it-tilwima hija kkaratterizzata bħala transfruntiera fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jittrattaw il-kunfidenzjalità u perjodi ta' preskrizzjoni u limitazzjoni.

### 12.3.3. Kwalità tal-Medjazzjoni – l-Artikolu 4

Id-Direttiva teħtieġ li l-Istati Membri jħeġġu l-aderenza u l-iżvilupp ta' Kodiċijiet tal-Kondotta tal-medjaturi u l-organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni b'kull mezz li huma jqisu xieraq. Hemm ukoll appell ġenerali lill-Istati Membri biex iħeġġu mekkaniżmi oħrajn ta' kontroll tal-kwalità għall-forniment ta'medjazzjoni, kif ukoll it-taħriġ ta' medjaturi.

### 12.3.4. Rikors għal medjazzjoni – Artikolu 5

Id-Direttiva tistipula li l-qrati jistgħu jistiednu lill-partijiet li jidhru quddiemhom fil-litigazzjoni biex jużaw il-medjazzjoni ħalli jippruvaw isolvu t-tilwima jew jattendu sessjoni ta' informazzjoni. Dan ma jżommx lill-Istati Membri milli jagħmlu l-medjazzjoni obbligatorja jew soġġetta għal inċentivi jew sanzjonijiet, sakemm dan ma jimpedixxix ir-rikors għall-qrati.

### 12.3.5. L-eżekuzzjoni ta' ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni – l-Artikolu 6

Bħala dispożizzjoni importanti fid-Direttiva, dan l-artikolu jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li ftehim li jirriżulta minn medjazzjoni għandu, soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet limitati, ikun jista' jsir eżegwibbli fuq talba ta' parti, bil-kunsens tal-parti l-oħra. Dan jista' jsir pereżempju permezz ta' deċiżjoni tal-qorti jew b'mod ieħor disponibbli skont is-sistema ġudizzjarja tal-Istat Membru fejn issir it-talba għall-eżekuzzjoni, jiġifieri permezz ta' strument awtentiku stabbilit minn nutar. F'kull każ, il-ftehim li jirriżulta se jkun eżegwibbli skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istrumenti Ewropej li s-suġġett tiegħu jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Għalhekk, pereżempju, ftehim li jsolvi tilwim kuntrattwali transfruntier jkun eżegwibbli skont ir-Regolament "Brussell I" jew bħala EEO.

### 12.3.6. Kunfidenzjalità tal-medjazzjoni – l-Artikolu 7

Wieħed mill-vantaġġi tal-medjazzjoni huwa li hija kunfidenzjali fir-rigward tal-partijiet u fir-rigward tal-medjatur. Xi sistemi legali fl-Istati Membri jagħmlu provvediment għal dan; barra minn hekk hija prattika komuni ħafna li l-partijiet għal medjazzjoni jidħlu fi ftehim biex jagħmlu medjazzjoni fejn wieħed mit-termini tiegħu jkun li l-proċess għandu jibqa' kunfidenzjali. Id-Direttiva tuża din it-tema billi tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li la l-medjatur u lanqas kull min ikun involut fl-amministrazzjoni tal-medjazzjoni ma għandu jiġi mġiegħel jixhed fi proċedimenti sussegwenti tal-qorti jew arbitrali dwar xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-medjazzjoni sakemm il-partijiet ma jaqblux bejniethom jew sakemm ma jkunx hemm xi raġuni ta' ordni pubbliku imperattiva oħra, bħal pereżempju jekk ikunu jridu jiġu mħarsa l-aħjar interessi ta' minuri jekk tiġi żvelata xhieda bħal din.

### 12.3.7. Preskrizzjoni u limitazzjoni ta' azzjonijiet – l-Artikolu 8

Waħda mid-diffikultajiet possibbli dwar proċediment għal medjazzjoni huwa meta perjodu ta' preskrizzjoni jew limitazzjoni jkun ser jiskadi u dan x'aktarx iseħħ matul il-medjazzjoni. Normalment, il-medjazzjoni mhix inċidenza ta' interruzzjoni ta' preskrizzjoni skont il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri. Għalhekk, din id-dispożizzjoni teħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li jekk perjodu ta' preskrizzjoni jew limitazzjoni jiskadi matul medjazzjoni li tkun soġġetta għad-Direttiva, dan ma għandux ikollu l-konsegwenza skont il-liġi rilevanti li parti ma tkunx tista' tiftaħ aktar proċedimenti ġudizzjarji jew arbitrali. Din id-dispożizzjoni hija maħsuba wkoll biex tneħħi diżinċentiv legali possibbli sabiex wieħed jirrikorri għall-medjazzjoni.

### 12.3.8. Informazzjoni dwar il-medjazzjoni – l-Artikolu 9

Bil-għan li jxerrdu l-kelma dwar il-medjazzjoni, l-Istati Membri għandhom iħeġġu t-tixrid ta' informazzjoni dwar kif il-pubbliku jista' jikkuntattja medjaturi u organizzazzjonijiet ta' medjazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea għandha tirċievi u tippubblika mingħand l-Istati Membri informazzjoni dwar liema qrati jistgħu jrendu ftehimiet ta' medjazzjoni eżegwibbli kif previst fl-Artikolu 6. Din l-informazzjoni hija disponibbli fuq is-sit tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar materji ċivili. (180)

(180) Ara, pereżempju, l-informazzjoni dwar l-infurzar fid-distretti tal-liġi tar-Renju Unit fuq:
http://ec.europa.eu/justice_home/judicialatlascivil/html/me_competentauthorities_mt.jsp?countrySession=4#statePage0




# Eżekuzzjoni tas-Sentenzi

## 13.1. Sfond

Kif ġie indikat qabel [181], permezz ta' Brussell I riformulazzjoni, l-EEO, l-EOP u l-ESCP, kredituri b'talbiet għal ħlas jistgħu jiksbu ordni eżegwibbli fi Stat Membru wieħed biex jieħu l-ordni b'mod relattivament aktar sempliċi u irħis fi Stat Membru ieħor għall-eżekuzzjoni fejn ikunu meħtieġa ftit jew ebda passi addizzjonali ta' proċedura. Madankollu, l-eżekuzzjoni attwali tal-ordni tibqa' kwistjoni tal-liġi nazzjonali u l-proċeduri tal-eżekuzzjoni jvarjaw b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor.

Id-differenzi bejn sistemi legali nazzjonali jeżistu b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-ħruġ u l-implimentazzjoni ta' miżuri protettivi. Bħalissa, huwa aktar diffiċli, għali u jieħu iktar fit-tul biex kreditur jikseb miżuri provviżorji ħalli jippreserva l-assi tad-debitur tiegħu li jinsab fi Stat Membru ieħor. Din hija problema għaliex aċċess rapidu u faċli għal dawn il-miżuri provviżorji spiss huwa kruċjali biex jiġi żgurat li d-debitur ma neħħiex jew ma firixx l-assi tiegħu sakemm il-kreditur ikun kiseb u inforza sentenza fuq il-merti. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward ta' assi f'kontijiet bankarji. Bħalissa, id-debituri malajr jistgħu jevitaw miżuri ta' infurzar billi jċaqilqu malajr il-flejjes tagħhom minn kont bankarju fi Stat Membru wieħed għal kont fi Stat ieħor. Madankollu, kreditur ftit li xejn jista' jimblokka l-kontijiet bankarji tad-debitur barra l-pajjiż biex jiżgura l-ħlas tat-talba tiegħu. B'hekk, ħafna kredituri jew ma jistgħux jirkupraw b'suċċess it-talbiet tagħhom barra l-pajjiż jew ma jarawx għalfejn għandhom jagħmlu sforz u jħassruhom. Għal dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni Ewropea ħadet l-inizjattiva biex tagħmel proposta għal Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet biex ma jkunux jistgħu jitneħħew flus kontanti minn kontijiet il-bank bi ħsara għall-kredituri. Ir-Regolament li jirriżulta ġie adottat fil-15 ta' Mejju 2014 u se japplika mit-18 ta' Jannar 2017. [182]

(181) Paragrafu 3.5.

## 13.2. Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet ("EAPO")

### 13.2.1. Kamp ta' applikazzjoni territorjali

Ir-Regolament jorbot lill-Istati Membri tal-UE kollha minbarra d-Danimarka u r-Renju Unit li ddeċidew li ma jadottawhx [183]. Il-kredituri domiċiljati fi Stat Membru mhux marbut bir-Regolament jew fi Stati mhux tal-UE ma jistgħux jużaw din il-proċedura anke jekk il-qorti kompetenti jew il-kont jew kontijiet involuti jinsabu fi Stati Membri marbuta bir-Regolament [184]. L-Ordni tal-Preservazzjoni tista' topera biss kontra kontijiet bankarji miżmumin fi Stat Membru wieħed jew aktar marbutin bir-Regolament [185] għad li l-kontijiet ma għandhomx għalfejn ikunu ma' bank li huwa bbażat fl-UE diment li f'każ bħal dan jinżammu f'fergħa li tinsab fl-UE. [186] L-użu tal-Ordni tal-Preservazzjoni huwa limitat għal każijiet transfruntiera [187]. Każ transfruntier huwa wieħed li fih il-kont jew il-kontijiet bankarji li għandhom ikunu is-suġġett tal-ordni jinżammu fi Stat Membru differenti minn dak tal-qorti invokata għall-applikazzjoni għall-ordni jew l-Istat Membru li fih il-kreditur ikun domiċiljat.

(182) Regolament (UE) Nru 655/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transfruntiera tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali.

(183) Ara l-premessi (49) sa (51); skont il-Protokoll Nru 21 anness għat-TUE u t-TFUE, ir-Renju Unit għandu l-għażla li jsir parti mir-Regolament fil-ġejjieni.

(184) Ara l-Artikolu 4(6).

(185) Ara l-Artikoli 1(1) u 2(2).

(186) Ara l-Artikolu 2(2).

(187) Definiti fl-Artikolu 3.

**Eżempji ta' "każijiet transfruntiera":**

Eżempju 1 – Kreditur huwa ddomiċiljat fl-Istat Membru A li huwa marbut bir-Regolament; il-kreditur ikollu sentenza minn qorti f'dak l-Istat Membru għall-ħlas ta' EUR l00 000 kontra debitur li għandu kontijiet bankarji fi tliet Stati Membri oħra, B, Ċ u D li kollha huma marbutin bir-Regolament; il-kreditur jixtieq jieħu passi biex jiggarantixxi kull wieħed minn dawn il-kontijiet permezz tal-EAPO; kien ikollu jagħmel l-applikazzjoni għal EAPO f'qorti fl-Istat Membru A fejn inħarġet is-sentenza.

Eżempju 2 – Kreditur huwa ddomiċiljat fl-Istat Membru A u jixtieq jiftaħ kawża għall-ħlas ta' EUR 250 000 kontra debitur li huwa ddomiċiljat fl-Istat Membru B u biex jiżgura l-eżitu ta' dik l-azzjoni permezz ta' EAPO; id-debitur għandu kontijiet bankarji fl-Istati Membri B u Ċ. Il-kreditur ikollu japplika għal EAPO fil-qorti ta' Stat Membru li għandu ġurisdizzjoni fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Madankollu, ma setax japplika għal EAPO fl-Istat Membru B anke jekk il-qrati hemmhekk għandhom ġurisdizzjoni fuq is-sustanza għaliex il-kontijiet kollha soġġetti għall-ordni għandhom jinżammu fi Stat Membru differenti minn dak tal-qorti invokata bl-applikazzjoni tal-EAPO.

Eżempji ta' każijiet li mhumiex "transfruntiera":

Eżempju 3 – Kreditur huwa ddomiċiljat fl-Istat Membru A u għandu strument awtentiku mfassal fl-Istat Membru A li skont dan debitur iddomiċiljat wkoll f'dak l-Istat Membru huwa obbligat iħallas lura s-somma ta' EUR 150 000. Il-kreditur huwa konxju li d-debitur għandu kontijiet bankarji fl-Istat Membru A u B. Il-qorti kompetenti għall-ħruġ tal-EAPO tkun il-qorti tal-Istat Membru A fejn ikun inħareġ l-istrument awtentiku. Il-kreditur ma jistax japplika għal EAPO fir-rigward tal-kontijiet fl-Istat Membru A peress li l-applikazzjoni tista' tqiegħed il-każ barra mid-definizzjoni ta' każijiet transfruntiera. Madankollu, il-kreditur jista' japplika għal EAPO fir-rigward tal-kont miżmum fl-Istat Membru B.

Eżempju 4 – Kreditur huwa ddomiċiljat fl-Istat Membru A u ħa passi kontra debitur għal EUR 150 miljun f'dak l-Istat Membru rigward il-konsenja ta' ferroviji difettużi; il-kreditur huwa konxju li d-debitur għandu kontijiet f'diversi Stati Membri inkluż A, iżda mhuwiex ċert liema għandu l-iktar kreditu; il-kreditur jixtieq japplika għal EAPO fir-rigward tal-kontijiet kollha tad-debitur iżda jista' jagħmel dan biss fl-Istat Membru A; il-każ jaqa' barra mid-definizzjoni ta' "transfruntiera" peress li mhux il-kontijiet kollha huma miżmuma fi Stati Membri differenti minn dak li l-kreditur ikun iddomiċiljat fih jew dak tal-qorti li għandha ġurisdizzjoni biex tirċievi l-applikazzjoni. Sabiex jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, il-kreditur ikollu jeskludi l-kontijiet li jinsabu fl-Istat Membru A mill-applikazzjoni għal EAPO.

### 13.2.2. Kamp ta' applikazzjoni materjali u disponibbiltà

Il-proċedura tista' tintuża għal talbiet pekunjarji f'materji ċivili u kummerċjali. Hemm xi esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni li huma simili għal dawk fir-Regolament Brussell I. [188] Barra minn hekk, il-proċedura ma tistax tintuża biex tiżgura fondi għal kreditu ta' kontijiet miżmuma f'banek li

(188) Ara l-lista fl-Artikolu 2(2); materji ta' dħul, dwana u amministrattivi huma esklużi wkoll bħalma huma acta iure imperium.

fuqhom ma jistax isir sekwestru skont il-liġi nazzjonali rilevanti [189] u lanqas kontijiet miżmumin mill-banek ċentrali jew fejn il-banek ċentrali jaġixxu bħala awtoritajiet monetarji. [190] Il-proċedura tista' tintuża minn kreditur qabel jew wara li jinkiseb ordni. [191] Hija disponibbli wkoll biex jiġi eżegwit obbligu espress fi strument awtentiku jew li jinsab f'soluzzjoni bil-qorti. [192] Il-proċedura stabbilita mir-Regolament hija disponibbli għall-kredituri bħala alternattiva għall-proċeduri diġà disponibbli skont il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri. [193]

## 13.3. Ġurisdizzjoni

Il-qrati tal-Istat Membru fejn tinsab il-ġurisdizzjoni dwar is-sustanza għandhom ġurisdizzjoni biex joħorġu EAPO meta l-kreditur ikun għadu jrid jikseb sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku. [194] Hemm regoli speċjali għal debituri li huma konsumaturi fejn hija biss il-qorti tad-domiċilju tal-konsumatur li għandha ġurisdizzjoni kontra l-kreditur. [195] Wara li l-kreditur ikun kiseb sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku, il-qrati fl-Istat Membru fejn ingħataw is-sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku inkwistjoni għandu jkollhom ġurisdizzjoni. [196]

(189) L-Artikolu 2(3).
(190) L-Artikolu 2(4).
(191) Ara l-Artikolu 5.
(192) Ibid; ara wkoll id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4(9) u (10).
(193) Ara l-Artikolu 1(2).
(194) L-Artikolu 6(1).
(195) L-Artikolu 6(2).
(196) L-Artikolu 6(3).

## 13.4. Il-kisba ta' EAPO

### 13.4.1. In-natura tal-proċedura

Il-proċedura għall-kisba ta' EAPO hija ex parte sabiex jiġi żgurat li d-debitur ma jkunx imwissi rigward l-intenzjonijiet tal-kreditur qabel tingħata l-ordni u biex timpedixxi lid-debitur imwissi milli jneħħi l-fondi. L-ordni dejjem għandha tinħareġ minn qorti. Fil-prinċipju, il-qorti tipproċedi fuq il-bażi ta' xhieda bil-miktub mill-kreditur fl-applikazzjoni jew magħha. Jekk il-qorti teħtieġ provi ulterjuri mill-kreditur, dawn għandhom jiġu preżentati fl-għamla ta' dokument. Il-qorti tista' tagħmel seduta orali mal-kreditur, l-esperti jew ix-xhieda anke permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni. Meta toħroġ l-ordni, il-qorti hija marbuta b'ċerti limiti ta' żmien li huma speċifikati fir-Regolament.

### 13.4.2. Kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-kreditur

Fil-każijiet kollha, l-ordni jingħata biss meta l-kreditur ikun ippreżenta biżżejjed provi biex juri li t-talba tiegħu għandha bżonn protezzjoni ġudizzjarja urġenti. Il-kreditur għandu juri għas-sodifazzjon tal-qorti li hemm riskju reali li l-infurzar tat-talba tiegħu jkun imfixkel jew imxekkel jekk l-ordni ma jinħariġx. [197] Meta l-applikazzjoni ssir qabel ma l-kreditur ikun kiseb sentenza, dan għandu juri wkoll lill-qorti li probabbli jirnexxi dwar is-sustanza tal-kwistjoni. [198] Premessa tikkjarifika illi l-eżekuzzjoni tista' titwaqqaf jew ssir ħafna aktar diffiċli minħabba riskju reali li d-debitur seta' qassam, ħeba jew qered l-assi tiegħu, jew ħeles minnhom b'valur baxx b'mod stramb jew

(197) L-Artikolu 7(1).
(198) L-Artikolu 7(2).

permezz ta' miżuri mhux tas-soltu. Il-fatt li ċ-ċirkustanzi finanzjarji tad-debitur huma dgħajfa jew qed jeħżienu m'għandhomx fihom infushom jikkostitwixxu raġuni valida għall-ħruġ ta' Ordni. Madankollu, il-qorti tista' tqis dawn il-fatturi fl-evalwazzjoni globali tal-eżistenza tar-riskju.

### 13.4.3. L-għoti ta' garanzija

Il-qorti tista' teħtieġ li l-kreditur jipprovdi garanzija sabiex jiżgura li d-debitur jista' jiġi kkumpensat fi stadju aktar tard għal kwalunkwe dannu kkawżat lilu mill-Ordni tal-Preservazzjoni. Il-qorti għandu jkollha diskrezzjoni biex tiddetermina l-ammont ta' garanzija. Fin-nuqqas ta' evidenza speċifika dwar l-ammont tad-dannu potenzjali, il-qorti għandha tikkunsidra l-ammont li bih l-Ordni għandha tinħareġ bħala linja gwida għad-determinazzjoni tal-ammont tal-garanzija.

F'każijiet fejn il-kreditur jkun għadu ma kisibx sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku li jeħtieġ li d-debitur iħallas it-talba tal-kreditur, l-għoti ta' garanzija għandu jkun ir-regola. Madankollu, bħala eċċezzjoni, il-qorti tista' tneħħi dan ir-rekwiżit, jew teħtieġ l-għoti ta' garanzija f'ammont inqas jekk tqis li din il-garanzija ma tkunx xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ, pereżempju, jekk il-kreditur ikollu każ partikolarment b'saħħtu imma ma jkollux biżżejjed mezzi biex jipprovdi garanzija [199].

Fil-każijiet li fihom il-kreditur diġà jkun kiseb sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku, l-għoti ta' garanzija għandu jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti. L-għoti ta' garanzija jista', pereżempju, ikun xieraq fejn is-sentenza li fuqha l-EAPO tkun ibbażata tkun għadha mhix eżegwibbli jew tkun eżegwibbli biss proviżorjament minħabba appell pendenti.

### 13.4.4. Proċedura u limiti ta' żmien

L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa permezz ta' formola li se titfassal mill-Kummissjoni. [200] Ma hemmx bżonn li l-kreditur jagħti dettalji preċiżi dwar il-kont jew kontijiet li għandhom jiġu ppreservati bħan-numru jew in-numri tal-kont. Huwa biżżejjed għall-kreditur li jindika l-bank jew banek fejn qiegħed il-kont jew kontijiet. L-applikazzjoni u kull dokument ta' sostenn jistgħu jiġu sottomessi elettronikament jekk jippermettu r-regoli proċedurali tal-Istat Membru fejn ġiet preżentata. [201] Skont iċ-ċirkostanzi, japplikaw limiti ta' żmien differenti għal deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal EAPO. Fejn il-kreditur għadu ma kisibx titolu eżekuttiva il-qorti tagħti deċiżjoni wara li jkun għadda l-għaxar jum ta' xogħol mill-preżentata tal-applikazzjoni. Fejn il-kreditur għandu titolu eżekuttiv id-deċiżjoni trid tingħata wara li jkun għadda l-ħames jum ta' xogħol wara l-preżentata tal-applikazzjoni. Meta tinżamm seduta orali id-deċiżjoni trid tingħata fi żmien ħamest ijiem mid-data tas-smigħ, u japplikaw limiti ta' żmien simili għad-deċiżjoni dwar jekk il-kreditur għandux isib garanzija. Jekk il-kreditur huwa obbligat jagħmel dan, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-EAPO għandha tinħareġ malli l-kreditur ikun ipprovda l-garanzija ordnata.

(199) Għal aktar eżempji ara l-Premessa 18.

(200) Ara l-Artikoli 8(1), 51 u 52.

(201) Ara l-Artikolu 8(4).

### 13.4.5. Aċċess għal informazzjoni dwar kontijiet bankarji

Kif stipulat hawn fuq, il-kreditur m'għandux bżonn ikollu n-numru tal-kontijiet tad-debitur tiegħu imma l-ismijiet u l-indirizzi tal-banek rilevanti huma biżżejjed. Jekk il-kreditur ma jkunx jaf ma' liema bank ikollu kont id-debitur f'ċertu Stat Membru, jista' juża proċedura speċifika biex jikseb informazzjoni dwar il-kont jew kontijiet tad-debitur billi jagħmel applikazzjoni f'dan ir-rigward lill-qorti li l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata quddiemha. [202] Normalment din il-proċedura biex tinkiseb informazzjoni dwar il-kont tista' tintuża biss jekk il-kreditur ikun kiseb titolu eżegwibbli, jew sentenza, soluzzjoni bil-qorti jew strument awtentiku li jeħtieġu li d-debitur iħallas it-talba tal-kreditur. Jekk ma jkollux titolu eżegwibbli, jista' japplika għall-kisba ta' informazzjoni dwar il-kont biss jekk l-ammont li għandu jiġi ppreservat huwa sostanzjali u l-kreditur jista' juri li hemm bżonn urġenti għal dik l-informazzjoni minħabba li hemm riskju li, mingħajr din l-informazzjoni, il-pożizzjoni tiegħu tista' tkun fil-perikolu u li konsegwentement dan jista' iwassal għal deterjorazzjoni sostanzjali tas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Sabiex jiġu evitati investigazzjonijiet esploratorji, il-kreditur għandu juri għaliex jemmen li d-debitur għandu kontijiet fi Stat Membru partikolari.

## 13.5. X'jiġri ladarba tingħata l-EAPO

Il-proċedura tal-EAPO fiha numru ta' karatteristiċi innovattivi. Apparti n-natura ex parte tal-proċedura ta' applikazzjoni oriġinali, l-infurzar tal-ordni għandu jsir mingħajr dewmien u bl-akbar effiċjenza.Il-proċedura hija l-ewwel waħda li biha l-UE tipprovdi direttament għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi u, għalhekk, il-karatteristiċi ewlenin tal-EAPO huma ta' importanza konsiderevoli.

(202) L-Artikolu 14.

### 13.5.1. Il-forma tal-ordni

L-EAPO għandha tinħareġ f'forma standard stabbilita li għandha tkun maqsuma f'żewġ partijiet u jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fir-Regolament. Il-fondi jibqgħu ppreservati sakemm l-ordni tkun fis-seħħ u soġġetta għal kwalunkwe modifika, limitazzjoni, revoka, terminazzjoni tal-ordni jew infurzar tar-responsabbiltà li ngħatat għalihom. [203] L-ordni għandha tkun eżegwita mingħajr dewmien skont ir-regoli applikabbli għall-ordnijiet ekwivalenti fl-Istat Membru kkonċernat. [204] Ma hemm bżonn tal-ebda dikjarazzjoni ta' infurzabbiltà. [205]

### 13.5.2. Trażmissjoni lill-bank

L-ordni għandha tintbagħat lill-bank jew banek ikkonċernati flimkien ma' formola vojta ta' dikjarazzjoni li għandha timtela mill-banek. Il-proċedura ta' trażmissjoni tiddependi fuq jekk l-ordni għandhiex tiġi eżegwita fl-istess Stat Membru tal-qorti li ħarġitu jew fi Stat Membru ieħor. Fl-ewwel każ it-trażmissjoni ssir skont il-liġi proċedurali tal-Istat Membru kkonċernat. Fl-aħħar każ l-ordni għandhu jintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' infurzar, jekk ikun hemm bżonn akkumpanjat minn traduzzjoni f'lingwa uffiċjali xierqa ta' dak l-Istat. [206]

(203) L-Artikolu 20.
(204) L-Artikolu 23(1) u (2).
(205) L-Artikolu 22.
(206) L-Artikolu 23(3).

### 13.5.3. Rispons tal-bank

Kwalunkwe bank li jkollu EAPO indirizzata lilu għandu jimplimentaha mingħajr dewmien. Il-bank għandu jżomm l-ammont speċifikat fl-ordni billi jiżgura li dan ma jiġix ittrasferit jew irtirat ħlief lejn kont ta' preservazzjoni speċjali. [207] Fi żmien tlett ijiem wara l-implimentazzjoni tal-ordni, il-bank jibgħat id-dikjarazzjoni tal-preservazzjoni tal-fondi lill-kreditur jew, meta l-ordni nħareġ fi Stat Membru differenti minn dak tal-eżekuzzjoni, lill-awtorità kompetenti [208] fl-Istat Membru rilevanti li mbagħad jibgħatha lill-kreditur. [209]

### 13.5.4. Notifika lid-debitur [210]

L-ordni mbagħad jiġi notifikat lid-debitur flimkien mad-dikjarazzjoni, l-applikazzjoni u d-dokumenti ta' akkumpanjament mill-kreditur jew mill-awtorità kompetenti tal-Istat tal-eżekuzzjoni. [211] Meta d-debitur ikun iddomiċiljat fl-istess Stat Membru bħal dak fejn inħareġ l-ordni, in-notifika ssir skont il-liġi ta' dak l-Istat. Meta d-debitur ikun iddomiċiljat fi Stat Membru differenti minn dak fejn inħareġ l-ordni, in-notifika ssir fi żmien tlett ijiem tax-xogħol wara l-wasla tad-dikjarazzjoni mill-bank. Id-dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati jintbagħtu lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru tad-domiċilju tad-debitur u mbagħad dik l-awtorità tinnotifikahom lid-debitur skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Meta d-debitur ikun iddomiċiljat fi Stat terz, id-dokumenti jiġu nnotifikati skont ir-regoli dwar in-notifiki internazzjonali applikabbli fl-Istat Membru fejn inħareġ l-ordni.

(207) L-Artikolu 24; dan l-Artikolu fih dispożizzjonijiet varji dwar l-implimentazzjoni tal-ordni li għandha tiġi studjata bir-reqqa.

(208) Għad-definizzjoni ta' "awtorità kompetenti" ara l-Artikolu 4(14).

(209) L-Artikolu 25.

(210) L-Artikolu 28.

(211) L-Artikolu 28(1).

## 13.6. Rimedji u dispożizzjonijiet oħrajn għall-ħarsien tal-interessi tad-debitur

Peress li l-EAPO tinħareġ mingħajr ma jinstema' id-debitur, ir-Regolament jagħti lid-debitur diversi rimedji kontra l-Ordni tal-Preservazzjoni innifsu jew l-eżekuzzjoni tiegħu [212]. Minbarra l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-ordni u r-responsabbiltà tal-kreditur għal kwalunkwe ksur tagħhom, ir-rimedji disponibbli għad-debitur huma element ewlieni fir-Regolament biex jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tal-kreditur u dawk tad-debitur. Id-debitur jista' jitlob reviżjoni tal-Ordni tal-Preservazzjoni b'mod partikolari jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ stipulati fir-Regolament ma kinux sodisfatti, pereżempju minħabba li l-qorti mittenti ma kellhiex ġurisdizzjoni jew minħabba li t-talba tal-kreditur ma kinitx teżisti jew kienet teżisti biss f'ammont inqas, jew għaliex it-talba tal-kreditur ma kellhiex ħtieġa urġenti ta' protezzjoni fil-forma ta' EAPO [213].

Id-debitur jista' jitlob reviżjoni wkoll jekk iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ħruġ tal-ordni nbidlu b'tali mod li l-ordni ma tibqax iġġustifikata, eż minħabba li t-talba tkun tħallset sadanittant.

Hemm ukoll rimedju jekk l-Ordni ma jkunx ġie nnotifikat kif xieraq lid-debitur jew jekk id-dokumenti ma jkunux ġew tradotti f'lingwa li jifhem jew fil-lingwa

(212) L-Artikoli 33 -39.

(213) Aktar eżempji huma stipulati fil-Premessa 12.

tal-Istat Membru fejn jgħix u dawn id-difetti fin-notifika ma jkunux ġew solvuti matul perjodu ta' żmien speċifikat.

Il-Kummissjoni għandha tfassal formola biex tintuża bħala applikazzjoni għad-diversi rimedji. [214] Jista' jsir appell kontra kwalunkwe deċiżjoni fir-rigward tar-rimedji pprovduti fir-Regolament. [215] Id-debitur jista' japplika wkoll għar-rilaxx tal-fondi diment li jipprovdi lill-qorti li ħarġet l-ordni, titolu jew garanzija suffiċjenti skont il-liġi nazzjonali tal-qorti. [216]

Ir-Regolament fih ukoll għadd ta' dispożizzjonijiet addizzjonali li jipproteġu l-interessi tad-debitur. Għalhekk, ċerti ammonti jistgħu jiġu esklużi mill-implimentazzjoni tal-ordni meta dawn ikunu eżentati mis-sekwestru skont il-liġi tal-Istat Membru ta' infurzar jekk fuq it-talba tad-debitur jew le skont dik il-liġi; dawn se jinkludu ammonti meħtieġa għall-manteniment tad-debitur u dawk li jiddependu fuqu. [217] Barra minn hekk, il-kreditur huwa responsabbli għal kwalunkwe dannu kkaġunat lid-debitur mill-Ordni tal-Preservazzjoni minħabba nuqqas min-naħa tiegħu; in-nuqqas huwa preżunt f'ċerti sitwazzjonijiet [218]. Fl-aħħar nett, il-kreditur huwa marbut li jitlob ir-rilaxx ta' fondi li jaqbżu l-ammont speċifikat fl-Ordni meta diversi kontijiet ikunu ġew ippreservati minn EAPO jew minn ordni nazzjonali ekwivalenti. [219]

(214) Ara l-Artikoli 36, 51 u 52.

(215) L-Artikolu 37.

(216) L-Artikolu 38.

(217) L-Artikolu 3.

(218) Ara l-Artikolu 13.

(219) L-Artikolu 27.



# Faċilitar tal-Kooperazzjoni Ġudizzjarja u Aċċess għall-Informazzjoni fil-prattika

## 14.1. In-netwerk ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali

### 14.1.1. It-twaqqif u l-kostituzzjoni tan-Netwerk

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew dwar materji ċivili u kummerċjali (NĠE-ċivili) twaqqaf mill-Kunsill skont id-Deċiżjoni tat-28 ta' Mejju 2001 (220) fejn jorbot lill-Istati Membri kollha minbarra d-Danimarka u beda jopera fl-1 ta' Diċembru 2002. L-NĠE-ċivili huwa rispons konkret u prattiku biex jissimplifika l-kooperazzjoni ġudizzjarja għall-benefiċċju taċ-ċittadini li jirriżulta f'aċċess transfruntier imtejjeb għall-ġustizzja. In-Netwerk għandu struttura flessibbli, mhux burokratika u jopera b'mod informali bil-għan li jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri billi jappoġġja l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Ġustizzja Ċivili Ewropea u l-Konvenzjonijiet internazzjonali li l-Istati Membri huma parti minnhom u billi jipprovdi informazzjoni lill-pubbliku biex jiffaċilita l-aċċess tagħhom għas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali. Huwa jipprovdi appoġġ għall-Awtoritajiet Ċentrali u jintuża minnhom kif stipulat fl-istrumenti speċifiċi relatati, u jiffaċilita r-relazzjonijiet ta' bejn il-qrati differenti u fi ħdan il-professjonijiet legali.

L-idea wara l-ħolqien tan-NĠE hija li l-istabbiliment gradwali ta' żona ġenwina ta' ġustizzja fl-Ewropa tinvolvi l-ħtieġa li titjieb, tiġi ssimplifikata u titħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva bejn l-Istati Membri f'materji ċivili u kummerċjali. In-Netwerk jirrappreżenta wkoll reazzjoni oriġinali u prattika għall-objettivi għall-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja stabbiliti mill-Kunsill Ewropew ta' Tampere (il-Finlandja) fl-1999 u mtennija fil-Kunsilli fl-Aja fl-2004 u Stokkolma fl-2009. Il-Kunsill Ewropew tas-26 u s-27 ta' Ġunju 2014 emfasizza l-bżonn għal aktar miżuri biex jiffaċilitaw l-attivitajiet transfruntiera u l-kooperazzjoni operattiva. Għalhekk, in-NĠE jipprovdi aċċess siewi għall-ġustizzja għal persuni involuti f'tilwim transfruntier jew proċedimenti ġudizzjarji mhux kontenzjużi.

### 14.1.2. Dettalji tas-sħubija u l-operat tal-NĠE

Is-sħubija fin-Netwerk tikkonsisti f'punt ta' kuntatt jew aktar magħżulin minn kull wieħed mill-Istati Membri involuti flimkien mal-korpi differenti u l-awtoritajiet ċentrali speċifikati fl-istrumenti tal-Ġustizzja Ċivili tal-UE u f'konvenzjonijiet internazzjonali u strumenti oħrajn li l-Istati Membri huma parti tagħhom. Il-punti ta' kuntatt għandhom rwol fundamentali fin-Netwerk. Huma disponibbli għal punti ta' kuntatt oħrajn u għall-awtoritajiet ġudizzjarji lokali fl-Istat Membru tagħhom li jgħinuhom isolvu materji transfruntiera li jaffaċċjaw u jipprovdulhom informazzjoni kompluta u aġġornata dwar il-liġi tal-Istati Membri l-oħrajn li japplikaw skont l-istrumenti tal-Unjoni jew dawk internazzjonali. Huma wkoll għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet previsti fi strumenti Komunitarji jew internazzjonali relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali. Il-punti ta' kuntatt jgħinu lil dawn l-awtoritajiet bil-modi kollha prattikabbli. Barra minn hekk, jikkomunikaw regolarment mal-punti ta' kuntatt ta' Stati Membri oħrajn.

(220) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali; ara ĠU L 174 tas-27.6.2001 f'p. 25. Id-Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 temmet il-bażi legali tagħha billi mmodernizzatha u integrat il-professjonijiet legali fin-Netwerk. Bħalissa l-Kummissjoni qed tħejji rapport dwar l-attivitajiet tan-NĠE-ċivili li għandu jiġi ppubblikat qabel tmiem l-2014.

Mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni [221] li temenda l-istrument oriġinali li jwaqqaf in-Netwerk is-sħubija ġiet estiża lil hinn minn awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi oħrajn responsabbli għall-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali li s-sħubija tagħhom hija meqjusa utli mill-Istat Membru kif ukoll il-Maġistrati ta' kollegament b'responsabbiltajiet għal kooperazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali biex jinkludi l-assoċjazzjonijiet tal-professjonisti legali.

In-NĠE-ċivili għandu aktar minn ħames mitt membru u bħalissa ntgħażlu mitt punt ta' kuntatt mill-Istati Membri. In-NĠE jorganizza sitt laqgħat fis-sena. In-NĠE stabbilixxa skedi informattivi li jagħtu informazzjoni liċ-ċittadini f'aktar minn għoxrin qasam legali differenti u dawn huma disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Disa' Gwidi għaċ-ċittadini li jagħtu informazzjoni u Prattika Tajba għall-professjonisti fir-rigward ta' għadd ta' strumenti tal-UE fl-acquis tal-Ġustizzja Ċivili ġew ippubblikati u jiġu aġġornati b'mod regolari.

Każijiet konkreti huma diskussi regolarment fil-laqgħat bilaterali kunfidenzjali tan-NĠE bejn l-Istati Membri mmirati biex isolvu dawn il-każijiet fil-qasam tal-liġi tal-familja dwar l-obbligi tal-manteniment, is-sekwestru tal-minuri u d-drittijiet ta' aċċess jew kustodja tal-minuri. Is-Segretarjat tan-NĠE huwa pprovdut mill-Kummissjoni Ewropea li torganizza u tippresjedi wkoll il-laqgħat tan-Netwerk.

In-NĠE-ċivili jiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali permezz ta' interazzjoni bejn punti ta' kuntatt nazzjonali tan-NĠE u huwa l-aktar għodda importanti disponibbli f'dan il-qasam. In-NĠE huwa partikolarment importanti biex isolvi diffikultajiet prattiċi f'każijiet konkreti li jinvolvu proċedimenti ġudizzjarji transfruntiera. Barra minn hekk, in-Netwerk jipprovdi forum siewi għall-evalwazzjoni ta' strumenti tal-UE fl-acquis tal-ġustizzja ċivili fuq il-bażi tal-qsim ta' esperjenza bejn il-punti ta' kuntatt u membri oħrajn. Huwa wkoll mezz importanti ta' komunikazzjoni u kuntatt bejn l-awtoritajiet ċentrali involuti b'mod partikolari mal-istrumenti tal-Liġi tal-Familja tal-UE bħar-Regolament Brussell IIa u r-Regolamenti dwar il-Manteniment.

Għadd dejjem jikber ta' strumenti leġiżlattivi tal-UE f'materji ċivili u kummerċjali jagħmlu referenza espliċita għall-użu tan-Netwerk biex jappoġġjaw l-implimentazzjoni tagħhom u n-Netwerk għandu rwol sinifikanti fl-għoti ta' informazzjoni dwar il-liġi nazzjonali f'oqsma legali differenti. Kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall-2020 [222], in-Netwerk għandu funzjoni fundamentali f'dak li jirrigwarda l-konsolidazzjoni tal-istrumenti disponibbli tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja ċivili.

(221) Deċiżjoni Nru 568/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali; ara ĠU L 168 tat-30.6.2009 fil-p. 35.

(222) (COM(2014)144.

### 14.1.3. Żvilupp riċenti tan-NĠE

L-isfidi ewlenin għan-NĠE skont il-qafas legali rivedut [(223)] kien biex jintegraw mill-2011 l-isħubija l-ġdida ta' professjonisti legali għall-attivitajiet tan-Netwerk. Id- Deċiżjoni l-ġdida kellha l-għan li tintroduċi kundizzjonijiet operattivi aħjar għan-Netwerk fl-Istati Membri permezz tal-punti ta' kuntatt nazzjonali u biex isaħħaħ ir-rwoli tagħhom kemm fin-Netwerk kif ukoll f'relazzjoni mal-imħallfin u l-professjonijiet legali. Minbarra l-estensjoni tas-sħubija mal-assoċjazzjonijiet professjonali, li jirrappreżentaw ġuristi fil-livell nazzjonali li huma direttament involuti fl-applikazzjoni ta' strumenti tal-UE u internazzjonali usa' rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali, l-iżvilupp futur tan-NĠE għandu jkollu l-għan li jiżgura li l-punti ta' kuntatt se jkollhom kuntatti adattati ma' dawn il-korpi professjonali.

B'mod partikolari, dawk l-interazzjonijiet jistgħu jinkludu l-għoti ta' soluzzjonijiet għal każijiet konkreti, skambji ta' esperjenza u informazzjoni rigward l-applikazzjoni effettiva u prattika tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjonijiet, kollaborazzjoni fit-tħejjija u l-aġġornament tal-iskedi informattivi disponibbli fuq is-sit elettroniku tan-NĠE u l-parteċipazzjoni fil-laqgħat rilevanti tan-NĠE (jiġifieri l-laqgħa annwali tal-membri tan-NĠE). Fil-qasam tal-Liġi tal-Familja, in-NĠE wera li huwa ta' benefiċċju fejn, minbarra l-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat bilaterali u plenarja tan-NĠE, l-Istati Membri stabbilixxew, skont ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, awtoritajiet ċentrali biex jassistu direttament fil-kooperazzjoni ġudizzjarja transfruntiera f'dawn il-kwistjonijiet diffiċli ħafna u ta' spiss sensittivi ħafna.

(223) Mill-1 ta' Jannar 2011.

## 14.2. Id-Disponibbiltà tal-Informazzjoni fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika

Wieħed mill-kompiti ewlenin tan-NĠE kien l-istabbiliment ta' sit elettroniku li jkun fih informazzjoni dwar l-istrumenti legali Ewropej u internazzjonali u dwar il-liġi nazzjonali u l-proċeduri tal-Istati Membri. Hawnhekk il-punti ta' kuntatt tan-NĠE jaħdmu ferm mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea. L-għan kien ukoll li jimplimenta u jaġġorna, pass pass, sistema ta' informazzjoni maħsuba għall-pubbliku sabiex tiffaċilita l-aċċess tagħhom għas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali, b'mod partikolari permezz tas-sit elettroniku, li fil-biċċa l-kbira tiegħu issa jinsab taħt il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Għal dak il-għan, in-NĠE zviluppa skedi informattivi dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-proċedura relatata mal-istrumenti ġuridiċi tal-Unjoni. Dawn l-iskedi informattivi mfassla fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE huma disponibbli fuq il-paġni tan-NĠE fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika: https://e-justice.europa.eu/content_ejn_in_civil_and_commercial_matters-21-mt.do

Is-sit tan-NĠE fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika fih ukoll informazzjoni dwar l-istrumenti kollha tal-Ġustizzja Ċivili tal-UE u l-proċeduri differenti tal-UE. Hemm taqsima speċjali dedikata għall-formoli.

Barra minn hekk, in-NĠE kien strumentali fil-ħidma mal-Kummissjoni Ewropea biex tħejji u żżomm aġġornat l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar materji ċivili. Dan huwa disponibbli wkoll onlajn u fih informazzjoni siewja u ferm dettaljata dwar is-sistemi ġudizzjarji fl-Istati Membri individwali. Bl-użu tal-atlas ġudizzjarju li huwa pubbliku, jeżisti potenzjal biex tiġi aċċessata informazzjoni dwar aspetti differenti ta' kull sistema legali bħall-qrati kompetenti tal-Istati Membri għall-proċeduri nazzjonali u Ewropej

differenti, dettalji ta' uffiċjali tal-infurzar u tal-professjonisti legali. Fuq dan is-sit hemm ukoll formoli għal ħafna mill-proċeduri Ewropej bħall-Ordni ta' Ħlas u t-Talbiet Żgħar.

Wara l-"migrazzjoni" tal-Atlas Ġudizzjarju, il-materjali jista' jiġi aċċessat mill-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika. Din hija l-ħolqa għall-Atlas Ġudizzjarju –

https://e-justice.europa.eu/content_european_judicial_atlas_in_civil_matters-88-mt.do?init=true

Flimkien mal-iżvilupp tal-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika nsibu l-proġett E-Codex fejn timijiet fi Stati Membri differenti qed jaqsmu l-esperjenza tagħhom fl-iżvilupp ta' tekniki għall-ipproċessar onlajn ta' diversi proċeduri. L-ewwel proġett ta' din ix-xorti huwa maħsub biex jistabbilixxi proċedura onlajn għall-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar.

Dawn is-siti huma bbażati fuq is-sit tal-Ġustizzja tal-Kummissjoni Ewropea fejn tista' tinkiseb informazzjoni dwar il-politiki u l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-Ġustizzja Ċivili. Dan is-sit jippermetti wkoll aċċess għas-siti l-oħrajn msemmija permezz tal-hyper links. Din hija l-ħolqa għas-sit innifsu – http://ec.europa.eu/justice/civil/index_mt.htm

Permezz tan-NĠE hemm ippubblikati wkoll diversi Gwidi Prattiċi u informazzjoni miktuba oħra dwar l-inizjattivi tal-Ġustizzja Ċivili tal-Unjoni Ewropea u ħafna minn dawn huma wkoll disponibbli onlajn fuq – http://ec.europa.eu/justice/civil/document/index_en.htm

# LISTA TAL-ISTRUMENTI MSEMMIJA F'DIN IL-GWIDA

*Titlu tal-Istrument . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .Paragrafu*


*REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (Brussell I) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 1.5 u 2*

*REGOLAMENT (UE) Nru 1215/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ("Brussell I riformulazzjoni"). . . . . . . . . . . 2.2*

*REGOLAMENT (UE) Nru 542/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-15 ta' Mejju 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 fir-rigward tar-regoli li għandhom jiġu applikati fir-rigward tal-Qorti Unifikata tal-Privattivi u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Benelux . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 2.2.1 u 2.2.8*

*IR-REGOLAMENT (KE) Nru 805/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-21 ta' April 2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet mhux kontestati . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 3.2*

*REGOLAMENT (KE) NRU 1896/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-12 ta' Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea . . . . 3.3*

*REGOLAMENT (KE) Nru 861/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-11 ta' Lulju 2007 li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar . . . . . 3.4*

*REGOLAMENT (UE) Nru 655/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbixxi proċedura ta' Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru transfruntier tad-dejn f'materji ċivili u kummerċjali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .3.5 u 13*

*IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' falliment. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 4*

*REGOLAMENT (KE) NRU 593/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.2*

*REGOLAMENT (KE) Nru 864/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II"). . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5.3*

*IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u materji ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 (Brussell IIa) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 6.1*

*REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1259/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-liġi applikabbli għad-divorzju u għas-separazzjoni legali (Ruma III) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 6.2*

*REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment . . . . . . . . . . . . . . . . . 7*

*REGOLAMENT (UE) Nru 650/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjoni . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 8*

*REGOLAMENT (KE) Nru 1393/2007 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000 . . . . . . . . . . 9*

*IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .10*

*ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2002/8/KE tas-27 ta' Jannar 2003 biex ittejjeb l-aċċess għal ġustizzja f'tilwimiet bejn il-konfini billi tistabbilixxi regoli komuni minimi konnessi ma' għajnuna legali għal tilwimiet bħal dawn. . . . . . . . . . . . . . . .11.2*

*DIRETTIVA 2008/52/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-21 ta' Mejju 2008 dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .12.3*

*ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL Nru 2001/470/KE tat-28 ta' Mejju 2001 li tistabbilixxi Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali . . . . .14.1*

*DEĊIŻJONI Nru 568/2009/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-18 ta' Ġunju 2009 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali . . . . . . . . . . . . . . . . . .14.1*

Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà: Ma hemm xejn f'din il-Gwida li għandu jitqies li jieħu post jew jissostitwixxi referenza diretta għall-istrumenti deskritti u ma hija aċċettata ebda responsabbiltà għal kwalunkwe żball jew dikjarazzjoni fil-Gwida li jwasslu għal xi telf jew ħsara minn kwalunkwe utent tal-Gwida.

*Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet*
*għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.*

**Numru tat-telefon bla ħlas** (*):

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

© Kopertina, p. 4, p. 10, p. 24, p. 30, p. 36, p. 50, p. 62, p. 70, p. 84, p. 90, p. 94, p. 98, p. 102, p. 110: © Thinkstock

ISBN 978-92-79-39710-3
doi:10.2838/27221

© L-Unjoni Ewropea, 2014
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementari (ECF)

MT

DS-01-14-725-MT-N

**Kuntatt**

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja
Network Ġudizzjarju Ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali
just-ejn-civil@ec.europa.eu
http://ec.europa.eu/justice/civil

Netwerk Ġudizzjarju Ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet